# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 91

Edizzjoni bil-Malti **Leġiżlazzjoni**

**Volum 66**

**29 ta' Marzu 2023**

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/689 tal-20 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) ir-razza QST 713, *Bacillus thuringiensis* subsp. Aizawai tar-razez ABTS-1857 u GC-91, *Bacillus thuringiensis* subsp. Israeliensis (serotip H-14) tar-razza AM65-52, *Bacillus thuringiensis* subsp. Kurstaki tar-razez ABTS 351, PB 54, SA 11, SA12 u EG 2348, *Beauveria bassiana* tar-razez ATCC 74040 u GHA, klodinafop, Cydia pomonella *Granulovirus* (CpGV), ċiprodinil, diklorprop-P, fenpirossimat, fosetil, malatijon, mepanipirim, metkonażol, metrafenon, pirimikarb, piridaben, pirimetanil, rimsulfuron, spinosad, *Trichoderma asperellum* (qabel *T. harzianum*) tar-razez ICC012, T25 u TV1, *Trichoderma atroviride* (qabel *T. harzianum*) tar-razza T11, *Trichoderma gamsii* (qabel *T. viride*) tar-razza ICC080, *Trichoderma harzianum* tar-razez T-22 u ITEM 908, triklopir, trineksapak, tritikonażol u żiram** [1] ..... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/690 tat-22 ta' Marzu 2023 li jirreġistra isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Kangra tea" (IĠP))** ..... 7

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/691 tat-22 ta' Marzu 2023 li jirreġistra isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Komiški rogač" (IĠP))** ..... 8

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/692 tat-28 ta' Marzu 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia** ..... 9

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/693 tas-27 ta' Marzu 2023 li temenda d-Deċiżjonijiet (UE) 2017/1214, (UE) 2017/1215, (UE) 2017/1216, (UE) 2017/1217, (UE) 2017/1218, (UE) 2017/1219 u (UE) 2018/680 fir-rigward tal-perjodu ta' validità tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati** *(notifikata bid-dokument C(2023) 1886)* ([1]) .... 11

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/694 tat-22 ta' Marzu 2023 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "End The Horse Slaughter Age"** *(notifikata bid-dokument C(2023) 1839)* .... 15

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/695 tas-27 ta' Marzu 2023 li tistabbilixxi l-format tar-rapport rigward l-istatus u x-xejriet tal-ispeċijiet ta' għasafar selvaġġi msemmija fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-Direttiva dwar l-Għasafar)** *(notifikata bid-dokument C(2023) 1889)* .... 17

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/696 tas-27 ta' Marzu 2023 li taċċetta talba mressqa mir-Repubblika Taljana skont id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għan-nuqqas ta' applikazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2024 tal-punt 7.4.2.1 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 għal għaxar vetturi ETR675** *(notifikata bid-dokument C(2023) 1916)* .... 63

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Deċiżjoni NRU 2021/05 tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-komunità tat-trasport dwar ir-reviżjoni tal-Anness I tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport [2023/697]** .... 66

★ **Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali stabbilit mill-Artikolu 8(1)(P) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, tal-10 ta' Marzu 2023 fir-rigward tal-użu tal-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali għat-trażmissjoni tad-*data* bejn l-istituzzjonijiet jew il-korpi ta' kollegament [2023/698]** .... 89

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/689

**tal-20 ta’ Marzu 2023**

**li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) ir-razza QST 713, *Bacillus thuringiensis* subsp. Aizawai tar-razez ABTS-1857 u GC-91, *Bacillus thuringiensis* subsp. Israeliensis (serotip H-14) tar-razza AM65-52, *Bacillus thuringiensis* subsp. Kurstaki tar-razez ABTS 351, PB 54, SA 11, SA12 u EG 2348, *Beauveria bassiana* tar-razez ATCC 74040 u GHA, klodinafop, Cydia pomonella *Granulovirus* (CpGV), ċiprodinil, diklorprop-P, fenpirossimat, fosetil, malatijon, mepanipirim, metkonażol, metrafenon, pirimikarb, piridaben, pirimetanil, rimsulfuron, spinosad, *Trichoderma asperellum* (qabel *T. harzianum*) tar-razez ICC012, T25 u TV1, *Trichoderma atroviride* (qabel *T. harzianum*) tar-razza T11, *Trichoderma gamsii* (qabel *T. viride*) tar-razza ICC080, *Trichoderma harzianum* tar-razez T-22 u ITEM 908, triklopir, trineksapak, tritikonażol u żiram**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 17, l-ewwel paragrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Is-sustanzi attivi inklużi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([2]) jitqiesu li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u huma elenkati fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([3]).

(2) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/378 ([4]) jestendi l-perjodu tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) tar-razza QST 713, *Bacillus thuringiensis* subsp. Aizawai tar-razez ABTS-1857 u GC-91, *Bacillus thuringiensis* subsp. Israeliensis (serotip H-14) tar-razza AM65-52, *Bacillus thuringiensis* subsp. Kurstaki ir-razez ABTS 351, PB 54, SA 11, SA12 u EG 2348, *Beauveria bassiana* tar-razez ATCC 74040 u GHA,

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta’ Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta’ Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f’dak li għandu x’jaqsam mal-lista ta’ sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/378 tal-4 ta’ Marzu 2022 li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi abamektina, Bacillus subtilis (Cohn 1872) tar-razza QST 713, Bacillus thuringiensis subsp. Aizawai tar-razez ABTS-1857 u GC-91, Bacillus thuringiensis subsp. Israeliensis (serotip H-14) tar-razza AM65-52, Bacillus thuringiensis subsp. Kurstaki tar-razez ABTS 351, PB 54, SA 11, SA12 u EG 2348, Beauveria bassiana tar-razez ATCC 74040 u GHA, clodinafop, Cydia pomonella Granulovirus (CpGV), cyprodinil, diklorprop-P, fenpyroximate, fosetyl, malatijon, mepanipirim, metconazole, metrafenone, pirimicarb, Pseudomonas chlororaphis tar-razza MA342, pyrimethanil, Pythium oligandrum M1, rimsulfuron, spinosad, Trichoderma asperellum (li qabel kienet “T. harzianum”) tar-razez ICC012, T25 u TV1, Trichoderma atroviride (li qabel kienet “T. harzianum”) tar-razza T11, Trichoderma gamsii (li qabel kienet “T. viride”) tar-razza ICC080, Trichoderma harzianum tar-razez T-22 u ITEM 908, triklopir, trinexapac, triticonazole u ziram (ĠU L 72, 7.3.2022, p. 2).

klodinafop, Cydia pomonella *Granulovirus* (CpGV), ċiprodinil, diklorprop-P, fenpirossimat, fosetil, malatijon, mepanipirim, metkonażol, metrafenon, pirimikarb, piridaben, pirimetanil, rimsulfuron, spinosad, *Trichoderma asperellum* (qabel *T. harzianum*) tar-razez ICC012, T25 u TV1, *Trichoderma atroviride* (qabel *T. harzianum*) tar-razza T11, *Trichoderma gamsii* (qabel *T. viride*) tar-razza ICC080, *Trichoderma harzianum* tar-razez T-22 u ITEM 908, triklopir, trineksapak, tritikonażol u żiram sat-30 ta' April 2023.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1260 ([5]) jestendi l-perjodu tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva piridaben sat-30 ta' April 2023.

(4) L-applikazzjonijiet u d-dossiers supplimentari għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi attivi tressqu f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ([6]), li jkompli japplika għal dawn is-sustanzi attivi skont l-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1740 ([7]), u ġew iddikjarati ammissibbli mill-Istat Membru relatur rispettiv.

(5) Għas-sustanzi attivi *Beauveria bassiana* tar-razez ATCC 74040 u GHA, malatijon u piridaben, il-valutazzjoni tar-riskju skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 mill-Istati Membri relaturi rispettivi għadha ma ġietx iffinalizzata.

(6) Għas-sustanzi attivi *Trichoderma asperellum* (qabel *T. harzianum*) tar-razez ICC012, T25 u TV1, *Trichoderma atroviride* (qabel *T. harzianum*) tar-razza T11, *Trichoderma gamsii* (qabel *T. viride*) tar-razza ICC080, *Trichoderma harzianum* tar-razez T-22 u ITEM 908, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") talbet informazzjoni addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012. Din tressqet sal-iskadenza mogħtija tal-14 ta' Lulju 2022 u se jkun meħtieġ żmien addizzjonali għall-evalwazzjoni tagħha u għall-konklużjoni relatata mill-assessuri tar-riskju kif ukoll għad-deċiżjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju li tirriżulta f'konformità mal-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012.

(7) Għas-sustanza attiva rimsulfuron, għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kriterji għall-approvazzjoni stabbiliti fil-punt 3.6.5 u fil-punt 3.8.2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/605 ([8]), u f'konformità mal-Artikolu 14(1a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012, l-EFSA, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, trid tiddetermina jekk hijiex meħtieġa informazzjoni addizzjonali. Għas-sustanzi attivi klodinafop u fenpirossimat, l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kriterji għall-approvazzjoni stabbiliti fil-punt 3.6.5 u fil-punt 3.8.2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 kif emendat bir-Regolament (UE) 2018/605, u f'konformità mal-Artikolu 13(3a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 ġiet stabbilita fis-17 ta' Novembru 2023

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1260 tal-20 ta' Settembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 dwar l-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi piridaben, kwinmerak u fosfur taż-żingu (ĠU L 238, 21.9.2018, p. 30).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat- 18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1740 tal-20 ta' Novembru 2020 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 (ĠU L 392, 23.11.2020, p. 20).

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/605 tad-19 ta' April 2018 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 billi jistabbilixxi l-kriterji xjentifiċi biex jiġu ddeterminati l-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (ĠU L 101, 20.4.2018, p. 33).

u fl-4 ta' Mejju 2024 rispettivament. Għas-sustanzi attivi ċiprodinil, diklorprop-P, fosetil, mepanipirim, metkonażol, metrafenon, pirimikarb, pirimetanil, spinosad, triklopir, trineksapak, tritikonażol u żiram, informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kriterji ta' approvazzjoni stabbiliti fil-punt 3.6.5 u fil-punt 3.8.2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 kif emendat bir-Regolament (UE) 2018/605, intalbet mill-Awtorità skont l-Artikolu 13(3a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 u tressqet mill-applikanti sal-iskadenza mogħtija. Madankollu, huwa meħtieġ żmien addizzjonali għall-evalwazzjoni tagħha u għall-konklużjoni relatata mill-assessuri tar-riskju kif ukoll għad-deċiżjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju li tirriżulta f'konformità mal-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012.

(8) Għas-sustanzi attivi *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) tar-razza QST 713, *Bacillus thuringiensis* subsp. Aizawai tar-razez ABTS-1857 u GC-91, *Bacillus thuringiensis* subsp. Israeliensis (serotip H-14) tar-razza AM65-52, *Bacillus thuringiensis* subsp. Kurstaki tar-razez ABTS 351, PB 54, SA 11, SA12 u EG 2348 u Cydia pomonella *Granulovirus* (CpGV), l-Awtorità bagħtet il-konklużjoni tagħha f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 u l-Kummissjoni ppreżentat ir-rapporti tat-tiġdid rispettivi kif ukoll l-abbozzi tar-Regolamenti li jġeddu l-approvazzjoni ta' dawn is-sustanzi attivi lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf skont l-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012. Madankollu, il-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf għadu ma setax jagħti l-opinjoni tiegħu dwar ebda wieħed mill-abbozzi tar-Regolamenti li jġeddu l-approvazzjonijiet tas-sustanzi attivi msemmija hawn fuq.

(9) Għalhekk huwa probabbli li ma tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawn is-sustanzi attivi qabel l-iskadenza tal-approvazzjonijiet rispettivi tagħhom fit-30 ta' April 2023, u r-raġunijiet għad-dewmien fil-proċeduri tat-tiġdid ma jistgħux jiġu attribwiti lill-applikanti rispettivi.

(10) Minħabba li r-raġunijiet għad-dewmien fil-proċeduri tat-tiġdid mhumiex fil-kontroll tal-applikanti rispettivi, jenħtieġ li l-perjodi tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi jiġu estiżi sabiex ikunu jistgħu jitlestew il-valutazzjonijiet meħtieġa u sabiex jiġu ffinalizzati l-proċeduri regolatorji tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet rispettivi għat-tiġdid tal-approvazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat skont dan.

(11) F'każ li l-Kummissjoni tkun se tadotta Regolament li jipprevedi li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma tiġġeddidx għax ma jkunux ġew issodisfati l-kriterji tal-approvazzjoni, il-Kummissjoni trid tiffissa d-data tal-iskadenza fl-istess data bħal ta' qabel dan ir-Regolament, jew id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament, dejjem jekk l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ma tiġġeddidx, skont liema data tiġi l-aħħar. Rigward każijiet meta l-Kummissjoni tkun se tadotta Regolament li jipprevedi t-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tara li tistabbilixxi, skont iċ-ċirkostanzi, l-eqreb data ta' applikazzjoni possibbli.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2023.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata kif ġej:

(1) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 74, Żiram, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Marzu 2025”;

(2) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 90, Mepanipirim, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Marzu 2025”;

(3) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 123, Klodinafop, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Diċembru 2025”;

(4) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 124, Pirimikarb, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Marzu 2025”;

(5) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 125, Rimsulfuron, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Awwissu 2025”;

(6) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 127, Tritikonażol, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Marzu 2025”;

(7) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 130, Ċiprodinil, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Marzu 2025”;

(8) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 131, Fosetil, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Marzu 2025”;

(9) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 132, Trineksapak, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Diċembru 2024”;

(10) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 133, Diklorprop-P, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Marzu 2025”;

(11) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 134, Metkonażol, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Marzu 2025”;

(12) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 135, Pirimetanil, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Marzu 2025”;

(13) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 136, Triklopir, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Diċembru 2024”;

(14) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 137, Metrafenon, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Diċembru 2024”;

(15) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 138, *Bacillus subtilis* (Cohn 1872) tar-razza QST 713, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Awwissu 2024”;

(16) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 139, Spinosad, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Marzu 2025”;

(17) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 193, *Bacillus thuringiensis* subsp. aizawai, tar-razza ABTS-1857 u tar-razza GC-91, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Awwissu 2024”;

(18) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 194, *Bacillus thuringiensis* subsp. israeliensis (serotip H-14) tar-razza AM65-52, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Awwissu 2024”;

(19) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 195, *Bacillus thuringiensis* subsp. kurstaki tar-razza ABTS 351, tar-razza PB 54, tar-razza SA 11, tar-razza SA 12, tar-razza EG 2348, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Awwissu 2024”;

(20) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 197, *Beauveria bassiana* tar-razza ATCC 74040, tar-razza GHA, id-data hija sostitwita bid-data tat-“30 ta’ Settembru 2025”;

(21) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 198, *Cydia pomonella* Granulovirus (CpGV), id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ Awwissu 2024”;

(22) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 204, *Trichoderma atroviride* (li qabel kien *T. harzianum*) tar-razza T11, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ April 2025”;

(23) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 206, *Trichoderma harzianum* tar-razza T-22, tar-razza ITEM 908, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ April 2025”;

(24) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 207, *Trichoderma asperellum* (li qabel kien *T. harzianum*) tar-razza ICC012, tar-razza T25, tar-razza TV1, id-data hija sostitwita bid-data tal-“15 ta’ April 2025”;

(25) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 208, *Trichoderma gamsii* (li qabel kien *T. viride*) tar-razza ICC080, id-data hija sostitwita bid-data tal-"15 ta' April 2025";

(26) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 213, Fenpirossimat, id-data hija sostitwita bid-data tal-"15 ta' Ġunju 2026";

(27) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 300, Malatijon, id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Lulju 2026";

(28) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 313, Piridaben, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Lulju 2026".

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/690

## tat-22 ta' Marzu 2023

## li jirreġistra isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Kangra tea" (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Indja għar-reġistrazzjoni tal-isem "Kangra tea" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-isem "Kangra tea" jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-isem "Kangra tea" (IĠP) huwa b'dan irreġistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel paragrafu jidentifika prodott tal-Klassi 1.8. Prodotti oħrajn elenkati fl-Anness I għat-Trattat (ħwawar eċċ.) tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([3]).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2023.

*Għall-Kummissjoni*
*F'isem il-President,*
Janusz WOJCIECHOWSKI
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 474, 14.12.2022, p. 55.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/691

## tat-22 ta' Marzu 2023

## li jirreġistra isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Komiški rogač" (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, it-talba mir-Repubblika Kroata għar-reġistrazzjoni tal-isem "Komiški rogač" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-isem "Komiški rogač" jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-isem "Komiški rogač" (IĠP) huwa b'dan irreġistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel subparagrafu jidentifika prodott tal-Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati, kif speċifikat fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([3]).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2023.

*Għall-Kummissjoni*
*F'isem il-President,*
Janusz WOJCIECHOWSKI
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 444, 23.11.2022, p. 20.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/692

### tat-28 ta' Marzu 2023

### li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Awwissu 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/452/PESK ([1]), li estendiet il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) stabbilita permezz tal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/736/PESK ([2]).

(2) Fis-17 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1970 ([3]) dwar l-iskjerament fl-Armenja, sad-19 ta' Diċembru 2022, ta' osservaturi tal-UE minn EUMM Georgia.

(3) Fil-25 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2318 ([4]), li estendiet l-EUMM Georgia sal-14 ta' Diċembru 2024.

(4) Fid-19 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2507 ([5]), li pprevediet l-iskjerament ta' tim minn EUMM Georgia fl-Armenja sabiex isaħħaħ l-għarfien tal-Unjoni dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà bil-ħsieb li jikkontribwixxi għall-ippjanar u t-tħejjija ta' missjoni ċivili possibbli tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni fl-Armenja.

(5) Fit-23 ta' Jannar 2023, permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/162 ([6]), il-Kunsill stabbilixxa l-Missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA), li tniedet fl-20 ta' Frar 2023 permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/386 ([7]).

(6) Minħabba li l-iskjerament mill-EUMM Georgia ta' tim fl-Armenja ma għadux neċessarju, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/452/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 3a tad-Deċiżjoni 2010/452/PESK huwa mħassar.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/452/PESK tat-12 ta' Awwissu 2010 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia (ĠU L 213, 13.8.2010, p. 43).

([2]) L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/736/PESK tal-15 ta' Settembru 2008 dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia (ĠU L 248, 17.9.2008, p. 26).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1970 tas-17 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia (ĠU L 270, 18.10.2022, p. 93).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2318 tal-25 ta' Novembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia (ĠU L 307, 28.11.2022, p. 133).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2507 tad-19 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia, EUMM Georgia (ĠU L 325, 20.12.2022, p. 110).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/162 tat-23 ta' Jannar 2023 dwar missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA (ĠU L 22, 24.1.2023, p. 29).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/386 tal-20 ta' Frar 2023 li tniedi l-missjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Armenja (EUMA) u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/162 (ĠU L 53, 21.2.2023, p. 17).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-20 ta' Frar 2023.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Marzu 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
E. BUSCH

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/693

**tas-27 ta' Marzu 2023**

**li temenda d-Deċiżjonijiet (UE) 2017/1214, (UE) 2017/1215, (UE) 2017/1216, (UE) 2017/1217, (UE) 2017/1218, (UE) 2017/1219 u (UE) 2018/680 fir-rigward tal-perjodu ta' validità tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati**

*(notifikata bid-dokument C(2023) 1886)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar l-Ekotikketta tal-UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 jipprevedi li l-Ekotikketta tal-UE tista' tiġi mgħotija lill-prodotti li jħallu l-anqas impatt ambjentali tul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom. Se jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi tal-Ekotikketta tal-UE għal kull grupp ta' prodotti.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1214 ([2]), il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE ġew stabbiliti għall-grupp ta' prodotti "deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn". Il-validità ta' dawk il-kriterji u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fis-26 ta' Ġunju 2023.

(3) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1215 ([3]), il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE ġew stabbiliti għall-grupp ta' prodotti "deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti industrijali u istituzzjonali". Il-validità ta' dawk il-kriterji u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fis-26 ta' Ġunju 2023.

(4) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1216 ([4]), il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE ġew stabbiliti għall-grupp ta' prodotti "deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti". Il-validità ta' dawk il-kriterji u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fis-26 ta' Ġunju 2023.

(5) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1217 ([5]), il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE ġew stabbiliti għall-grupp ta' prodotti "prodotti tat-tindif għal uċuħ ebsin". Il-validità ta' dawk il-kriterji u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fis-26 ta' Ġunju 2023.

(6) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1218 ([6]), il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE ġew stabbiliti għall-grupp ta' prodotti "deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ". Il-validità ta' dawk il-kriterji u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fis-26 ta' Ġunju 2023.

---

([1]) ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1214 tat-23 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għad-deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn (ĠU L 180, 12.7.2017, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1215 tat-23 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għad-deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti industrijali u istituzzjonali (ĠU L 180, 12.7.2017, p. 16).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1216 tat-23 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għad-deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti (ĠU L 180, 12.7.2017, p. 31).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1217 tat-23 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-prodotti tat-tindif għal uċuħ ebsin (ĠU L 180, 12.7.2017, p. 45).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1218 tat-23 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għad-deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ (ĠU L 180, 12.7.2017, p. 63).

(7) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1219 ([7]), il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE ġew stabbiliti għall-grupp ta' prodotti "deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ industrijali u istituzzjonali". Il-validità ta' dawk il-kriterji u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fis-26 ta' Ġunju 2023.

(8) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/680 ([8]), il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE ġew stabbiliti għall-grupp ta' prodotti "servizzi tat-tindif ta' ġewwa". Il-validità ta' dawk il-kriterji u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fit-3 ta' Mejju 2023.

(9) F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kontroll tal-Idoneità tal-Ekotikketta tal-UE tat-30 ta' Ġunju 2017 ([9]), il-Kummissjoni, bil-pariri u l-assistenza tal-Bord tal-Ekotikkettar tal-UE, ivvalutat u kkonfermat ir-rilevanza tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-gruppi ta' prodotti msemmija hawn, filwaqt li implimentat soluzzjonijiet biex jittejbu s-sinerġiji bejn il-gruppi ta' prodotti u biex tiżdied l-adozzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Dan jinkludi r-raggruppament ta' gruppi ta' prodotti li huma relatati mill-qrib, fejn ikun xieraq, u l-iżgurar li, matul il-proċess ta' reviżjoni tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE, il-Kummissjoni tagħti attenzjoni xierqa lill-koerenza bejn il-politiki, il-leġiżlazzjoni u l-evidenza xjentifika rilevanti tal-Unjoni.

(10) Il-valutazzjoni msemmija hawn fuq żvelat li, għall-gruppi ta' prodotti tad-deterġenti, meħtieġa reviżjoni sabiex tiġi żgurata l-koerenza ma' politiki oħra tal-Unjoni. Dik ir-reviżjoni se tqis l-eżitu tar-reviżjoni li għaddejja tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]). Għas-servizzi tat-tindif ta' ġewwa, il-kriterji tqiesu li għadhom aġġornati u x'aktarx li jkunu aġġornati fis-snin li ġejjin. Għalhekk, ir-reviżjoni tal-kriterji relatati tista' tibda fi stadju aktar tard li tippermetti wkoll referenzi għall-kriterji riveduti dwar id-deterġenti.

(11) Għalhekk, sabiex il-Kummissjoni twettaq ir-reviżjoni tal-kriterji relatati f'sinerġija mal-inizjattivi leġiżlattivi li jmiss u tirraggruppahom flimkien, jekk possibbli, huwa xieraq li l-validità tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE stabbiliti fid-Deċiżjonijiet (UE) 2017/1214, (UE) 2017/1215, (UE) 2017/1216, (UE) 2017/1217, (UE) 2017/1218, (UE) 2017/1219 u (UE) 2018/680 tiġi estiża.

(12) Sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex jiġu ffinalizzati l-proċessi ta' reviżjoni u biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-suq għad-detenturi tal-liċenzji bejn il-verżjonijiet attwali u dawk riveduti tal-kriterji, il-perjodu ta' validità tal-kriterji attwali u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati jenħtieġ li jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2026 għad-deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn, għad-deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti industrijali u istituzzjonali, għad-deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti, għall-prodotti tat-tindif għal uċuħ ebsin, għad-deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ, għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ industrijali u istituzzjonali. Għas-servizzi tat-tindif ta' ġewwa, il-perjodu ta' validità tal-kriterji attwali u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati jenħtieġ li jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2027.

(13) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjonijiet (UE) 2017/1214, (UE) 2017/1215, (UE) 2017/1216, (UE) 2017/1217, (UE) 2017/1218 u (UE) 2017/1219, (UE) 2018/680 jiġu emendati skont dan.

(14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1219 tat-23 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ industrijali u istituzzjonali (ĠU L 180, 12.7.2017, p. 79).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/680 tat-2 ta' Mejju 2018 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għas-servizzi tat-tindif ta' ġewwa (ĠU L 114, 4.5.2018, p. 22).

([9]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) u r-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar l-Ekotikketta tal-UE (COM(2017) 355 final).

([10]) Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar deterġenti, (ĠU L 104, 8.4.2004, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2017/1214**

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1214 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti 'deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn', u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom jibqgħu validi sat-31 ta' Diċembru 2026.".

*Artikolu 2*

**Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2017/1215**

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1215 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti 'deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti industrijali u istituzzjonali', u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2026.".

*Artikolu 3*

**Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2017/1216**

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1216 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti 'deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti', kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2026.".

*Artikolu 4*

**Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2017/1217**

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1217 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti 'prodotti tat-tindif għal uċuħ ebsin' u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2026.".

*Artikolu 5*

**Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2017/1218**

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1218 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti 'deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ', kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2026.".

*Artikolu 6*

**Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2017/1219**

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1219 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti 'deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ industrijali u istituzzjonali', u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2026.".

*Artikolu 7*

**Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2018/680**

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2018/680 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti 'servizzi tat-tindif ta' ġewwa', kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2027."

*Artikolu 8*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2023.

*Għall-Kummissjoni*
Virginijus SINKEVIČIUS
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/694

**tat-22 ta’ Marzu 2023**

**dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “End The Horse Slaughter Age”**

*(notifikata bid-dokument C(2023) 1839)*

**(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 6(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-31 ta’ Jannar 2023 il-Kummissjoni ġiet ippreżentata talba dwar ir-reġistrazzjoni ta’ inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “End The Horse Slaughter Age”.

(2) L-għanijiet tal-inizjattiva kif ġew spjegati mill-organizzaturi huma: “L-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej End The Horse Slaughter Age titlob liġi li tipprojbixxi l-qtil taż-żwiemel, inkluż fil-projbizzjoni wkoll it-tgħammir u l-esportazzjoni tagħhom għall-produzzjoni tal-pil, il-ġilda, il-laħam jew għall-manifattura ta’ mediċini jew sustanzi oħra. L-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej End The Horse Slaughter Age titlob ukoll liġi li twaqqaf it-trasport fuq distanzi twal ta’ żwiemel madwar l-Ewropa għall-qatla u regolament li jipproteġi ż-żwiemel milli jkunu mġiegħla jagħmlu xogħol żejjed jew taħriġ iebes.”

(3) L-inizjattiva tinkludi anness li jipprovdi aktar dettalji dwar is-suġġett, l-objettivi u l-isfond. L-organizzaturi jsostnu li l-qtil taż-żwiemel għall-konsum mill-bniedem huwa prattika krudili, xprunata mid-domanda għal-laħam taż-żiemel, li mhuwiex sikur għall-konsum mill-bniedem. Bil-projbizzjoni tal-qtil taż-żwiemel jixtiequ jġibu l-leġiżlazzjoni dwar iż-żwiemel konformi mal-leġiżlazzjoni għall-klieb u l-qtates.

(4) Dokument addizzjonali b’xi dettalji ulterjuri dwar l-objettivi tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta u abbozz ta’ att legali li jesprimi l-għanijiet ewlenin tal-inizjattiva ġew ippreżentati wkoll mill-grupp ta’ organizzaturi bħala parti mit-talba għar-reġistrazzjoni tagħhom.

(5) Il-Kummissjoni tqis li l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa’ manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati. L-Artikolu 43(2) tat-Trattat jipprovdi lill-Kummissjoni, *inter alia*, bis-setgħa li tipproponi leġiżlazzjoni li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-annimali miżmuma għal skopijiet ta’ biedja. L-Artikoli 114 u 207 tat-Trattat jipprovdu lill-Kummissjoni bis-setgħa li tipproponi leġiżlazzjoni li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u l-esportazzjoni taż-żwiemel għall-produzzjoni tal-pil, tal-ġilda, tal-laħam jew għall-manifattura ta’ mediċini jew sustanzi oħra.

(6) Din il-konklużjoni hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni ta’ jekk il-kundizzjonijiet sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inklużi l-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u l-kompatibbiltà mad-drittijiet fundamentali, ikunux issodisfati f’dan il-każ.

(7) Il-grupp ta’ organizzaturi pprovda evidenza xierqa li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta’ kuntatt f’konformità mal-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, ta’ dak ir-Regolament.

[1] ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55.

(8) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew kontra d-drittijiet minquxin fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(9) Għaldaqstant jenħtieġ li l-inizjattiva intitolata "End The Horse Slaughter Age" tiġi rreġistrata.

(10) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati ma timplikax li l-Kummissjoni b'xi mod jew ieħor tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta' organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista' jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "End The Horse Slaughter Age" għandha tiġi rreġistrata.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini intitolata "End The Horse Slaughter Age", irrappreżentat mis-Sinjura Paola SGARBAZZINI u mis-Sinjura Nora PAGLIONICO li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2023.

*Għall-Kummissjoni*
Věra JOUROVÁ
*Viċi President*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/695

**tas-27 ta' Marzu 2023**

**li tistabbilixxi l-format tar-rapport rigward l-istatus u x-xejriet tal-ispeċijiet ta' għasafar selvaġġi msemmija fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-Direttiva dwar l-Għasafar)**

*(notifikata bid-dokument C(2023) 1889)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1), it-tieni subparagrafu tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2009/147/KE jirrikjedi li kull sitt snin l-Istati Membri jibagħtu rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda skont dik id-Direttiva u l-impatti ewlenin ta' dawk il-miżuri.

(2) Dak ir-rapport għandu jinkludi, b'mod partikolari, informazzjoni dwar l-istatus u x-xejriet tal-ispeċijiet ta' għasafar selvaġġi protetti bid-Direttiva 2009/147/KE, it-theddidiet u l-pressjoni fuqhom, il-miżuri ta' konservazzjoni meħuda għalihom u l-kontribut tan-network taż-Żoni ta' Protezzjoni Speċjali għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva.

(3) Il-format ta' dak ir-rapport għandu jkun allinjat mal-format tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 17(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([2]).

(4) Id-dokumentazzjoni ta' sostenn li tiffaċilita l-użu konsistenti tal-format tar-rapportar fl-Unjoni kollha, inkluż il-listi ta' kodiċijiet, il-gwida teknika u l-formati tal-fajls tad-*data* għat-trażmissjoni tal-informazzjoni, hija disponibbli għall-Istati Membri f'portal ta' referenza online għall-Artikolu 12 li tieħu ħsiebu l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattament għall-Progress Xjentifiku u Tekniku stabbilit skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2009/147/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-format tar-rapportar imsemmi fl-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2009/147/KE huwa stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2023.

*Għall-Kummissjoni*
Virginijus SINKEVIČIUS
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

*ANNESS*

## IL-FORMAT TAR-RAPPORTAR KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 12 TAD-DIRETTIVA 2009/147/KE (ID-DIRETTIVA DWAR L-GĦASAFAR)

Il-format tar-rapportar tal-Artikolu 12 għandu żewġ partijiet ewlenin:

— Parti A – Il-format tar-rapportar ġenerali, li jagħti ħarsa ġenerali lejn l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-miżuri ġenerali meħuda skont id-Direttiva 2009/147/KE.

— Parti B – Il-format tar-rapportar dwar l-istatus u x-xejriet tal-ispeċijiet ta' għasafar, inkluża informazzjoni dwar il-pressjonijiet, il-miżuri ta' konservazzjoni u l-kopertura taż-Żoni ta' Protezzjoni Speċjali.

Il-format tar-rapport għandu jimtela skont l-istruzzjonijiet mogħtija fin-noti ta' spjegazzjoni. Aktar gwida tista' tinstab fil-"portal ta' referenza tal-Artikolu 12" online.

*Taqsimiet ewlenin tal-format tar-rapportar tal-Artikolu 12*

<table>
<tr><td colspan="2">Parti A – Il-format tar-rapport ġenerali</td><td rowspan="5">Din it-taqsima jeħtieġ li timtela darba b'mod li tkopri l-Istat Membru kollu kemm hu</td></tr>
<tr><td>1.</td><td>Il-kisbiet ewlenin skont id-Direttiva 2009/147/KE</td></tr>
<tr><td>2.</td><td>Sorsi ta' informazzjoni ġenerali dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE</td></tr>
<tr><td>3.</td><td>Ir-riċerka u l-ħidma meħtieġa bħala bażi għall-protezzjoni, il-ġestjoni u l-użu sostenibbli tal-popolazzjonijiet tal-għasafar (l-Art. 10 tad-Direttiva 2009/147/KE)</td></tr>
<tr><td>4.</td><td>Speċijiet ta' għasafar aljeni (l-Art. 11 tad-Direttiva 2009/147/KE)</td></tr>
<tr><td colspan="2">Parti B – Il-format tar-rapport dwar l-istatus u x-xejriet tal-ispeċijiet ta' għasafar</td><td rowspan="12">Din it-taqsima jeħtieġ li timtela għall-ispeċijiet ta' għasafar rilevanti kollha ta' Stat Membru f'konformità mal-gwida mogħtija fin-noti ta' spjegazzjoni u fil-listi ta' kontroll rilevanti fil-"portal ta' referenza tal-Artikolu 12" online.</td></tr>
<tr><td>1.</td><td>Informazzjoni dwar l-ispeċijiet</td></tr>
<tr><td>2.</td><td>Staġun</td></tr>
<tr><td>3.</td><td>Daqs tal-popolazzjoni</td></tr>
<tr><td>4.</td><td>Xejra tal-popolazzjoni</td></tr>
<tr><td>5.</td><td>Mappa u daqs tad-distribuzzjoni tat-tnissil</td></tr>
<tr><td>6.</td><td>Xejra tad-distribuzzjoni tat-tnissil</td></tr>
<tr><td>7.</td><td>Pressjonijiet u theddidiet ewlenin</td></tr>
<tr><td>8.</td><td>Miżuri ta' konservazzjoni</td></tr>
<tr><td>9.</td><td>Kopertura ta' Natura 2000 (Żoni ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS))</td></tr>
<tr><td>10.</td><td>Progress fil-ħidma relatata ma' Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Ispeċijiet (SAPs), Pjanijiet ta' Ġestjoni (MPs) u Dikjarazzjonijiet ta' Ġestjoni fil-Qosor (BMSs) internazzjonali</td></tr>
<tr><td>11.</td><td>Informazzjoni relatata mal-ispeċijiet imsemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2009/147/KE</td></tr>
</table>

## PARTI A – IL-FORMAT TAR-RAPPORT ĠENERALI

| **Stat Membru** | *Uża l-kodiċi skont il-lista fil-Portal ta' referenza* |
|---|---|

**1 Kisbiet ewlenin skont id-Direttiva 2009/147/KE**

Test liberu

— Kisba ewlenija

Iddeskrivi fil-qosor il-kisbiet ewlenin skont id-Direttiva 2009/147/KE matul il-perjodu ta' rapportar, b'enfasi speċjali fuq in-network taż-ŻPS.

— Eżempju ta' storja ta' suċċess

Jekk disponibbli, iddeskrivi fil-qosor mill-inqas storja waħda ta' suċċess. Din tista' tikkonċerna kwalunkwe speċi ta' għasafar selvaġġi li turi titjib ġenwin matul il-perjodu ta' rapportar, jiġifieri xejra li qed tiżdied tal-popolazzjoni fuq terminu qasir (tnissil jew kenn fix-xitwa) irrispettivament mix-xejra fit-tul tagħha jew xejra stabbli/li tvarja tal-popolazzjoni fuq terminu qasir fid-dawl tax-xejriet ta' tnaqqis fit-tul.
It-titjib deskritt għandu jkun xprunat minn miżuri ta' konservazzjoni, għandu jikkonċerna l-perjodu ta' rapportar attwali, iżda jista' jinkludi wkoll miżuri li bdew f'mument aktar kmieni.

Jekk Stat Membru jkun jixtieq iżid aktar dokumentazzjoni ma' dik li tintalab f'dan il-format, semmi tali dokumentazzjoni bħala Annessi flimkien mal-ismijiet tal-fajls tagħhom fi tmiem din it-taqsima b'test liberu u tella' l-fajls rilevanti fil-mekkaniżmu ta' rapportar tal-EEA flimkien mal-bqija tar-rapport. Jekk possibbli, ipprovdi traduzzjoni bl-Ingliż.

| | | |
|---|---|---|
| 1.1 | **Test bil-lingwa nazzjonali** | *Massimu ta' 2-3 paġni* |
| 1.2 | **Traduzzjoni bl-Ingliż** *Fakultattiva* | |
| 1.3 | **Isem, kodiċi u staġun tal-ispeċijiet / tas-sottospeċijiet fi stejjer ta' suċċess** | a) *Kodiċi u isem tal-ispeċi ta' għasafar*<br>b) *Staġun* |

**2 Sorsi ta' informazzjoni ġenerali dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE**

*Ipprovdi link għall-indirizz(i) tal-internet għas-sorsi ta' informazzjoni nazzjonali fejn tista' tinstab l-informazzjoni mitluba jew spjega kif għandha tiġi aċċessata din l-informazzjoni.*

| | | |
|---|---|---|
| 2.1 | **Informazzjoni ġenerali dwar id-Direttiva 2009/147/KE** | *URL/test* |
| 2.2 | **Informazzjoni dwar in-network ta' Natura 2000 (Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS))** | *URL/test* |
| 2.3 | **Skemi ta' monitoraġġ (l-Art. 4(1) u l-Art. 10 tad-Direttiva 2009/147/KE)** | *URL/test* |
| 2.4 | **Protezzjoni tal-ispeċijiet (l-Art. 5 sa 8 tad-Direttiva 2009/147/KE)** | *URL/test* |
| 2.5 | **Traspożizzjoni tad-Direttiva (testi legali)** | *URL/test* |

## 3 Ir-riċerka u l-ħidma meħtieġa bħala bażi għall-protezzjoni, il-ġestjoni u l-użu sostenibbli tal-popolazzjonijiet tal-għasafar (l-Art. 10 tad-Direttiva 2009/147/KE)

*Elenka l-aktar attivitajiet reċenti hawn taħt. Informazzjoni addizzjonali b'test liberu ta' rilevanza b'referenza għall-implimentazzjoni tal-Art. 10 tista' tingħata fit-Taqsima 1 (kisbiet ewlenin).*

| | |
|---|---|
| 3.1 **Atlas nazzjonali tal-għasafar** | |
| 3.1.1 **Titolu** | |
| 3.1.2 **Sena tal-pubblikazzjoni** | |
| 3.1.3 **Web link u/jew referenza bibljografika** | *URL/test* |
| 3.2 **Ħarsa ġenerali lejn il-monitoraġġ nazzjonali tal-għasafar**<br>*Irrepeti l-kampijiet minn 3.2.1 sa 3.2.3 jekk ikunu ġew ippubblikati aktar minn ħarsa ġenerali waħda* | |
| 3.2.1 **Titolu jew simili flimkien ma' deskrizzjoni qasira** | *L-ispeċijiet koperti, ir-riżultati ewlenin, eċċ.* |
| 3.2.2 **Sena tal-pubblikazzjoni** | |
| 3.2.3 **Web link u/jew referenza bibljografika** | *URL/test* |
| 3.3 **Lista ħamra nazzjonali tal-għasafar** | |
| 3.3.1 **Titolu** | |
| 3.3.2 **Sena tal-pubblikazzjoni** | |
| 3.3.3 **Web link u/jew referenza bibljografika** | *URL/test* |
| 3.4 Pubblikazzjonijiet oħrajn ta' interess għall-UE kollha (eż. ħarsa ġenerali nazzjonali lejn l-azzjoni għall-ispeċijiet mhedda)<br>*Irrepeti l-kampijiet minn 3.4.1 sa 3.4.3 jekk ikun hemm aktar minn waħda; massimu ta' 10 pubblikazzjonijiet* | |
| 3.4.1 **Titolu jew simili flimkien ma' deskrizzjoni qasira** | *L-ispeċijiet koperti, ir-riżultati ewlenin, eċċ.* |
| 3.4.2 **Sena tal-pubblikazzjoni** | |
| 3.4.3 **Web link u/jew referenza bibljografika** | *URL/test* |

## 4 Speċijiet ta' għasafar aljeni (l-Art. 11 tad-Direttiva 2009/147/KE)

*Rapport dwar l-ispeċijiet ta' għasafar li ma jeżistux b'mod naturali fis-selvaġġ fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri u li għalihom saret introduzzjoni matul il-perjodu ta' rapportar. Irrepeti l-kampijiet minn 4.1 sa 4.5 għal kull speċi rrapportata kif meħtieġ.*

| | |
|---|---|
| 4.1 **Isem xjentifiku tal-ispeċi** | |
| 4.2 **Unità sottospeċifika** | *Fejn rilevanti* |
| 4.3 **Kontenut ewlieni tad-deċiżjoni legali għall-introduzzjoni** | *Test liberu; biex tinkludi ġustifikazzjoni, in-numru ta' individwi u d-durata ta' kwalunkwe awtorizzazzjoni* |
| 4.4 **Konsultazzjoni mal-Kummissjoni** | *Data* |
| 4.5 **Informazzjoni addizzjonali**<br>*Fakultattiva* | *Informazzjoni rilevanti oħra, komplementari għad-data mitluba taħt il-kampijiet minn 4.1 sa 4.4*<br>*Test liberu* |

## PARTI B – IL-FORMAT TAR-RAPPORT DWAR L-ISTATUS U X-XEJRIET TAL-ISPEĊIJIET TA' GĦASAFAR

| 1 **Informazzjoni dwar l-ispeċijiet** | |
|---|---|
| 1.1 **Stat Membru** | *Uża kodiċi skont il-lista fil-Portal ta' referenza* |
| 1.2 **Kodiċi tal-ispeċi** | *Agħżel kodiċi mil-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet tal-għasafar fil-portal ta' referenza* |
| 1.3 **Kodiċi EURING** | *Agħżel kodiċi mil-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet tal-għasafar fil-portal ta' referenza* |
| 1.4 **Isem xjentifiku tal-ispeċi** | *Agħżel speċi mil-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet tal-għasafar fil-portal ta' referenza* |
| 1.5 **Popolazzjoni sottospeċifika** | *Fejn rilevanti, agħżel il-popolazzjoni distinta (skont il-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet tal-għasafar fil-portal ta' referenza)* |
| 1.6 **Isem xjentifiku ta' speċi alternattiva** *Fakultattiva* | *L-isem xjentifiku użat fil-livell nazzjonali, jekk ikun differenti minn 1.4* |
| 1.7 **Isem komuni** *Fakultattiva* | *Bil-lingwa nazzjonali* |

| 2 **Staġun** | |
|---|---|
| 2.1 **Staġun** | *Agħżel staġun li fih inġabret id-data li qed tirrapporta: Tnissil / Kenn fix-xitwa / Passa (kif identifikati fil-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet ta' għasafar)* |
| 2.2 **Rapportar għall-ewwel darba** | *Jekk jogħġbok indika jekk din hijiex l-ewwel sessjoni ta' rapportar għal din l-ispeċi (esklużi sitwazzjonijiet li jinvolvu bidla fl-isem jew fil-kodiċi tal-ispeċi bejn il-perjodi ta' rapportar)*<br>☐ *IVA*<br>☐ *LE* |
| 2.3 **Informazzjoni addizzjonali** | *Jekk jogħġbok indika n-natura tar-rapportar għall-ewwel darba. Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali oħra hija fakultattiva.* |

| 3 **Daqs tal-popolazzjoni** | | |
|---|---|---|
| 3.1 **Sena jew perjodu** | *Sena jew perjodu meta d-daqs tal-popolazzjoni ġie ddeterminat l-aħħar* | |
| 3.2 **Daqs tal-popolazzjoni** | a) **Unità** | *Pari tat-tnissil / individwi / oħrajn (skont il-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet ta' għasafar fil-portal ta' referenza)* |
| | b) **Minimu** | *Numru (mhux ipproċessat, jiġifieri mhux arrotondat). Ipprovdi intervall (b, c) u/jew l-aħjar valur uniku (d)* |
| | c) **Massimu** | *Numru (mhux ipproċessat, jiġifieri mhux arrotondat). Ipprovdi intervall (b, c) u/jew l-aħjar valur uniku (d)* |
| | d) **L-aħjar valur uniku** | *Numru (mhux ipproċessat, jiġifieri mhux arrotondat). Ipprovdi intervall (b, c) u/jew l-aħjar valur uniku (d)* |
| 3.3 **Tip ta' stima** | *L-aħjar stima / medja ta' diversi snin / intervall ta' kunfidenza ta' 95 % / minimu* | |
| 3.4 **Daqs tal-popolazzjoni Metodu użat** | *Agħżel wieħed mill-metodi li ġejjin:*<br>a) *Stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta*<br>b) *Prinċipalment abbażi ta' estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' data*<br>c) *Prinċipalment abbażi ta' opinjoni esperta b'data limitata ħafna*<br>d) *Data insuffiċjenti jew l-ebda data disponibbli* | |
| 3.5 **Sorsi** | *Agħti referenzi bibljografiċi, link għas-siti tal-internet, dettalji ta' kuntatt tal-esperti, eċċ. Test liberu* | |

| | |
|---|---|
| 3.6 **Bidla u raġuni għall-bidla (minn rapport preċedenti)** | *Hemm bidla bejn il-perjodi ta' rapportar? Jekk iva, jistgħu jintgħażlu aktar minn għażla waħda minn b) sa f)*<br>a) *le, ma hemm l-ebda bidla*<br>b) *iva, minħabba bidla ġenwina*<br>c) *iva, minħabba għarfien imtejjeb/data aktar preċiża*<br>d) *iva, minħabba l-użu ta' metodu differenti*<br>e) *iva, iżda n-natura tal-bidla mhijiex magħrufa*<br>f) *iva, minħabba raġunijiet oħrajn* |
| | *Il-bidla hija prinċipalment dovuta għal (agħżel waħda mir-raġunijiet ta' hawn taħt):*<br>a) *bidla ġenwina*<br>b) *għarfien imtejjeb jew data aktar preċiża*<br>c) *l-użu ta' metodu differenti*<br>d) *mhux magħrufa*<br>e) *raġunijiet oħrajn* |
| 3.7 **Informazzjoni addizzjonali**<br>*Fakultattiva* | *Informazzjoni rilevanti oħra, komplementari għad-data mitluba taħt il-kampijiet minn 3.1 sa 3.6*<br>*Test liberu* |

| | | |
|---|---|---|
| 4 **Xejra tal-popolazzjoni** | | |
| 4.1 **Xejra ta' terminu qasir (l-aħħar 12-il sena)** | | |
| 4.1.1 **Xejra ta' terminu qasir Perjodu** | *Perjodu ta' żmien kontinwu ta' 12-il sena jew perjodu qrib kemm jista' jkun ta' dak, pereżempju, għall-perjodu ta' rapportar 2019-2024 dan huwa 2013-2024* | |
| 4.1.2 **Xejra ta' terminu qasir Direzzjoni** | *Agħżel waħda minn dawn li ġejjin:*<br>a) *stabbli*<br>b) *tvarja*<br>c) *tiżdied*<br>d) *tonqos*<br>e) *mhux ċerta*<br>f) *mhux magħrufa* | |
| 4.1.3 **Xejra ta' terminu qasir Kobor** | a) **Minimu** | *Bidla perċentwali matul il-perjodu indikat fil-kamp 4.1.1. Ipprovdi intervall (a, b) u/jew l-aħjar valur uniku (c)* |
| | b) **Massimu** | *Bidla perċentwali matul il-perjodu indikat fl-entrata 4.1.1. Ipprovdi intervall (a, b) u/jew l-aħjar valur uniku (c)* |
| | c) **L-aħjar valur uniku** | *Bidla perċentwali matul il-perjodu indikat fil-kamp 4.1.1. Ipprovdi intervall (a, b) u/jew l-aħjar valur uniku (c)* |
| 4.1.4 **Xejra ta' terminu qasir Metodu użat** | *Agħżel wieħed mill-metodi li ġejjin:*<br>a) *Stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta*<br>b) *Prinċipalment abbażi ta' estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' data*<br>c) *Prinċipalment abbażi ta' opinjoni esperta b'data limitata ħafna*<br>d) *Data insuffiċjenti jew l-ebda data disponibbli* | |
| 4.1.5 **Sorsi** | *Agħti r-referenzi bibljografiċi, il-link għas-siti tal-internet,id-dettalji ta' kuntatt tal-esperti, eċċ.*<br>*Test liberu.* | |
| 4.2 **Xejra fit-tul (minn bejn wieħed u ieħor l-1980)** | | |
| 4.2.1 **Xejra fit-tul Perjodu** | *Perjodu minn madwar l-1980 sa tmiem il-perjodu ta' rapportar* | |
| 4.2.2 **Xejra fit-tul Direzzjoni** | *Agħżel waħda minn dawn li ġejjin:*<br>a) *stabbli*<br>b) *tvarja*<br>c) *tiżdied*<br>d) *tonqos*<br>e) *mhux ċerta*<br>f) *mhux magħrufa* | |

| | | |
|---|---|---|
| 4.2.3 **Xejra fit-tul Kobor** | a) **Minimu** | *Bidla perċentwali matul il-perjodu indikat fil-kamp 4.2.1.*<br>*Ipprovdi intervall (a, b) u/jew l-aħjar valur uniku (c)* |
| | b) **Massimu** | *Bidla perċentwali matul il-perjodu indikat fil-kamp 4.2.1.*<br>*Ipprovdi intervall (a, b) u/jew l-aħjar valur uniku (c)* |
| | c) **L-aħjar valur uniku** | *Bidla perċentwali matul il-perjodu indikat fil-kamp 4.2.1.*<br>*Ipprovdi intervall (a, b) u/jew l-aħjar valur uniku (c)* |
| 4.2.4 **Xejra fit-tul Metodu użat** | *Agħżel wieħed mill-metodi li ġejjin:*<br>a) *Stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta*<br>b) *Prinċipalment abbażi ta' estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' data*<br>c) *Prinċipalment abbażi ta' opinjoni esperta b'data limitata ħafna*<br>d) *Data insuffiċjenti jew l-ebda data disponibbli* | |
| 4.2.5 **Sorsi** | *Agħti r-referenzi bibljografiċi, il-link għas-siti tal-internet, id-dettalji ta' kuntatt tal-esperti, eċċ.*<br>*Test liberu* | |
| 4.3 **Informazzjoni addizzjonali** *Fakultattiva* | *Informazzjoni rilevanti oħra, komplementari għad-data mitluba taħt it-taqsimiet 4.1 u 4.2*<br>*Test liberu* | |

| 5 **Mappa u daqs tad-distribuzzjoni tat-tnissil** | |
|---|---|
| 5.1 **Speċijiet sensittivi** | *L-informazzjoni spazjali pprovduta hija relatata ma' speċi (jew popolazzjoni sottospeċifika) li għandha tiġi ttrattata bħala "sensittiva"*<br>☐ *IVA*<br>☐ *LE* |
| 5.2 **Sena jew perjodu** | *Sena jew perjodu meta d-distribuzzjoni tat-tnissil ġiet iddeterminata l-aħħar* |
| 5.3 **Mappa tad-distribuzzjoni tat-tnissil** | *Issottometti mappa flimkien mal-metadata rilevanti skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fin-Noti ta' Spjegazzjoni. L-istandard għad-distribuzzjoni tal-ispeċijiet huwa 10×10 km ta' ċelloli tal-grilja ETRS 89, projezzjoni ta' LAEA (EPSG:3035).* |
| 5.4 **Daqs tad-distribuzzjoni tat-tnissil** | *L-erja totali tas-superfiċe tad-distribuzzjoni tat-tnissil f'km$^2$* |
| 5.5 **Distribuzzjoni tat-tnissil Metodu użat** | *Agħżel wieħed mill-metodi li ġejjin:*<br>a) *Stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta*<br>b) *Prinċipalment abbażi ta' estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' data*<br>c) *Prinċipalment abbażi ta' opinjoni esperta b'data limitata ħafna*<br>d) *Data insuffiċjenti jew l-ebda data disponibbli* |
| 5.6 **Mapep addizzjonali** *Fakultattivi* | *L-Istat Membru jista' jissottometti mappa addizzjonali, li tiddevja mis-sottomissjoni standard taħt il-kamp 5.3. u/jew mappa tal-medda* |
| 5.7 **Sorsi** | *Agħti r-referenzi bibljografiċi, il-link għas-siti tal-internet, id-dettalji ta' kuntatt tal-esperti, eċċ.* |
| 5.8 **Informazzjoni addizzjonali** *Fakultattiva* | *Informazzjoni rilevanti oħra, komplementari għad-data mitluba taħt il-kampijiet minn 5.1 sa 5.7*<br>*Test liberu* |

| | | |
|---|---|---|
| 6 **Xejra tad-distribuzzjoni tat-tnissil** | | |
| 6.1 **Xejra ta’ terminu qasir (l-aħħar 12-il sena)** | | |
| 6.1.1 **Xejra ta’ terminu qasir Perjodu** | *Perjodu ta’ żmien kontinwu ta’ 12-il sena jew perjodu qrib kemm jista’ jkun ta’ dak, pereżempju, għall-perjodu ta’ rapportar 2019-2024 dan huwa 2013-2024* | |
| 6.1.2 **Xejra ta’ terminu qasir Direzzjoni** | *Agħżel waħda minn dawn li ġejjin:*<br>a) *stabbli*<br>b) *tvarja*<br>c) *tiżdied*<br>d) *tonqos*<br>e) *mhux ċerta*<br>f) *mhux magħrufa* | |
| 6.1.3 **Xejra ta’ terminu qasir Kobor** | a) **Minimu** | *Bidla perċentwali matul il-perjodu indikat fil-kamp 6.1.1. Ipprovdi intervall (a, b) u/jew l-aħjar valur uniku (c)* |
| | b) **Massimu** | *Bidla perċentwali matul il-perjodu indikat fil-kamp 6.1.1. Ipprovdi intervall (a, b) u/jew l-aħjar valur uniku (c)* |
| | c) **L-aħjar valur uniku** | *Bidla perċentwali matul il-perjodu indikat fil-kamp 6.1.1. Ipprovdi intervall (a, b) u/jew l-aħjar valur uniku (c)* |
| 6.1.4 **Xejra ta’ terminu qasir Metodu użat** | *Agħżel wieħed mill-metodi li ġejjin:*<br>a) *Stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta*<br>b) *Prinċipalment abbażi ta’ estrapolazzjoni minn ammont limitat ta’ data*<br>c) *Prinċipalment abbażi ta’ opinjoni esperta b’data limitata ħafna*<br>d) *Data insuffiċjenti jew l-ebda data disponibbli* | |
| 6.1.5 **Sorsi** | *Agħti r-referenzi bibljografiċi, il-link għas-siti tal-internet, id-dettalji ta’ kuntatt tal-esperti, eċċ.*<br>*Test liberu* | |
| 6.2 **Xejra fit-tul (minn bejn wieħed u ieħor l-1980)** | | |
| 6.2.1 **Xejra fit-tul Perjodu** | *Perjodu minn madwar l-1980 sa tmiem il-perjodu ta’ rapportar* | |
| 6.2.2 **Xejra fit-tul Direzzjoni** | *Agħżel waħda minn dawn li ġejjin:*<br>a) *stabbli*<br>b) *tvarja*<br>c) *tiżdied*<br>d) *tonqos*<br>e) *mhux ċerta*<br>f) *mhux magħrufa* | |
| 6.2.3 **Xejra fit-tul Kobor** | a) **Minimu** | *Bidla perċentwali matul il-perjodu indikat fil-kamp 6.2.1. Ipprovdi intervall (a, b) u/jew l-aħjar valur uniku (c)* |
| | b) **Massimu** | *Bidla perċentwali matul il-perjodu indikat fil-kamp 6.2.1. Ipprovdi intervall (a, b) u/jew l-aħjar valur uniku (c)* |
| | c) **L-aħjar valur uniku** | *Bidla perċentwali matul il-perjodu indikat fil-kamp 6.2.1. Ipprovdi intervall (a, b) u/jew l-aħjar valur uniku (c)* |
| 6.2.4 **Xejra fit-tul Metodu użat** | *Agħżel wieħed mill-metodi li ġejjin:*<br>a) *Stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta*<br>b) *Prinċipalment abbażi ta’ estrapolazzjoni minn ammont limitat ta’ data*<br>c) *Prinċipalment abbażi ta’ opinjoni esperta b’data limitata ħafna*<br>d) *Data insuffiċjenti jew l-ebda data disponibbli* | |

| | |
|---|---|
| 6.2.5 **Sorsi** | *Agħti r-referenzi bibljografiċi, il-link għas-siti tal-internet, id-dettalji ta' kuntatt tal-esperti, eċċ.*<br>*Test liberu* |
| 6.3 **Informazzjoni addizzjonali**<br>*Fakultattiva* | *Informazzjoni rilevanti oħra, komplementari għad-data mitluba taħt it-taqsimiet 6.1 u 6.2*<br>*Test liberu* |

| | |
|---|---|
| 7 **Pressjonijiet u theddidiet ewlenin** | |
| 7.1 **Karatterizzazzjoni tal-pressjonijiet** | |
| a) **Pressjoni** | *Elenka massimu ta' 20 pressjoni bl-użu tal-lista ta' kodiċijiet ipprovduta fil-portal ta' referenza u imla minn b) sa g) għal kull pressjoni.* |
| b) **Tempestività** | ☐ *fil-passat iżda issa ġew sospiżi minħabba l-miżuri*<br>☐ *għadhom għaddejjin*<br>☐ *għadhom għaddejjin u x'aktarx ikunu fil-futur*<br>☐ *fil-futur biss* |
| c) **Kamp ta' applikazzjoni (proporzjon tal-popolazzjoni affettwata)** | *Imla għal "għadhom għaddejjin" u "għadhom għaddejjin u x'aktarx ikunu fil-futur":*<br>☐ *kollha >90 %*<br>☐ *maġġoranza 50 – 90 %*<br>☐ *minoranza <50 %* |
| d) **Influwenza (fuq il-popolazzjoni jew il-ħabitat tal-ispeċi)** | *Imla għal "għadhom għaddejjin" u "għadhom għaddejjin u x'aktarx ikunu fil-futur".*<br>☐ *Influwenza għolja*<br>☐ *Influwenza medja*<br>☐ *Influwenza baxxa* |
| e) **Post (fejn il-pressjoni tkun qed topera primarjament)** | ☐ *Ġewwa l-Istat Membru*<br>☐ *Xi mkien ieħor fl-UE*<br>☐ *Barra l-UE*<br>☐ *Kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE*<br>☐ *Mhux magħruf* |
| f) **Speċijiet aljeni invażivi ta' tħassib għall-Unjoni** | *Imla fejn tintgħażel il-pressjoni fuq "IAS ta' tħassib għall-Unjoni". Jekk jogħġbok agħżel mil-lista ta' speċijiet rilevanti (ara l-portal ta' referenza tal-Artikolu 12)* |
| g) **Speċijiet aljeni invażivi oħrajn**<br>*Fakultattiva* | *Imla fejn tintgħażel il-pressjoni "speċijiet aljeni invażivi oħrajn - għajr speċijiet ta' tħassib għall-Unjoni". Jekk jogħġbok agħżel mill-bażi tad-data tal-EASIN (ara l-portal ta' referenza tal-Artikolu 12)* |
| 7.2 **Metodi użati**<br>*Fakultattiva* | *Agħżel wieħed mill-metodi li ġejjin:*<br>a) *Stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta*<br>b) *Prinċipalment abbażi ta' estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' data*<br>c) *Prinċipalment abbażi ta' opinjoni esperta b'data limitata ħafna*<br>d) *Data insuffiċjenti jew l-ebda data disponibbli* |
| 7.3 **Sorsi ta' informazzjoni**<br>*Fakultattiva* | *Jekk disponibbli, ipprovdi sorsi ta' informazzjoni (URL, metadata) li jappoġġaw l-evidenza ta' pressjonijiet* |
| 7.4 **Informazzjoni addizzjonali**<br>*Fakultattiva* | *Informazzjoni rilevanti oħra, komplementari għad-data mitluba taħt il-kamp 7.1*<br>*Test liberu* |

| 8 **Miżuri ta' konservazzjoni** | |
|---|---|
| 8.1 **Status tal-miżuri** | *Huma meħtieġa miżuri?*<br>☐ *IVA*<br>☐ *LE*<br>*Jekk IVA, indika l-istatus tal-miżuri (agħżel għażla waħda biss):*<br>a) *Il-miżuri identifikati, iżda għadha ma ttieħdet l-ebda waħda minnhom*<br>b) *Il-miżuri meħtieġa, iżda ma jistgħux jiġu identifikati*<br>c) *Ittieħdu wħud mill-miżuri identifikati*<br>d) *Ittieħdu l-biċċa l-kbira tal-miżuri identifikati jew kollha kemm huma* |
| 8.2 **Kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri meħuda** | *Imla jekk tkun intgħażlet "c) Ittieħdu wħud mill-miżuri identifikati" jew "d) Ittieħdu l-biċċa l-kbira tal-miżuri identifikati jew kollha kemm huma" (8.1):*<br>*Dawn jaffettwaw (agħżel għażla waħda biss)*<br>a) *< 50 %*<br>b) *50 – 90 % jew*<br>c) *> 90 %*<br>*tal-popolazzjoni* |
| 8.3 **Skop ewlieni tal-miżuri meħuda** | A. *Indika l-iskop(ijiet) ewlieni/ewlenin tal-miżuri meħuda:*<br>a) *Żomm id-distribuzzjoni, il-popolazzjoni u/jew il-ħabitat attwali għall-ispeċi*<br>b) *Espandi d-distribuzzjoni attwali tal-ispeċi*<br>c) *Żid id-daqs tal-popolazzjoni u/jew tejjeb id-dinamiċi tal-popolazzjoni (tejjeb is-suċċess tar-riproduzzjoni, naqqas il-mortalità, tejjeb l-istruttura tal-età/tas-sess)*<br>d) *Irrestawra l-ħabitat tal-ispeċi* |
| | B. *Fejn jintgħażlu aktar minn għażla waħda hawn fuq, indika hawnhekk l-iskop ewlieni (primarju) (jiġifieri agħżel għażla waħda biss):*<br>*Żomm l-istat attwali / espandi l-medda / żid, tejjeb il-popolazzjoni / irrestawra l-ħabitat* |
| 8.4 **Il-post fejn jittieħdu l-miżuri** | *Indika l-post fejn jittieħdu l-miżuri (indika għażla waħda biss):*<br>a) *Ġewwa siti ta' Natura 2000 biss*<br>b) *Kemm ġewwa kif ukoll barra siti ta' Natura 2000*<br>c) *Barra siti ta' Natura 2000 biss* |
| 8.5 **Rispons għall-miżuri**<br>*(meta l-miżuri jibdew jinnewtralizzaw il-pressjoni(jiet) u jipproduċu effetti pożittivi)* | *Indika l-perjodu ta' żmien tar-rispons għall-miżuri (fir-rigward tal-iskop ewlieni indikat fil-kamp 8.3) – (indika għażla waħda biss):*<br>a) *Rispons ta' terminu qasir (fil-perjodu ta' rapportar attwali, eż. 2019-2024)*<br>b) *Rispons ta' terminu medju (fiż-żewġ perjodi ta' rapportar li jmiss, eż. 2025-2036)*<br>c) *Rispons fit-tul (eż. wara l-2036)* |
| 8.6 **Lista ta' miżuri ta' konservazzjoni ewlenin** | *Elenka massimu ta' 20 miżura bl-użu tal-lista ta' kodiċijiet ipprovduta fil-portal ta' referenza tal-Artikolu 12* |
| 8.7 **Informazzjoni addizzjonali**<br>*Fakultattiva* | *Informazzjoni rilevanti oħra, komplementari għad-data mitluba taħt il-kampijiet minn 8.1 sa 8.6*<br>*Test liberu* |

| | | |
|---|---|---|
| 9 **Kopertura ta' Natura 2000 (Żoni ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS))** | | |
| *Għandha tiġi rrapportata għall-ispeċijiet kollha tal-Anness I u għall-ispeċijiet mhux tal-Anness I tad-Direttiva 2009/147/KE li jiskattaw il-klassifikazzjoni taż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) (għandha tintuża l-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet ta' għasafar fil-portal ta' referenza)* | | |
| 9.1 **Id-daqs tal-popolazzjoni fin-network ta' Natura 2000 (Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS))** *(fuq livell nazzjonali inklużi s-siti kollha fejn tkun preżenti l-ispeċi)* | a) **Unità** | *Uża l-istess unità bħal fil-kamp 3.2.a)* |
| | b) **Minimu** | *Numru (mhux ipproċessat, jiġifieri mhux arrotondat). Ipprovdi intervall (b, c) u/jew l-aħjar valur uniku (d)* |
| | c) **Massimu** | *Numru (mhux ipproċessat, jiġifieri mhux arrotondat). Ipprovdi intervall (b, c) u/jew l-aħjar valur uniku (d)* |
| | d) **L-aħjar valur uniku** | *Numru (mhux ipproċessat, jiġifieri mhux arrotondat). Ipprovdi intervall (b, c) u/jew l-aħjar valur uniku (d)* |
| 9.2 **Tip ta' stima** | *L-aħjar stima / medja ta' diversi snin / intervall ta' kunfidenza ta' 95 % / minimu* | |
| 9.3 **Id-daqs tal-popolazzjoni fin-network** **Metodu użat** | *Agħżel wieħed mill-metodi li ġejjin:*<br>a) *Stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta*<br>b) *Prinċipalment abbażi ta' estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' data*<br>c) *Prinċipalment abbażi ta' opinjoni esperta b'data limitata ħafna*<br>d) *Data insuffiċjenti jew l-ebda data disponibbli* | |
| 9.4 **Ix-xejra ta' terminu qasir tad-daqs tal-popolazzjoni fi ħdan in-network** **Direzzjoni** | *Xejra ta' terminu qasir tad-daqs tal-popolazzjoni fi ħdan in-network matul il-perjodu indikat fil-kamp 4.1.1. Agħżel waħda minn dawn li ġejjin:*<br>a) *stabbli*<br>b) *tvarja*<br>c) *tiżdied*<br>d) *tonqos*<br>e) *mhux ċerta*<br>f) *mhux magħrufa* | |
| 9.5 **Ix-xejra ta' terminu qasir tad-daqs tal-popolazzjoni fi ħdan in-network** **Metodu użat** | *Agħżel wieħed mill-metodi li ġejjin:*<br>a) *Stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta*<br>b) *Prinċipalment abbażi ta' estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' data*<br>c) *Prinċipalment abbażi ta' opinjoni esperta b'data limitata ħafna*<br>d) *Data insuffiċjenti jew l-ebda data disponibbli* | |
| 9.6 **Informazzjoni addizzjonali** *Fakultattiva* | *Informazzjoni rilevanti oħra, komplementari għad-data mitluba taħt il-kampijiet minn 9.1 sa 9.5*<br>*Test liberu* | |

| | |
|---|---|
| 10 **Progress fil-ħidma relatata ma' Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Ispeċijiet (SAPs), Pjanijiet ta' Ġestjoni (MPs) u Dikjarazzjonijiet ta' Ġestjoni fil-Qosor (BMSs) internazzjonali** | |
| *Għandha timtela fil-livell tal-ispeċijiet / tas-sottospeċijiet* | |
| 10.1 **Tip ta' pjan internazzjonali** | *SAP/MP/BMS (għandha tintuża l-lista ta' speċijiet li għandhom SAP/MP/BMS fil-portal ta' referenza), jistgħu jintgħażlu diversi pjanijiet)* |
| 10.2 **Ġie adottat pjan nazzjonali marbut mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ispeċijiet (SAP), il-Pjan ta' Ġestjoni (MP) u d-Dikjarazzjoni ta' Ġestjoni fil-Qosor (BMS) internazzjonali?** | ☐ *IVA*<br>☐ *LE* |

| | |
|---|---|
| 10.3 **Valutazzjoni tal-effettività tal-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Ispeċijiet (SAPs) għal speċijiet mhedda globalment** | *Indika jekk l-istatus nazzjonali tal-ispeċi (fir-rigward tan-numri u tal-medda) huwiex (agħżel għażla waħda biss):*<br>a) *qed jimxi lejn l-għan(ijiet)/objettiv(i) tal-pjan*<br>b) *l-istess*<br>c) *qed jiddeterjora aktar lil hinn mill-għan(ijiet)/objettiv(i) tal-pjan* |
| 10.4 **Valutazzjoni tal-effettività tal-Pjanijiet ta' Ġestjoni (MPs) għall-ispeċijiet li jistgħu jiġu kkaċċjati fi status mhux Sigur** | *Indika jekk l-istatus nazzjonali tal-ispeċi (fir-rigward tan-numri u tal-medda) huwiex (agħżel għażla waħda biss):*<br>a) *qed jitjieb*<br>b) *l-istess*<br>c) *qed jiddeterjora aktar* |
| 10.5 **Sorsi ta' aktar informazzjoni** | *Web links (eż. għal pjan nazzjonali), rapporti ppubblikati, eċċ.*<br>*Test liberu* |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 **Informazzjoni relatata mal-ispeċijiet tal-Anness II tad-Direttiva 2009/147/KE** | | | | | | | |
| *Għandha timtela fil-livell tal-ispeċijiet / tas-sottospeċijiet* | | | | | | | |
| 11.1 **L-ispeċi hija kkaċċjata fuq livell nazzjonali?** | *L-ispeċi hija kkaċċjata fuq livell nazzjonali?*<br>☐ *IVA*<br>☐ *LE*<br>*Jekk iva, kompli imla l-kaxxi minn 11.2 sa 11.4.* | | | | | | |
| 11.2 **Borża tal-kaċċa** | *Ipprovdi statistika nazzjonali dwar il-borża tal-kaċċa għall-perjodu ta' rapportar* | | | | | | |
| | a) **Unità** | *Individwi* | | | | | |
| | b) **Staġun** *(fakultattiv)* | *Indika jekk din l-informazzjoni hijiex relatata ma' popolazzjoni ta' għasafar tax-xitwa jew tal-passa (fejn din l-informazzjoni ma timteliex, huwa preżunt li l-popolazzjonijiet ta' għasafar tax-xitwa u tal-passa mhumiex distinti)* | | | | | |
| | c) **Statistika / numri (f'individwi)** | *Ipprovdi statistika għal kull staġun tal-kaċċa jew għal kull sena (fejn ma jintużax staġun) matul il-perjodu ta' rapportar.* | | | | | |
| | | *Staġun / sena 1* | *Staġun / sena 2* | *Staġun / sena 3* | *Staġun / sena 4* | *Staġun / sena 5* | *Staġun / sena 6* |
| | **Min.** *(mhux ipproċessat, jiġifieri mhux arrotondat)* | | | | | | |
| | **Mass.** *(mhux ipproċessat, jiġifieri mhux arrotondat)* | | | | | | |
| | **Mhux magħruf** | | | | | | |
| 11.3 **Borża tal-kaċċa Metodu użat** | *Agħżel wieħed mill-metodi li ġejjin:*<br>a) *Stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta*<br>b) *Prinċipalment abbażi ta' estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' data*<br>c) *Prinċipalment abbażi ta' opinjoni esperta b'data limitata ħafna*<br>d) *Data insuffiċjenti jew l-ebda data disponibbli* | | | | | | |
| 11.4 **Informazzjoni addizzjonali** *Fakultattiva* | *Informazzjoni rilevanti oħra, komplementari għad-data mitluba taħt il-kampijiet minn 11.1 sa 11.3*<br>*Test liberu* | | | | | | |

## Noti ta’ Spjegazzjoni

## b’appoġġ għall-Format ta’ Rapportar imsemmi fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/147/KE (id-Direttiva dwar l-Għasafar)

### WERREJ

*Paġna*

**Introduzzjoni** ... 33

PARTI A FORMAT TAR-RAPPORT ĠENERALI ... 34

**Stat Membru** ... 34

1. Il-kisbiet ewlenin skont id-Direttiva 2009/147/KE ... 34

1.1. Test bil-lingwa nazzjonali ... 34

1.2. Traduzzjoni bl-Ingliż (fakultattiva) ... 35

1.3. Isem, kodiċi u staġun tal-ispeċijiet / tas-sottospeċijiet fi stejjer ta’ suċċess ... 35

2. Sorsi ta’ informazzjoni ġenerali dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE ... 35

2.1. Informazzjoni ġenerali dwar id-Direttiva 2009/147/KE ... 35

2.2. Informazzjoni dwar in-network ta’ Natura 2000 (Żona ta’ Protezzjoni Speċjali (ŻPS)) ... 35

2.3. Skemi ta’ monitoraġġ (l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/147/KE) ... 35

2.4. Protezzjoni tal-ispeċijiet (l-Artikoli 5 sa 8 tad-Direttiva 2009/147/KE) ... 35

2.5. Traspożizzjoni tad-Direttiva (testi legali) ... 35

3. Riċerka u ħidma meħtieġa bħala bażi għall-protezzjoni, għall-ġestjoni u għall-użu sostenibbli tal-popolazzjonijiet tal-għasafar (l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/147/KE) ... 36

3.1. Atlas nazzjonali tal-għasafar ... 36

3.2. Ħarsa ġenerali lejn il-monitoraġġ nazzjonali tal-għasafar ... 36

3.3. Lista ħamra nazzjonali tal-għasafar ... 36

3.4. Pubblikazzjonijiet oħrajn ta’ interess għall-UE kollha (eż. ħarsa ġenerali nazzjonali lejn l-azzjoni għall-ispeċijiet mhedda) ... 36

4. Speċijiet ta’ għasafar aljeni (l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2009/147/KE) ... 36

4.1. Isem xjentifiku tal-ispeċi ... 36

4.2. Unità sottospeċifika ... 36

4.3. Kontenut ewlieni tad-deċiżjoni legali għall-introduzzjoni ... 37

4.4. Konsultazzjoni mal-Kummissjoni ... 37

4.5. Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva) ... 37

PARTI B IL-FORMAT TAR-RAPPORT DWAR L-ISTATUS U X-XEJRIET TAL-ISPEĊIJIET TA’ GĦASAFAR (L-ARTIKOLU 12 TAD-DIRETTIVA 2009/147/KE) ... 37

**Speċijiet li għandhom jiġu rrapportati** ... 37

Noti ta’ spjegazzjoni għall-mili tal-format tar-rapport dwar l-istatus u x-xejriet tal-ispeċijiet ta’ għasafar ... 40

1. Informazzjoni dwar l-ispeċijiet ... 42

1.1. Stat Membru ... 42

1.2. Kodiċi tal-ispeċi ... 42

1.3. Kodiċi tal-EURING ... 42

1.4. L-isem xjentifiku tal-ispeċi ... 42

1.5. Popolazzjoni sottospeċifika ... 43

1.6. Isem xjentifiku alternattiv tal-ispeċi (fakultattiv) ....43
1.7. Isem komuni (fakultattiv) ....43
2. Staġun ....43
2.1. Staġun ....43
2.2. Rapportar għall-ewwel darba ....43
2.3. Informazzjoni addizzjonali ....43
3. Daqs tal-popolazzjoni ....43
3.1. Sena jew perjodu ....43
3.2. Daqs tal-popolazzjoni ....43
3.3. Tip ta' stima ....44
3.4. Metodu użat ....45
3.5. Sorsi ....45
3.6. Bidla u raġuni għall-bidla (mir-rapport preċedenti) ....45
3.7. Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva) ....46
4. Xejra tal-popolazzjoni ....46
4.1. Xejra ta' terminu qasir (l-aħħar 12-il sena) ....46
4.1.1. Il-perjodu tax-xejriet ta' terminu qasir ....46
4.1.2. Direzzjoni tax-xejriet ta' terminu qasir ....46
4.1.3. Kobor tax-xejra ta' terminu qasir ....47
4.1.4. Xejra ta' terminu qasir — Metodu użat ....48
4.1.5. Sorsi ....48
4.2. Xejra fit-tul (minn bejn wieħed u ieħor l-1980) ....48
4.2.1. Perjodu ta' xejriet fit-tul ....48
4.2.2. Direzzjoni tax-xejriet fit-tul ....48
4.2.3. Kobor tax-xejra fit-tul ....49
4.2.4. Xejra fit-tul — Metodu użat ....49
4.2.5. Sorsi ....49
4.3. Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva) ....49
5. Mappa u daqs tad-distribuzzjoni tat-tnissil ....49
5.1. Speċijiet sensittivi ....49
5.2. Sena jew perjodu ....49
5.3. Mappa tad-distribuzzjoni tat-tnissil ....49
5.4. Daqs tad-distribuzzjoni tat-tnissil ....50
5.5. Metodu użat ....50
5.6. Mapep addizzjonali (fakultattivi) ....50
5.7. Sorsi ....51
5.8. Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva) ....51
6. Xejra tad-distribuzzjoni tat-tnissil ....51
6.1. Xejra ta' terminu qasir (l-aħħar 12-il sena) ....51
6.1.1. Perjodu tax-xejriet ta' terminu qasir ....51
6.1.2. Direzzjoni tax-xejriet ta' terminu qasir ....51

6.1.3. Kobor tax-xejra ta’ terminu qasir ... 51

6.1.4. Xejra ta’ terminu qasir — Metodu użat ... 52

6.1.5. Sorsi ... 52

6.2. Xejra fit-tul (minn bejn wieħed u ieħor l-1980) ... 52

6.2.1. Perjodu ta’ xejriet fit-tul ... 52

6.2.2. Direzzjoni tax-xejriet fit-tul ... 53

6.2.3. Kobor tax-xejra fit-tul ... 53

6.2.4. Xejra fit-tul — Metodu użat ... 53

6.2.5. Sorsi ... 53

6.3. Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva) ... 53

7. Pressjonijiet u theddidiet ewlenin ... 53

7.1. Karatterizzazzjoni tal-pressjonijiet ... 54

7.2. Metodi użati (fakultattivi) ... 55

7.3. Sorsi ta’ informazzjoni (fakultattivi) ... 56

7.4. Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva) ... 56

8. Miżuri ta’ konservazzjoni ... 56

8.1. Status tal-miżuri ... 56

8.2. Kamp ta’ applikazzjoni tal-miżuri meħuda ... 56

8.3. L-iskop ewlieni tal-miżuri meħuda ... 56

8.4. Il-post fejn jittieħdu l-miżuri ... 57

8.5. Rispons għall-miżuri ... 57

8.6. Lista ta’ miżuri ta’ konservazzjoni ewlenin ... 57

8.7. Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva) ... 57

9. Kopertura ta’ Natura 2000 (Żoni ta’ Protezzjoni Speċjali (ŻPS)) ... 57

9.1. Id-daqs tal-popolazzjoni fin-network ta’ Natura 2000 (Żona ta’ Protezzjoni Speċjali (ŻPS)) ... 58

9.2. Tip ta’ stima ... 58

9.3. Daqs tal-popolazzjoni fin-network — Metodu użat ... 58

9.4. Xejra ta’ terminu qasir tad-daqs tal-popolazzjoni fi ħdan in-network — Direzzjoni ... 58

9.5. Xejra ta’ terminu qasir tad-daqs tal-popolazzjoni fi ħdan in-network — Metodu użat ... 59

9.6. Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva) ... 59

10. Progress fil-ħidma relatata ma’ Pjanijiet ta’ Azzjoni għall-Ispeċijiet (SAPs), Pjanijiet ta’ Ġestjoni (MPs) u Dikjarazzjonijiet ta’ Ġestjoni fil-Qosor (BMSs) internazzjonali ... 59

10.1. Tip ta’ pjan internazzjonali ... 59

10.2. Ġie adottat pjan nazzjonali marbut mal-Pjan ta’ Azzjoni għall-Ispeċijiet (SAP ) / Pjan ta’ Ġestjoni (MP) / Dikjarazzjoni ta’ Ġestjoni fil-Qosor (BMS) internazzjonali? ... 60

10.3. Valutazzjoni tal-effettività tal-Pjanijiet ta’ Azzjoni għall-Ispeċijiet (SAPs) għall-ispeċijiet mhedda globalment ... 60

10.4. Valutazzjoni tal-effettività tal-Pjanijiet ta’ Ġestjoni (MPs) għall-ispeċijiet li jistgħu jiġu kkaċċjati fi status ta’ Mhux Siguri ... 60

10.5. Sorsi ta’ aktar informazzjoni ... 61

11. Informazzjoni relatata mal-ispeċijiet tal-Anness II (l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2009/147/KE) .............61
11.1. L-ispeċi hija kkaċċjata fuq livell nazzjonali? .............61
11.2. Borża tal-kaċċa .............61
11.3. Borża tal-kaċċa — Metodu użat .............61
11.4. Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva) .............61
**Referenzi** .............61

## Introduzzjoni

Element ċentrali għall-implimentazzjoni u s-suċċess tad-Direttiva 2009/147/KE huwa livell tajjeb ta' informazzjoni dwar l-istatus u x-xejriet tal-ispeċijiet tal-għasafar kif meħtieġ skont l-Artikolu 12 ta' dik id-Direttiva. Id-data u l-informazzjoni huma meħtieġa f'format strutturat u komparabbli sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tikkompila u tanalizza d-*data*. Il-bażi ġuridika sabiex id-*data* tiġi pprovduta f'format strutturat hija t-tieni subparagrafu tal-Art. 12.1.

Dan id-dokument jipprovdi informazzjoni u gwida dwar kif għandhom jimtlew il-kampijiet tad-*data* differenti tal-format tar-rapport tal-Artikolu 12 (il-Parti A u l-Parti B). Huwa jikkonsisti prinċipalment f'deskrizzjonijiet tal-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata f'kull kamp u r-rekwiżiti bażiċi li għandhom jiġu ssodisfati mill-informazzjoni rrapportata.

Deskrizzjonijiet aktar dettaljati tal-kunċetti u l-metodi għall-informazzjoni rrapportata huma pprovduti f'linji gwida li mhumiex parti minn dan l-att ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, id-dokumentazzjoni addizzjonali li għandha tintuża għat-tlestija korretta tal-format tar-rapport issir disponibbli permezz tal-"portal ta' referenza tal-Artikolu 12" online.

## Il-portal ta' referenza tal-Artikolu 12

Il-portal ta' referenza fih id-dokumentazzjoni relatata mal-informazzjoni pprovduta fil-formati tar-rapport skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/147/KE.

Dan jinkludi:

— il-format tar-rapport u n-noti ta' spjegazzjoni u l-linji gwida;

— materjal ta' referenza, eż. listi ta' kontroll għall-ispeċijiet ta' għasafar, lista ta' pressjonijiet u theddid, lista ta' miżuri ta' konservazzjoni u l-grilji Ewropej (10×10 km ETRS) li għandhom jintużaw għall-immappjar tad-distribuzzjoni;

— eżempji li juru l-linji gwida.

## PARTI A

## FORMAT TAR-RAPPORT ĠENERALI

Ir-rapport ġenerali huwa format strutturat fil-qosor immirat biex jiġbor fil-qosor l-aktar fatti u ċifri importanti dwar l-implimentazzjoni ġenerali tad-Direttiva 2009/147/KE, inklużi links għal sorsi ta' informazzjoni aktar dettaljati.

Kull Stat Membru huwa mistenni jħejji rapport ġenerali wieħed li jkopri t-territorju Ewropew kollu tal-Istat Membru.

Tista' tintuża kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE fil-kampijiet b'test liberu. Madankollu, huwa rrakkomandat l-użu tal-Ingliż.

L-indirizzi kollha tal-internet fil-kampijiet tar-rapportar għandhom jingħataw bis-sħiħ, inkluż l-inizjali "http://" jew "https://", jekk applikabbli.

### Stat Membru

L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-kodiċi b'żewġ ittri għall-Istat Membru tiegħek mill-ISO 3166 f'konformità mal-lista pprovduta fil-portal ta' referenza tal-Artikolu 12. Tissottomettix rapporti ġenerali separati għall-unitajiet subnazzjonali.

### 1. IL-KISBIET EWLENIN SKONT ID-DIRETTIVA 2009/147/KE

Din it-taqsima għandha l-għan li tinforma dwar il-kisbiet ewlenin skont id-Direttiva 2009/147/KE, inkluż in-network taż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS), fl-Istat Membru matul il-perjodu ta' rapportar. L-informazzjoni għandha tingħata primarjament bil-lingwa nazzjonali (il-kamp 1.1), bi traduzzjoni bl-Ingliż, jekk possibbli (il-kamp fakultattiv 1.2).

### 1.1. Test bil-lingwa nazzjonali

Kisbiet ewlenin:

Iddeskrivi fil-qosor il-kisbiet ewlenin skont id-Direttiva dwar l-Għasafar matul il-perjodu ta' rapportar, b'enfasi speċjali fuq in-network taż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS). Dawn jistgħu jinkludu, pereżempju:

— benefiċċji murija għal speċijiet differenti;

— esperjenzi b'tekniki ta' ġestjoni ġodda jew imtejba;

— bidliet pożittivi fl-aċċettazzjoni pubblika tal-protezzjoni tal-bijodiversità;

— kooperazzjoni mtejba bejn l-awtoritajiet, il-konservazzjonisti tan-natura u gruppi ta' interess oħrajn;

— każijiet ewlenin ta' infurzar;

— inizjattivi li jikkombinaw l-istabbiliment tas-siti ta' Natura 2000 u l-ekonomija lokali;

— il-miżuri meħuda biex jiġi minimizzat l-impatt ta' speċijiet invażivi fuq speċijiet indiġeni ta' għasafar, f'konformità mar-Regolament tal-UE 1143/2014 dwar speċijiet aljeni invażivi ([1]);

— informazzjoni komplementari għal dik mogħtija fit-Taqsima 3 dwar ir-riċerka u l-ħidma meħtieġa bħala bażi għall-protezzjoni, il-ġestjoni u l-użu sostenibbli tal-popolazzjonijiet tal-għasafar. Dan jista' jinkludi suġġerimenti għal riċerka urġenti li teħtieġ il-koordinazzjoni tal-UE (eż. permezz ta' finanzjament minn LIFE);

— il-miżuri meħuda u l-effett tagħhom (kisbiet);

— il-fatturi ta' suċċess, il-prospettiva u r-rwol ta' Natura 2000;

Eżempju ta' storja ta' suċċess

L-għoti ta' "storja ta' suċċess" (jekk disponibbli) jagħti l-opportunità lill-Istat Membru biex juri eżempju ta' kif id-Direttiva qed taħdem f'pajjiżu. Kull storja ta' suċċess għandha tkun ibbażata fuq unità tassonomika li turi titjib ġenwin matul il-perjodu ta' rapportar, jiġifieri xejra li qed tiżdied tal-popolazzjoni fuq żmien qasir (tnissil jew kenn fix-xitwa), irrispettivament mix-xejra fit-tul tagħha jew xejra stabbli/li tvarja tal-popolazzjoni fuq żmien qasir fid-dawl tax-xejriet ta' tnaqqis fit-tul. It-titjib deskritt għandu jkun xprunat minn miżuri ta' konservazzjoni u għandu jikkonċerna l-perjodu ta' rapportar attwali, iżda jista' jinkludi wkoll miżuri li bdew f'mument aktar kmieni.

([1]) http://ec.europa.eu/environment/nature/invasivealien/index_en.htm

Struttura proposta:

— Indika l-ispeċi/l-istaġun

— Sfond dwar l-ispeċi, l-iżviluppi tal-passat u r-raġunijiet tagħhom (pressjonijiet, eċċ.), l-isfidi għall-konservazzjoni

— Il-miżuri meħuda u l-effett tagħhom (kisbiet)

— Ir-rwol tan-network ta' Natura 2000 (jekk applikabbli)

— Fatturi ta' suċċess

— Prospettiva

It-test għandu jkollu tul massimu ta' żewġ sa tliet paġni. Jekk Stat Membru jkun jixtieq iżid aktar dokumentazzjoni ma' dik mitluba, huwa għandu jieħu nota ta' dawn l-annessi u l-ismijiet tal-fajls tagħhom fl-aħħar ta' dan il-kamp u jtella' l-fajls rilevanti fil-Mekkaniżmu ta' Rapportar tal-EEA flimkien mal-bqija tar-rapport.

### 1.2. Traduzzjoni bl-Ingliż (fakultattiva)

Dan huwa kamp fakultattiv sabiex l-informazzjoni pprovduta fil-kamp 1.1 tiġi tradotta għall-Ingliż (fejn tkun ġiet irrapportata b'lingwa oħra).

### 1.3. Isem, kodiċi u staġun tal-ispeċijiet / tas-sottospeċijiet fi stejjer ta' suċċess

Dan il-kamp għandu jimtela fejn tintuża storja ta' suċċess biex jiġu enfasizzati l-kisbiet ewlenin tad-Direttiva deskritti fil-kamp 1.1. Jistgħu jintgħażlu diversi speċijiet.

Imla:

(a) Kodiċi u isem tal-ispeċi ta' għasafar

(b) Staġun

## 2. SORSI TA' INFORMAZZJONI ĠENERALI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA 2009/147/KE

Din it-taqsima għandha l-għan li tidderieġi lill-pubbliku interessat lejn sorsi ta' informazzjoni relatati mad-Direttiva 2009/147/KE u n-network taż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) tal-Istat Membru rispettiv. B'mod ġenerali, huma meħtieġa biss links għall-indirizzi tal-internet. Madankollu, jista' jintuża wkoll test liberu fejn ikun hemm bżonn li jiġi spjegat kif għandu jinkiseb aċċess għas-sors ta' informazzjoni, pereżempju, fil-każ ta' diversi sorsi ta' informazzjoni. Għandhom jimtlew il-kampijiet kollha li ġejjin.

### 2.1. Informazzjoni ġenerali dwar id-Direttiva 2009/147/KE

Ipprovdi links għal informazzjoni ġenerali dwar id-Direttiva (eż. portal nazzjonali li jippreżenta d-Direttivi tal-UE dwar in-Natura).

### 2.2. Informazzjoni dwar in-network ta' Natura 2000 (Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS))

Ipprovdi links għal informazzjoni ġenerali dwar in-network ta' Żoni ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) (eż. bażijiet tad-*data* online tas-siti ta' Natura 2000, pubblikazzjonijiet li jippreżentaw in-network).

### 2.3. Skemi ta' monitoraġġ (l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/147/KE)

Ipprovdi links għal informazzjoni ġenerali dwar il-monitoraġġ (eż. portal li jippreżenta skema/i nazzjonali ta' monitoraġġ, linji gwida ta' monitoraġġ).

### 2.4. Protezzjoni tal-ispeċijiet (l-Artikoli 5 sa 8 tad-Direttiva 2009/147/KE)

Ipprovdi links għal informazzjoni ġenerali dwar il-protezzjoni tal-ispeċijiet.

### 2.5. Traspożizzjoni tad-Direttiva (testi legali)

Ipprovdi links għal informazzjoni ġenerali dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva.

## 3. RIĊERKA U ĦIDMA MEĦTIEĠA BĦALA BAŻI GĦALL-PROTEZZJONI, GĦALL-ĠESTJONI U GĦALL-UŻU SOSTENIBBLI TAL-POPOLAZZJONIJIET TAL-GĦASAFAR (L-ARTIKOLU 10 TAD-DIRETTIVA 2009/147/KE)

Din it-taqsima hija relatata mal-obbligu skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2009/147/KE li l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni meħtieġa biex din tkun tista' tieħu miżuri xierqa għall-koordinazzjoni tar-riċerka u kwalunkwe xogħol meħtieġ bħala bażi għall-protezzjoni, il-ġestjoni u l-użu ta' popolazzjonijiet ta' għasafar indiġeni. Informazzjoni addizzjonali b'test liberu ta' rilevanza b'referenza għall-implimentazzjoni tal-Art. 10 tad-Direttiva 2009/147/KE tista' tingħata fit-Taqsima 1 (kisbiet ewlenin). L-informazzjoni mitluba hija limitata għal:

### 3.1. Atlas nazzjonali tal-għasafar

Ipprovdi t-titolu tal-aktar atlas nazzjonali tal-għasafar reċenti (il-kamp 3.1.1) b'informazzjoni dwar is-sena tal-pubblikazzjoni (il-kamp 3.1.2) u web link jew referenza bibljografika (il-kamp 3.1.3).

### 3.2. Ħarsa ġenerali lejn il-monitoraġġ nazzjonali tal-għasafar

Ipprovdi t-titolu jew simili flimkien ma' deskrizzjoni qasira tal-ħarsiet ġenerali lejn il-monitoraġġ nazzjonali tal-għasafar ippubblikati matul il-perjodu ta' rapportar, inklużi l-ispeċijiet koperti, ir-riżultati ewlenin, eċċ. (il-kamp 3.2.1), b'massimu ta' 500 karattru. Ipprovdi informazzjoni dwar is-sena tal-pubblikazzjoni (il-kamp 3.2.2) u web link jew referenza bibljografika (il-kamp 3.2.3). Il-kampijiet minn 3.2.1 sa 3.2.3 għandhom jiġu ripetuti jekk tkun ġiet ippubblikata aktar minn ħarsa ġenerali waħda.

### 3.3. Lista ħamra nazzjonali tal-għasafar

Ipprovdi t-titolu tal-aktar listi ħomor nazzjonali reċenti tal-għasafar (il-kamp 3.3.1), b'informazzjoni dwar is-sena tal-pubblikazzjoni (il-kamp 3.3.2) u web link jew referenza bibljografika (il-kamp 3.3.3).

### 3.4. Pubblikazzjonijiet oħrajn ta' interess għall-UE kollha (eż. ħarsa ġenerali nazzjonali lejn l-azzjoni għall-ispeċijiet mhedda)

Ipprovdi t-titolu jew simili flimkien ma' deskrizzjoni qasira ta' pubblikazzjonijiet oħrajn ta' interess għall-UE kollha (eż. ħarsa ġenerali nazzjonali lejn l-azzjoni għall-ispeċijiet mhedda) ippubblikati matul il-perjodu ta' rapportar jew pubblikazzjonijiet reċenti, inklużi l-ispeċijiet koperti, ir-riżultati ewlenin, eċċ. (il-kamp 3.4.1), b'massimu ta' 500 karattru. Ipprovdi informazzjoni dwar is-sena tal-pubblikazzjoni (il-kamp 3.4.2) u web link jew referenza bibljografika (il-kamp 3.4.3). Il-kampijiet minn 3.4.1 sa 3.4.3 għandhom jiġu ripetuti jekk ikunu ġew ippubblikati aktar minn ħarsa ġenerali waħda, u għandhom jiġu rrapportati massimu ta' 10 pubblikazzjonijiet.

Informazzjoni aktar ġenerali dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/147/KE tista' tiġi pprovduta f'kamp b'test liberu taħt "Kisbiet ewlenin skont id-Direttiva 2009/147/KE" fit-Taqsima 1.

## 4. SPEĊIJIET TA' GĦASAFAR ALJENI (L-ARTIKOLU 11 TAD-DIRETTIVA 2009/147/KE)

Din it-taqsima hija relatata mal-obbligu li jirriżulta mill-Artikolu 11 tad-Direttiva 2009/147/KE li "L-Istati Membri għandhom jaraw li kull introduzzjoni ta' speċijiet tal-għasafar li ma jinstabux fin-natura fl-istat selvaġġ fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri ma tippreġudikax il-flora u l-fawna lokali. B'konnessjoni ma' dan, dawn għandhom jikkonsultaw mal-Kummissjoni."

Din it-taqsima ma għandhiex timtela jekk ma tkun ġiet ikkonsultata l-ebda introduzzjoni skont l-Artikolu 11, deċiża jew imwettqa matul il-perjodu ta' rapportar.

Kull speċi għandha tiġi rrapportata, kif ġej:

### 4.1. Isem xjentifiku tal-ispeċi

Ipprovdi l-isem xjentifiku tal-ispeċi.

### 4.2. Unità sottospeċifika

Fejn rilevanti, uża d-deskrizzjoni tal-popolazzjoni sottospeċifika.

4.3. **Kontenut ewlieni tad-deċiżjoni legali għall-introduzzjoni**

Ipprovdi l-kontenut ewlieni tad-deċiżjoni legali għall-introduzzjoni (test liberu; massimu ta' 250 karattru), inkluża informazzjoni dwar il-ġustifikazzjoni, l-għadd ta' individwi u d-durata ta' kwalunkwe awtorizzazzjoni.

4.4. **Konsultazzjoni mal-Kummissjoni**

Ipprovdi d-data tal-konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

4.5. **Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva)**

Informazzjoni addizzjonali relatata mat-Taqsima 4 tista' tiġi pprovduta fil-kamp fakultattiv 4.5.

**PARTI B**

**IL-FORMAT TAR-RAPPORT DWAR L-ISTATUS U X-XEJRIET TAL-ISPEĊIJIET TA' GĦASAFAR (L-ARTIKOLU 12 TAD-DIRETTIVA 2009/147/KE)**

**Speċijiet li għandhom jiġu rrapportati**

**Tassonomija u nomenklatura**

It-tassonomija u n-nomenklatura li għandhom jintużaw fil-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet tal-Artikolu 12 (disponibbli mill-Portal ta' Referenza) jirriflettu dawk użati fil-*Lista tal-għasafar tal-Unjoni Ewropea* (minn hawn 'il quddiem "il-Lista tal-Għasafar tal-UE" ([2])). Il-verżjoni tal-Lista tal-Għasafar tal-UE ppubblikata f'Awwissu 2015 u aġġornata fl-2018 inkorporat il-bidliet tassonomiċi u tan-nomenklatura proposti f'del Hoyo & Collar (2014) ([3]), u l-bidliet rilevanti minn del Hoyo & Collar (2016). L-aġġornamenti tassonomiċi se jiġu implimentati biex jinżamm l-allinjament mar-referenzi tassonomiċi segwiti mill-IUCN.

B'mod ġenerali, ir-rapportar jintalab primarjament fil-livell tal-ispeċi, billi din hija l-unità tassonomika msemmija fit-test kollu tad-Direttiva, kif ukoll l-unità użata għall-valutazzjonijiet komprensivi preċedenti tal-istatus tal-għasafar tal-UE. Madankollu, f'minoranza ta' każijiet, jintalbu rapporti għal "unitajiet sottospeċifiċi" — jiġifieri sottospeċijiet jew popolazzjonijiet distinti — li l-istatus tagħhom huwa ta' interess partikolari u/jew ta' rilevanza għall-politika (eż. fil-kuntest tal-listi fil-livell ta' sottospeċijiet fl-Annessi tad-Direttiva). Għad-dettalji sħaħ tal-motiv li jispjega liema popolazzjonijiet sottospeċifiċi għandhom jiġu rrapportati separatament, ara l-linji gwida li jagħtu gwida teknika dwar il-kunċetti u d-definizzjonijiet. Għall-finijiet ta' sempliċità, it-terminu "speċi" jintuża fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' hawn taħt, anki fejn jirreferi wkoll għal unitajiet sottospeċifiċi.

**Speċijiet li jinstabu b'mod regolari**

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar l-ispeċijiet kollha ta' tnissil "li jinstabu b'mod regolari" (anki jekk il-popolazzjonijiet tagħhom ikunu żgħar jew ikkunsidrati bħala "marġinali"), sabiex tkun tista' tinġabar stampa mal-UE kollha tad-daqs u x-xejra tal-popolazzjoni tagħhom. Speċi tista' titqies bħala li tinstab b'mod regolari jekk, pereżempju, tkun tnisslet f'erbgħa jew aktar mis-sitt snin koperti mill-perjodu ta' rapportar. L-ispeċijiet li jinstabu b'mod inqas regolari minn hekk għandhom jiġu rrapportati wkoll jekk il-popolazzjoni nazzjonali tagħhom fis-snin meta jinstabu tista' tirrappreżenta proporzjon sinifikanti (eż. >1 %) tal-popolazzjoni globali tal-UE, jew jekk qabel ikunu nstabu b'mod aktar regolari (ara wkoll "Speċijiet estinti" hawn taħt). Għandhom jiġu applikati kriterji simili għall-ispeċijiet rilevanti tax-Xitwa u tal-Passa (ara hawn taħt). L-ispeċijiet li jinstabu b'mod regolari huma indikati bil-kodiċi tal-okkorrenza PRE fil-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet ta' għasafar tal-Artikolu 12 fuq il-Portal ta' Referenza.

**Speċijiet ta' għasafar li jinstabu matul l-istaġun tax-xitwa u fil-passa**

*Speċijiet ewlenin li jistkennu fix-xitwa*

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar ċerti speċijiet ewlenin li jfittxu l-kenn fix-xitwa — speċjalment għasafar tal-ilma migratorji, bħal tjur selvaġġi (papri, wiżż u ċinji) u purċinelli (għasafar tax-xatt) — li huma ferm aktar abbundanti fl-UE matul ix-xitwa u/jew li d-daqs u x-xejra tal-popolazzjoni tagħhom jiġu mmonitorjati aħjar fix-xitwa (meta jinġabru f'numri kbar f'għadd relattivament żgħir ta' siti). Għal dawn l-ispeċijiet, il-valutazzjoni tal-istatus tal-popolazzjoni tal-UE tagħhom tista' tkun ibbażata primarjament (jew tabilħaqq kompletament f'xi każijiet) fuq id-*data* għall-popolazzjonijiet tagħhom fix-xitwa, għalhekk, ir-rapporti tax-Xitwa jintalbu mill-Istati Membri kollha fejn l-għasafar ifittxu l-kenn regolarment (ara wkoll "Speċijiet li jinstabu b'mod regolari" hawn fuq). Aktar informazzjoni dwar il-motiv wara s-sottosett ta' speċijiet li għalihom ir-rapportar tax-Xitwa huwa obbligatorju hija pprovduta fil-gwida teknika tal-kunċetti u d-definizzjonijiet.

([2]) Ara http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/wildbirds/eu_species/index_en.htm.

([3]) del Hoyo, J. & Collar, N.J. (2014) *HBW and BirdLife International Illustrated Checklist of the Birds of the World. Volume 1: Non-passerines.* Lynx Edicions, Barċellona.

Speċijiet li jiskattaw iż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) (inklużi l-ispeċijiet tal-Anness I) u speċijiet tal-Anness II tad-Direttiva 2009/147/KE li jinstabu matul l-istaġun tax-xitwa u fil-passa

Barra minn hekk, ir-rapporti tax-Xitwa jintalbu għal għadd ta' speċijiet oħrajn li regolarment ifittxu l-kenn fix-xitwa li ma jissodisfawx il-kriterji ta' hawn fuq, iżda li huma elenkati fl-Anness I tad-Direttiva jew elenkati/identifikati mill-Istati Membri bħala li jiskattaw il-klassifikazzjonijiet taż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) fuq livell nazzjonali minħabba l-okkorrenza tagħhom fix-xitwa. Fil-każijiet kollha bħal dawn, ir-rapporti tax-Xitwa jipprovdu informazzjoni importanti relatata mal-implimentazzjoni nazzjonali tad-Direttiva, anki jekk id-*data* dwar id-daqs u x-xejriet tal-popolazzjoni rrapportata ma tistax dejjem tintuża għal valutazzjoni ġenerali tal-popolazzjoni tal-UE li tfittex il-kenn fix-xitwa.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri mhumiex meħtieġa jirrapportaw dwar id-daqs jew ix-xejra tal-popolazzjoni tal-ispeċijiet fil-passa (jiġifieri waqt il-migrazzjoni tagħhom lejn/miż-żoni tat-tnissil u tal-kenn tagħhom), minhabba li d-*data* nazzjonali dwar id-daqs u x-xejra tal-popolazzjoni hija diffiċli li tiġi aggregata fil-livell tal-UE mingħajr informazzjoni supplimentari dettaljata li tippermetti l-interpretazzjoni meħtieġa biex tippermetti kwalunkwe għadd duplikat.

Madankollu, ir-rapporti tal-istaġun tal-passa għadhom mitluba għal ċerti speċijiet migratorji ewlenin li għalihom inkella ma tiġix irrapportata informazzjoni importanti. Dawn jinkludu:

— l-ispeċijiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2009/147/KE;

— speċijiet migratorji oħrajn li l-okkorrenza tagħhom waqt il-passa tiskatta klassifikazzjonijiet taż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) fuq livell nazzjonali ([4]) (kif indikat fil-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet fuq il-Portal ta' Referenza).

F'dawn il-każijiet, ir-rapporti (simplifikati) dwar il-passa jipprovdu informazzjoni importanti dwar, pereżempju, id-daqs tal-popolazzjoni għall-ispeċijiet li jiskattaw iż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) fil-passa, il-pressjonijiet u t-theddid nazzjonali għal speċijiet migratorji ewlenin, li altrimenti ma jinqabdux xi mkien ieħor.

L-Istati Membri huma mistennija jirrapportaw dwar l-ispeċijiet tax-xitwa tal-Anness II, minbarra l-ispeċijiet sedentarji fejn huwa meħtieġ biss rapport dwar it-tnissil. Huma mistennija wkoll rapporti simplifikati dwar il-passa għall-ispeċijiet tal-passa tal-Anness II li ma jistkennux jew ma jnisslux fil-pajjiż.

Aktar informazzjoni dwar ir-rapportar għal dawn il-gruppi partikolari ta' speċijiet tista' tinstab fi

Tabella 2: Taqsimiet tal-format tar-rapport dwar l-ispeċijiet li għandhom jimtlew għall-istaġun tat-tnissil, tax-xitwa u tal-passa għal kategoriji differenti ta' speċijiet ta' għasafar

**Speċijiet vagranti u okkażjonali**

L-għasafar vagranti jew "aċċidentali" huma dawk li tbiegħdu sew 'il barra mill-medda normali tat-tnissil, tal-kenn fix-xitwa jew tal-migrazzjoni tagħhom. Aktar minn 300 speċi jidhru fit-taqsima "vagranti" tal-Kategorija A tal-Lista tal-Ghasafar tal-UE, u diversi oħrajn jinstabu b'mod regolari f'partijiet tal-UE, iżda biss bħala vagranti fi Stati Membri oħrajn. Billi l-okkorrenza tal-vagranti hija imprevedibbli u probabbilment tirrifletti fil-biċċa l-kbira fatturi estrinsiċi (kundizzjonijiet klimatiċi matul perjodi migratorji ewlenin, xejriet barra mill-UE, eċċ.), ir-rapportar tagħhom fir-rapporti tal-Artikolu 12 mhuwiex meħtieġ. L-istess japplika għall-ispeċijiet "okkażjonali", li jistgħu jkunu eqreb lejn il-medda normali tagħhom, iżda li l-okkorrenza tagħhom fl-Istat Membru u/jew fl-istaġun inkwistjoni ma hijiex regolari jew stabbli (ara "Speċijiet li jinstabu b'mod regolari" hawn fuq).

**Speċijiet li jkunu għadhom kif waslu**

F'xi każijiet, speċi tista' tkun għadha ma bdietx tnissel jew tistkenn regolarment, iżda huwa probabbli — eż. abbażi ta' xejriet aktar reċenti ta' okkorrenza jew xejriet simili fil-pajjiżi ġirien — li tkun fil-proċess li tikkolonizza jew issir stabbilita bħala viżitatur regolari. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri huma mħeġġa jirrapportaw dwar l-ispeċi inkwistjoni, anki jekk ma jkunx possibbli li jingħataw dettalji għat-taqsimiet u l-oqsma rilevanti kollha ta' hawn taħt. Għall-ispeċijiet elenkati fil-lista ta' kontroll nazzjonali bl-okkorrenza "ARR" — li tindika li dawn ikkolonizzaw l-Istat Membru matul il-perjodu ta' xejra ta' terminu qasir — il-kontrolli "QA/QC" se jiġu llaxkati għal ċerti kampijiet (eż. il-kamp 4.2.1 "Perjodu ta' xejra fit-tul"). Jekk l-ispeċi ma tkunx diġà inkluża fil-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet għall-Istat Membru, hija tista' tiżdied waqt li jiġi sottomess ir-rapport nazzjonali dwar il-mekkaniżmu tar-rapportar.

Ara wkoll il-kamp 4.1.3 "Il-kobor tax-xejra ta' terminu qasir" għal gwida dwar il-kwistjoni speċifika tal-kobor tax-xejriet tar-rapportar minn daqs tal-popolazzjoni tal-bidu ta' żero (jiġifieri speċijiet li jkunu għadhom kif waslu).

([4]) Skont l-Artikolu 4(2).

**Speċijiet estinti**

Ma għandux isir rapportar dwar l-ispeċijiet li ġew estinti fuq livell nazzjonali qabel l-1980 (jiġifieri għall-ħabta taż-żmien meta ġiet adottata/daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2009/147/KE), sakemm ma jkunx hemm proġett nazzjonali ta' introduzzjoni mill-ġdid għaddej. Madankollu, għandhom jiġu pprovduti rapporti għall-ispeċijiet kollha li qabel kienu jinstabu b'mod regolari, iżda li ilhom li ġew estinti fuq livell nazzjonali mill-1980 (jiġifieri dawk elenkati bl-okkorrenza "EXBA" fil-lista ta' kontroll nazzjonali). Dan jinkludi speċijiet li għalihom l-aħħar rekord (anki jekk għal speċi individwali waħda) ġie nnotat wara d-data meta d-Direttiva daħlet fis-seħħ fl-Istat Membru; dawn l-ispeċijiet qabel kellhom okkorrenza permanenti/regolari fl-Istat Membru.

Fil-każ speċifiku ta' speċijiet tat-tnissil preċedenti li ma għadhomx inisslu b'mod regolari, iżda li għadhom jinstabu matul l-istaġun tat-tnissil (eż. bħala individwi mhux f'pari), l-Istati Membri għandhom ikomplu jittrattawhom bħala "li jinstabu b'mod regolari" ([5]), b'mod partikolari meta l-istatus tagħhom (eż. l-elenkar tal-Anness I tad-Direttiva 2009/147/KE u/jew rarità ġenerali) ifisser li l-preżenza kontinwa ta' għadd żgħir ta' individwi xorta tista' tkun ta' interess usa'.

L-ispeċijiet li kkolonizzaw f'numri żgħar, iżda li ma ġewx stabbiliti u, b'hekk, li reġgħu ġew estinti fuq livell nazzjonali, kollha mill-1980, għandhom jiġu ttrattati bħala speċijiet okkażjonali, u ma hemmx bżonn li jsir rapportar dwarhom.

Għalkemm mhux dejjem se jkun possibbli li jimtlew it-taqsimiet u l-kampijiet rilevanti kollha għal speċi elenkata bħala "EXBA", huwa importanti li tiġi koperta s-sena li fiha tkun ġiet estinta fuq livell nazzjonali (jew waqfet milli tinstab b'mod regolari, jekk dan ma kienx ċar ([6])) u d-daqs approssimattiv tal-popolazzjoni nazzjonali tagħha (u l-firxa tat-tnissil, fejn rilevanti) bejn wieħed u ieħor fl-1980, sabiex ikunu jistgħu jitqiesu l-firxa u r-rata tat-tnaqqis tagħha (ara wkoll il-kamp 4.1.3 "Il-kobor tax-xejra ta' terminu qasir" għal gwida aktar dettaljata dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar il-kobor tax-xejra għal speċijiet li ġew estinti matul il-perjodu tax-xejra).

**Popolazzjonijiet aljeni**

Minbarra "l-għasafar li jinstabu b'mod naturali fl-istat selvaġġ", kif speċifikat fl-Artikolu 1 tad-Direttiva, ir-rapportar huwa mitlub ukoll għall-popolazzjonijiet kollha ta' tliet speċijiet introdotti fil-biċċa l-kbira li huma elenkati fl-Anness II tad-Direttiva (*Branta canadensis* ([7]), *Meleagris gallopavo* u *Phasianus colchicus* ([8])) u għall-popolazzjonijiet selvaġġi ta' *Columba livia*. Ir-rapportar dwar speċijiet aljeni oħrajn (inklużi dawk elenkati fil-Kategorija C tal-Lista tal-Għasafar tal-UE ([9])) huwa fakultattiv, iżda huwa mħeġġeġ f'każijiet fejn l-Istat Membru jospita popolazzjoni aljena ta' speċi li tinstab b'mod naturali xi mkien ieħor fl-UE (u b'hekk hija elenkata fil-Kategorija A "indiġena" / "regolari" tal-Lista tal-Għasafar tal-UE), jew l-ispeċi tirrappreżenta theddida għall-popolazzjonijiet jew l-ispeċijiet indiġeni (eż. dawk fil-Lista ta' Speċijiet Aljeni Invażivi ta' Tħassib għall-Unjoni ([10]): *Oxyura jamaicensis, Alopochen aegyptiaca, Threskiornis aethiopicus, Corvus splendens, Pycnonotus cafer* u *Acridotheres tristis*).

*Tabella 1*

**Sommarju tal-ispeċijiet li għandhom jiġu rrapportati skont il-kategoriji tal-okkorrenza u l-kodiċijiet tal-ispeċijiet fil-lista ta' kontroll tal-għasafar tal-Artikolu 12**

| Kodiċi tal-okkorrenza/kodiċi tal-ispeċi (mil-lista ta' kontroll tal-Artikolu 12 fuq il-Portal ta' Referenza) | Deskrizzjoni | Obbligu ta' rapportar |
|---|---|---|
| PRE | Preżenti b'mod regolari | Għandhom jiġu rrapportati |
| ARR | Għadhom kif waslu | Mhux obbligatorji, iżda mħeġġa |
| EXBA | Speċijiet li saru estinti wara l-1980 | Għandhom jiġu rrapportati |

([5]) Għandhom jingħataw ukoll aktar dettalji, eż. "Speċijiet mhux ikkonfermati bħala li jnisslu mill-2008, iżda individwu wieħed jew żewġ individwi mhux f'pari xorta jkunu rreġistrati b'mod regolari matul l-istaġun tat-Tnissil" fil-kamp 3.7 "Informazzjoni addizzjonali"

([6]) Ħafna każijiet ta' estinzjoni nazzjonali se jkunu jeħtieġu xi grad ta' ġudizzju/interpretazzjoni esperta, minħabba li spiss ikun aktar diffiċli li tiġi kkonfermata l-assenza ta' speċi milli l-preżenza tagħha.

([7]) L-individwi selvaġġi ta' *Branta canadensis* (minn Greenland jew mill-Amerka ta' Fuq) jistgħu jinstabu wkoll bħala vagranti fl-UE, iżda l-enfasi hawn fuq hija fuq il-popolazzjonijiet introdotti.

([8]) Għalkemm xi sorsi jissuġġerixxu li l-popolazzjonijiet kollha ta' *Phasianus colchicus* fil-Punent tal-Kawkasu huma r-riżultat ta' introduzzjonijiet (xi wħud possibbilment sa mis-sena 1300 QK; Hagemeijer & Blair, 1997), oħrajn jasserixxu li l-popolazzjoni li jifdal fil-Greċja u dik li qabel kienet il-popolazzjoni fil-Bulgarija hija/kienet tassew indiġena (eż. Sokos & Birtsas, 2014).

([9]) Ara http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/wildbirds/eu_species/index_en.htm.

([10]) Ara https://ec.europa.eu/environment/nature/invasivealien/list/index_en.htm

| | | |
|---|---|---|
| eż.A115-X | X tirrappreżenta sottopopolazzjoni aljena ta' speċi | Mhux obbligatorji, iżda mħeġġa.<br>Rapportar obbligatorju BISS għall-ispeċijiet A044-X *Branta canadensis*, A115-X *Phasianus colchicus*, A460-X *Meleagris gallopavo* (popolazzjonijiet aljeni) u A206-X *Columba livia* (popolazzjonijiet selvaġġi). |

Noti ta' spjegazzjoni għall-mili tal-format tar-rapport dwar l-istatus u x-xejriet tal-ispeċijiet ta' għasafar

Il-format tar-rapport għandu jimtela għal kull speċi u għal kull staġun li jaqgħu taħt il-kriterji deskritti fit-Tabella 2. L-ispeċijiet għar-rapportar huma elenkati fil-lista ta' kontroll tal-Artikolu 12.

Għal xi Stati Membri, għandu jiġi pprovdut format ta' rapport separat għal unitajiet subnazzjonali distinti. Dan japplika għall-Azores (il-Portugall), għal Madeira (il-Portugall) u għall-Gżejjer Kanarji (Spanja). Il-valutazzjonijiet preċedenti fil-livell tal-UE wrew li ħafna popolazzjonijiet tal-għasafar Makaroneżjani għandhom status u xejriet differenti ħafna għal dawk fl-Iberja, għalhekk, ġie implimentat rapportar separat għat-territorji subnazzjonali mill-perjodu ta' rapportar 2008-2012.

Il-format tar-rapport dwar l-istatus u x-xejriet tal-ispeċijiet tal-għasafar ("rapport dwar l-ispeċijiet") jinkludi ħdax-il taqsima, kif ġej:

Rapportar tal-istaġun

(1) Informazzjoni dwar l-ispeċijiet

(2) Staġun

(3) Daqs tal-popolazzjoni

(4) Xejra tal-popolazzjoni

(5) Mappa u daqs tad-distribuzzjoni tat-tnissil

(6) Xejra tad-distribuzzjoni tat-tnissil

(7) Pressjonijiet u theddidiet ewlenin

(8) Miżuri ta' konservazzjoni

(9) Kopertura ta' Natura 2000 (Żoni ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS))

Rapportar fil-livell tal-ispeċijiet/tas-sottospeċijiet

(10) Progress fil-ħidma relatata ma' Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Ispeċijiet (SAPs), Pjanijiet ta' Ġestjoni (MPs) u Dikjarazzjonijiet ta' Ġestjoni fil-Qosor (BMSs) internazzjonali

(11) Informazzjoni relatata mal-ispeċijiet tal-Anness II tad-Direttiva 2009/147/KE

*Tabella 2*

**Taqsimiet tal-format tar-rapport dwar l-ispeċijiet li għandhom jimtlew għall-istaġun tat-tnissil, tal-kenn fix-xitwa u tal-passa għal kategoriji differenti ta' speċijiet ta' għasafar (inklużi l-ispeċijiet tal-Anness I u tal-Anness II tad-Direttiva 2009/147/KE u speċijiet migratorji oħrajn li jiskattaw il-klassifikazzjoni taż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS))**

| | Anness I u tnissil li jiskatta klassifikazzjoni taż-ŻPS (inkluż sedentarju) | Anness I u kenn fix-xitwa li jiskatta klassifikazzjoni taż-ŻPS | Anness I u passa li tiskatta klassifikazzjoni taż-ŻPS | Anness II Tnissil (inkluż sedentarju) | Anness II Kenn fix-xitwa | Anness II Passa | Tnissil ieħor | Kenn fix-xitwa ewlieni ieħor |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rapportar tal-istaġuni | | | | | | | | |
| 1. Informazzjoni dwar l-ispeċijiet | X | X | X | X | X | X | X | X |
| 2. Staġun | X | X | X | X | X | X | X | X |
| 3. Daqs tal-popolazzjoni | X | X | X | X | X | jekk tiskatta klassifikazzjoni taż-ŻPS (*) | X | X |
| 4.Xejra tal-popolazzjoni | X | X | fakultattiv | X | X | fakultattiv | X | X |
| 5. Mappa u daqs tad-distribuzzjoni tat-tnissil | X | - | - | X | - | - | X | - |
| 6. Xejra tad-distribuzzjoni tat-tnissil | X | - | - | X | - | - | X | - |
| 7. Pressjonijiet u theddid ewlenin | X | X | X | X | X | jekk tiskatta klassifikazzjoni taż-ŻPS (*) | - | - |
| 8. Miżuri ta' konservazzjoni | X | X | X | X | X | jekk tiskatta klassifikazzjoni taż-ŻPS (*) | - | - |
| 9. Kopertura taż-ŻPS ta' Natura 2000 | X | X | X | Jekk tiskatta klassifikazzjoni taż-ŻPS | Jekk tiskatta klassifikazzjoni taż-ŻPS | Jekk tiskatta klassifikazzjoni taż-ŻPS | - | - |
| Rapportar tal-ispeċijiet | | | | | | | | |
| 10. Progress fuq il-pjanijiet ta' azzjoni u ta' ġestjoni | jekk rilevanti | jekk rilevanti | jekk rilevanti | jekk rilevanti | jekk rilevanti | jekk rilevanti | jekk rilevanti | jekk rilevanti |
| 11. Informazzjoni relatata mal-Anness II | Jekk elenkat fl-Anness II | jekk elenkat fl-Anness II | jekk elenkat fl-Anness II | X | X | X | - | - |

(*) * flimkien ma' għażla għall-ispeċijiet tal-passa tal-Anness II li ma jiskattawx ŻPS.

Ir-rapporti dwar it-"Tnissil", il-"Kenn fix-Xitwa" u l-"Passa" fit-Tabella 2 jikkorrispondu għall-istaġun magħżul fit-Taqsima 2 tal-format tar-rapportar.

Jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima dwar "L-ispeċijiet li għandhom jiġu rrapportati" ta' hawn fuq għal spjegazzjoni ulterjuri dwar l-okkorrenzi tal-ispeċijiet li għandu jsir rapportar dwarhom.

Għall-ispeċijiet sedentarji tal-Anness I tad-Direttiva 2009/147/KE, huwa mitlub rapport wieħed biss, ibbażat fuq *data* dwar l-istaġun tat-tnissil (Rapport dwar it-tnissil), iżda l-pressjonijiet u t-theddid u l-miżuri ta' konservazzjoni (irrapportati taħt it-Taqsimiet 7 u 8) għandhom ikopru s-sena kollha, mhux biss il-pressjonijiet jew il-miżuri speċifiċi għall-istaġun tat-tnissil.

Għall-Anness I u għal speċijiet oħrajn li jiskattaw iż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) tad-Direttiva 2009/147/KE b'popolazzjonijiet differenti ta' tnissil, ta' kenn fix-xitwa u/jew tal-passa fl-Istat Membru, għandu jkun hemm rapporti separati għat-tnissil, għall-kenn fix-xitwa u għal għażla ta' speċijiet tal-istaġun tal-passa kif indikat fil-lista ta' kontroll tal-Artikolu 12.

Għall-ispeċijiet sedentarji tal-Anness II, huwa meħtieġ biss li jiġi ppreżentat rapport għall-istaġun tat-Tnissil.

It-Taqsima 10 għandha timtela għal speċijiet bi ([11]) Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Ispeċijiet (SAPs), Pjanijiet ta' Ġestjoni (MPs) u Dikjarazzjonijiet ta' Ġestjoni fil-Qosor (BMSs) internazzjonali (kif speċifikati fil-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet fuq il-Portal ta' Referenza).

Għalkemm mhux id-*data* kollha użata fir-rapport se tinġabar matul il-perjodu ta' rapportar, ir-rapport għandu jagħti informazzjoni ta' rilevanza għall-perjodu ta' rapportar (eż. 2019-2024). Barra minn hekk, filwaqt li mhux it-taqsimiet kollha tal-format tar-rapportar huma obbligatorji għal kull anness u staġun, fejn din l-informazzjoni tkun disponibbli, huwa mħeġġeġ bil-qawwa li din tiġi sottomessa.

Huwa rrakkomandat li kwalunkwe informazzjoni b'test liberu pprovduta tkun miktuba bl-Ingliż, sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tagħha waqt l-analiżi tal-UE u jkun hemm aktar qarrejja.

## 1. INFORMAZZJONI DWAR L-ISPEĊIJIET

It-Taqsima 1 għandha timtela għall-ispeċijiet kollha li jseħħu regolarment kif elenkati fil-lista ta' kontroll tal-għasafar tal-Artikolu 12 fuq il-Portal ta' Referenza.

### 1.1. Stat Membru

L-Istati Membri għandhom jużaw il-kodiċi tal-pajjiż rilevanti mil-lista fuq il-Portal ta' Referenza. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dan ikun sempliċement il-kodiċi ISO 3166 b'żewġ ittri għall-Istat Membru tiegħek. Għal ftit Stati Membri, japplika rapportar separat għall-unitajiet subnazzjonali (b'referenza għall-istatus ta' speċijiet jew popolazzjonijiet partikolari f'żoni ġeografiċi distinti), u fil-każ tal-Azores (il-Portugall), Madeira (il-Portugall) u l-Gżejjer Kanarji (Spanja), għandu jintuża l-kodiċi subnazzjonali rilevanti b'erba' ittri, kif speċifikat fuq il-Portal ta' Referenza.

### 1.2. Kodiċi tal-ispeċi

L-Istati Membri għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-ispeċijiet mogħtija fil-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet (u fil-lista ta' kodiċijiet) fuq il-Portal ta' Referenza. Jistgħu jiġu allokati kodiċijiet ġodda, jekk ikunu meħtieġa. Aktar informazzjoni dwar il-lista ta' kodiċijiet tal-ispeċijiet u l-emendi possibbli tista' tinstab fuq il-Portal ta' Referenza.

### 1.3. Kodiċi tal-EURING

L-Istati Membri għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-EURING mogħtija fil-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet (u fil-lista tal-kodiċijiet) fuq il-Portal ta' Referenza. Ġew allokati kodiċijiet tal-EURING uniċi għal kważi kull speċi ta' għasafar (u diversi sottospeċijiet) indiġeni għall-Ewropa, għall-finijiet tal-koordinazzjoni tat-tlibbis taċ-ċrieket lill-għasafar, u jintużaw b'mod wiesa' ([12]).

### 1.4. L-isem xjentifiku tal-ispeċi

L-Istati Membri għandhom jużaw l-ismijiet xjentifiċi mogħtija fil-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet fuq il-Portal ta' Referenza, li issa tirrifletti fil-biċċa l-kbira n-nomenklatura u t-tassonomija adottati fl-aħħar verżjoni tal-*Lista ta' għasafar tal-Unjoni Ewropea* ([13]). F'għadd żgħir ta' każijiet, l-entrata għall-isem xjentifiku tinkludi l-frażi "l-oħrajn kollha", biex tindika li l-unità tassonomika inkwistjoni tinkludi s-sottospeċijiet (indiġeni) kollha li jifdal mhux elenkati b'mod espliċitu fl-Annessi tad-Direttiva (eż. "*Accipiter gentilis* l-oħrajn kollha", ara "*Accipiter gentilis arrigonii*" elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2009/147/KE). L-aġġornamenti tassonomiċi se jiġu implimentati biex jinżamm l-allinjament mar-referenzi tassonomiċi segwiti mill-IUCN.

([11]) Jew mill-inqas "multilaterali" (xi SAPs u BMSs jirrigwardjaw unitajiet tassonomiċi li huma endemiċi għal pajjiż wieħed).
([12]) https://euring.org/data-and-codes/euring-codes
([13]) http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/wildbirds/eu_species/index_en.htm

### 1.5. Popolazzjoni sottospeċifika

Fejn rilevanti, l-Istati Membri għandhom jużaw id-deskrizzjonijiet sottospeċifiċi tal-popolazzjoni mogħtija fil-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet fuq il-Portal ta' Referenza. F'ħafna każijiet, l-ismijiet sottospeċifiċi tal-popolazzjoni huma relatati mad-deskrizzjonijiet fil-qosor użati biex jiġu identifikati l-popolazzjonijiet distinti tar-rotot migratorji tal-ispeċijiet AEWA. F'oħrajn, huma jiċċaraw trattament tassonomiku jew nomenklaturali applikat fil-lista ta' kontroll, jew jgħinu biex issir distinzjoni bejn popolazzjonijiet introdotti ta' speċijiet li huma indiġeni xi mkien ieħor fl-UE.

### 1.6. Isem xjentifiku alternattiv tal-ispeċi (fakultattiv)

Jekk l-isem xjentifiku mogħti taħt il-kamp 1.4 ikun differenti minn dak fl-użu nazzjonali ġenerali, l-Istati Membri jistgħu jdaħħlu isem alternattiv hawnhekk.

### 1.7. Isem komuni (fakultattiv)

Jekk l-Istati Membri jkunu jixtiequ jdaħħlu l-isem komuni tal-ispeċi (jew tas-sottospeċi) użat fil-livell nazzjonali, huma jistgħu jagħmlu dan hawnhekk. Dan jista' jkun utli jekk l-abbozz tar-rapport jiġi ċċirkolat għall-kummenti lil persuni li jistgħu ma jkunux familjari mal-isem xjentifiku, jew meta r-rapport jiġi kkomunikat lill-pubbliku.

## 2. STAĠUN

### 2.1. Staġun

Agħżel l-istaġun li fih inġabret il-biċċa l-kbira tad-*data* li qed tiġi rrapportata, bl-għażliet "Tnissil", "Kenn fix-Xitwa" u "Passa".

### 2.2. Rapportar għall-ewwel darba

Jekk l-ispeċi tiġi rrapportata fl-Istat Membru għall-ewwel darba, dan għandu jiġi indikat hawnhekk. Il-kamp tar-rapportar għall-ewwel darba jista' jintuża għal każijiet fejn speċi tkun għadha kif ġiet irrapportata jew tkun ġiet irrapportata fi staġun li ma jkunx sar rapportar dwaru qabel. Dan il-kamp ma għandux jintuża f'każijiet fejn l-isem tassonomiku ta' speċi jkun ġie aġġornat. Xi kampijiet fil-format tar-rapportar jistgħu ma jkunux applikabbli għall-ispeċijiet irrapportati għall-ewwel darba, pereżempju, meta jiġu indikati l-bidla u r-raġuni għall-bidla mill-aħħar perjodu ta' rapportar. L-ewwel darba rrapportata tista' tiġi indikata billi tiddaħħal "Iva" f'dan il-kamp.

### 2.3. Informazzjoni addizzjonali

Dan il-kamp jippermetti lill-Istati Membri jirrapportaw, bħala test liberu, kwalunkwe informazzjoni li titqies rilevanti. Jekk speċi tiġi rrapportata għall-ewwel darba, jekk jogħġbok spjega għaliex (jiġifieri speċi rreġistrata ġdida jew mod ieħor). Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali oħra dwar din it-taqsima hija fakultattiva.

## 3. DAQS TAL-POPOLAZZJONI

### 3.1. Sena jew perjodu

Daħħal is-sena jew il-perjodu li matulhom id-daqs tal-popolazzjoni ġie ddeterminat l-aħħar: SSSS (għas-sena) u SSSS-SSSS (għall-perjodu, sena-sena).

Ħafna rapporti se jinvolvu perjodi, minħabba li d-daqs tal-popolazzjoni ta' ħafna speċijiet huwa stmat b'mod komuni matul proġetti tal-atlas nazzjonali, li ġeneralment jinvolvu diversi snin ta' ħidma fuq il-post. F'ħafna każijiet, il-ħidma fuq il-post se testendi barra mil-limiti tal-perjodu ta' rapportar attwali. Is-sena jew il-perjodu rrapportati għandhom ikopru l-perjodu attwali li matulu tkun inġabret id-*data*.

F'xi każijiet, id-daqs tal-popolazzjoni se jiġi stmat abbażi ta' ċensiment jew inventarju sħiħ tal-ispeċijiet li jkun sar matul perjodu ta' rapportar preċedenti, iżda li jkun ġie aġġornat bir-riżultati ta' monitoraġġ regolari jew bl-użu ta' *data* minn sistemi online għall-ġbir ta' *data* fuq il-post. Is-sena jew il-perjodu rrapportati għandhom ikunu dawk li magħhom tkun relatata l-istima rrapportata tad-daqs tal-popolazzjoni.

### 3.2. Daqs tal-popolazzjoni

L-Istati Membri għandhom jużaw l-unitajiet tal-popolazzjoni (il-kamp 3.2(a) "Unità") speċifikati għal kull kombinazzjoni ta' speċi — staġun fil-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet. Sabiex ikun jista' jiġi kkalkolat id-daqs globali tal-popolazzjoni tal-UE ta' kull speċi, l-Istati Membri kollha għandhom jirrapportaw id-*data* nazzjonali tagħhom billi jużaw l-istess unità tal-popolazzjoni. Għall-maġġoranza l-kbira tal-ispeċijiet tat-tnissil, in-numri għandhom jiġu rrapportati f'unitajiet ta' pari ta' tnissil ("p"), filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-estimi għal ħafna speċijiet, inklużi ħafna oħrajn komuni u mifruxa, fil-prattika spiss ikunu bbażati fuq in-numru ta' territorji okkupati (eż. għasafar irġiel tal-għana) matul l-istaġun tat-tnissil. Meta d-daqs tal-popolazzjoni tat-tnissil jiġi rrapportat bħala pari ta' tnissil, iżda ċ-ċifri jiġu derivati minn *data* primarja fuq il-post miġbura bl-użu ta' unità oħra (pereżempju, bejtiet apparentement okkupati għal ċerti għasafar tal-baħar), din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta fil-kamp 3.7 "Informazzjoni addizzjonali".

F'minoranza żgħira ta' każijiet li jinvolvu speċijiet b'bijoloġija tat-tnissil mhux tas-soltu/kumplessa jew b'imġiba kriptika, unitajiet oħrajn — bħal nisa tat-tnissil ("bfemales") jew irġiel tat-taħrik ("cmales") — huma aktar xierqa minn pari għar-rapportar tad-daqs tal-popolazzjoni. Tali speċijiet jinkludu ċerti bugħadam, gallozz, pitarrun u ħaġla. L-unitajiet li għandhom jintużaw għar-rapportar tad-daqs tal-popolazzjoni ta' tali speċijiet huma indikati fil-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet fuq il-Portal ta' Referenza.

Għar-rapporti dwar l-istaġuni tal-"Kenn fix-Xitwa" u tal-"Passa", id-daqs tal-popolazzjoni għandu jiġi rrapportat, kif xieraq, bl-użu tal-individwi tal-unità ("i").

Hemm tliet kampijiet disponibbli għar-rapportar tal-valuri tad-daqs tal-popolazzjoni: "(b) Minimu"; "(c) Massimu"; u "(d) L-aħjar valur uniku". In-numru ta' kampijiet użati se jvarja skont in-natura tal-informazzjoni dwar id-daqs tal-popolazzjoni disponibbli għall-ispeċi inkwistjoni (ara hawn taħt), iżda għandu jsegwi waħda mill-kombinazzjonijiet loġiċi li ġejjin: (b) u (c); sempliċement (d); jew (b), (c) u (d).

Jekk ma tkunx teżisti stima preċiża tad-daqs tal-popolazzjoni, bl-estimi disponibbli biss bħala medda (jiġifieri minimu–massimu), dawn iż-żewġ valuri għandhom jiġu rrapportati fil-kampijiet (b) u (c). L-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu daqsijiet minimi u massimi plawżibbli tal-popolazzjoni anki għal speċijiet li ma tantx huma magħrufa, sabiex tiġi minimizzata l-inċertezza ttrasferita fl-istima tad-daqs u x-xejriet ġenerali tal-popolazzjoni tal-UE (li tinvolvi "ponderazzjoni" skont id-daqsijiet tal-popolazzjoni nazzjonali), iżda fejn dan ma jkunx possibbli, xorta jista' jiġi rrapportat limitu aktar baxx fil-kamp 3.2(d) (preferibbilment b'nota komplementari fil-kamp 3.7, pereżempju, "Daqs massimu tal-popolazzjoni li x'aktarx ma jaqbiżx il-100 000 par"), b'"minimu" magħżul taħt il-kamp 3.3 "Tip ta' stima".

Jekk il-popolazzjoni tiġi mmonitorjata tajjeb ħafna (u spiss, iżda mhux dejjem, tkun relattivament żgħira), jista' jkun disponibbli valur preċiż wieħed, f'liema każ dan jista' jiġi rrapportat fil-kamp (d). F'każijiet oħrajn, jistgħu jkunu disponibbli medda (minimu–massimu) u valur medju jew "l-aktar probabbli", f'liema każ dawn kollha jistgħu jiġu pprovduti, fil-kampijiet (b), (c) u (d).

F'sitwazzjoni fejn ikun magħruf biss valur minimu (jew massimu) tad-daqs tal-popolazzjoni (eż. permezz ta' opinjoni esperta), dan għandu jiddaħħal fil-kamp (d) "L-aħjar valur uniku" u MHUX fil-kampijiet (b) "Minimu" jew (c) "Massimu". Dan jista' jiġi spjegat fil-kamp 3.7 (Informazzjoni addizzjonali).

Fejn jeżistu *data* mhux ipproċessata u/jew estimi preċiżi, dawn għandhom jiġu rrapportati mingħajr arrotondament fil-livell tal-Istati Membri; kwalunkwe arrotondament bħal dan se jsir aktar tard fil-livell tal-UE, kif meħtieġ.

Jekk l-ispeċi tkun ilha estinta fuq livell nazzjonali mill-1980 (jiġifieri l-okkorrenza tagħha tkun elenkata bħala "EXBA" fil-lista ta' kontroll nazzjonali), għandu jiddaħħal "0" fil-kamp (d), u idealment għandha tiġi pprovduta wkoll xi indikazzjoni taż-żmien tal-estinzjoni (pereżempju, "*L-aħħar tnissil irreġistrat fl-1998*") fil-kamp 3.7. Jekk ma jkunx ċar jekk l-ispeċi tkunx ġiet estinta fuq livell nazzjonali jew għadhiex tippersisti f'numri żgħar ħafna, jistgħu jiddaħħlu l-valuri ta' "0" u, pereżempju, "1" fil-kampijiet (b) u (c), rispettivament.

### 3.3. **Tip ta' stima**

Agħżel l-aktar deskrizzjoni xierqa tat-tip ta' stima tad-daqs tal-popolazzjoni rrapportata taħt il-kamp 3.2. Jekk ikunu ġew ipprovduti valuri għall-kampijiet kollha 3.2(b), (c) u (d), agħżel il-kategorija li tiddeskrivi bl-aħjar mod id-*data* (spiss "medja ta' diversi snin" jew "intervall ta' kunfidenza ta' 95 %"). Aktar dettalji tal-għażliet huma pprovduti hawn taħt:

— l-aħjar stima — l-aħjar ċifra unika disponibbli (inkluż fejn ikun disponibbli biss il-valur massimu tad-daqs tal-popolazzjoni) jew l-intervall, derivat minn, pereżempju, ċensiment tal-popolazzjoni, kompilazzjoni taċ-ċifri mil-lokalitajiet, stima bbażata fuq id-densitajiet tal-popolazzjoni u d-*data* tad-distribuzzjoni, jew opinjoni esperta, iżda li għalihom ma ġewx ikkalkolati limiti ta' kunfidenza ta' 95 %. Jekk l-aħjar stima tiġix minn *data* ta' monitoraġġ, estrapolazzjoni jew opinjoni esperta tista' tiġi indikata fil-kamp 3.4;

— medja ta' diversi snin — valur medju (u intervall, jiġifieri estimi tal-agħar u tal-aħjar snin) fejn id-daqs tal-popolazzjoni ġie stmat għal diversi snin matul il-perjodu ta' rapportar (kif indikat mill-entrata fil-kamp 3.1);

— intervall ta' kunfidenza ta' 95 % — estimi derivati minn stħarriġ kampjunarju jew mudell li għalih jistgħu jiġu kkalkolati limiti ta' kunfidenza ta' 95 % (kif irrapportat fil-kampijiet 3.2(b) u 3.2(c)) għall-aħjar valur uniku (irrapportat fil-kamp 3.2(d));

— minimu — fejn ma teżistix biżżejjed *data* biex tiġi pprovduta saħansitra stima laxka, iżda fejn id-daqs tal-popolazzjoni jkun magħruf li jkun ogħla minn ċertu valur, jew fejn l-estimi tal-intervall irrapportati jkunu ġejjin minn stħarriġ tal-kampjun jew minn proġett ta' monitoraġġ li probabbilment jissottovalutaw id-daqs reali tal-popolazzjoni.

Jekk jiġu pprovduti kemm intervall (il-kampijiet 3.2(b) "Minimu" u 3.2(c) "Massimu") kif ukoll valuri uniċi (il-kamp 3.2(d) "L-aħjar valur uniku"), il-kamp 3.3 "Tip ta' stima" għandu jikkorrispondi għall-aktar stima preċiża. Dan għandu jiġi nnotat fil-kamp 3.7 "Informazzjoni addizzjonali".

### 3.4. **Metodu użat**

Dan il-kamp jintuża biex jagħti dettalji dwar il-metodoloġija użata biex jiġi stmat id-daqs tal-popolazzjoni fil-kamp 3.2. Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin:

a) stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta (pereżempju, minn stħarriġ kampjun tal-maġġoranza tad-distribuzzjoni magħrufa);

b) prinċipalment abbażi ta' estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' *data* (pereżempju, minn stħarriġ kampjunarju ta' proporzjon żgħir tal-medda, bl-użu ta' mudelli bbażati fuq data dwar id-densità/l-abbundanza u d-distribuzzjoni, jew minn stima eżistenti aġġornata bl-użu ta' *data* dwar ix-xejriet);

c) prinċipalment abbażi ta' opinjoni esperta, b'*data* limitata ħafna;

d) *data* insuffiċjenti jew l-ebda *data* disponibbli.

Jekk jiġu pprovduti kemm l-intervall (il-kampijiet 3.2(b) "Minimu" u 3.2(c) "Massimu") kif ukoll il-valuri uniċi (il-kamp 3.2 (d) "L-aħjar valur uniku"), il-Metodu użat għandu jikkorrispondi għall-istima aktar preċiża. Dan għandu jiġi nnotat fil-kamp 3.7 "Informazzjoni addizzjonali".

### 3.5. **Sorsi**

Sabiex toħloq ir-rekord tal-awditjar meħtieġ għad-*data* rrapportata fil-kampijiet minn 3.1 sa 3.4 hawn fuq, daħħal id-dettalji tar-referenzi ewlenin jew ta' sorsi oħrajn ta' informazzjoni użati biex jimtlew dawn il-kampijiet. Tali sorsi jistgħu jinkludu, pereżempju, dokumenti ppubblikati, *data* mhux ippubblikata miżmuma f'bażijiet tad-*data*, siti web u gruppi ta' ħidma esperti. Huwa preferibbli li tiġi pprovduta biżżejjed informazzjoni sabiex kwalunkwe persuna li tirrevedi r-rapport (jew li taġġornah fi żmien sitt snin jew 12-il sena) tkun tista' tifhem l-oriġini tad-*data* rrapportata.

### 3.6. **Bidla u raġuni għall-bidla (mir-rapport preċedenti)**

Dan il-kamp jintuża biex jindika jekk kienx hemm xi bidla mill-perjodu ta' rapportar preċedenti fid-daqs tal-popolazzjoni rrapportat u, jekk iva, biex jiddeskrivi n-natura ta' din il-bidla.

Jekk ikun hemm bidla, indika liema mill-għażliet li ġejjin b) sa f) japplikaw (huwa possibbli li twieġeb "Iva" għal aktar minn waħda mill-għażliet b-f) ([14]):

(a) le, ma hemm l-ebda bidla

(b) iva, minħabba bidla ġenwina

(c) iva, minħabba għarfien imtejjeb jew *data* aktar preċiża

(d) iva, minħabba l-użu ta' metodu differenti ([15]) (inkluża bidla tassonomika)

(e) iva, iżda n-natura tal-bidla ma hijiex magħrufa

(f) iva, minħabba raġunijiet oħrajn

Fl-aħħar nett, għandu jiġi indikat jekk kwalunkwe differenza tkunx prinċipalment dovuta għal (agħżel għażla waħda):

(a) bidla ġenwina

(b) għarfien imtejjeb jew *data* aktar preċiża

(c) l-użu ta' metodu differenti

(d) mhux magħrufa

(e) raġunijiet oħrajn

([14]) Huwa fenomenu komuni li speċi rari tattira aktar attenzjoni. B'riżultat ta' dan, aktar nies ifittxuha u jsibuha, li twassal biex l-istima tad-daqs tal-popolazzjoni tiġi riveduta, u spiss tiżdied sostanzjalment. Madankollu, xorta jista' jkun ċar li l-ispeċi fil-fatt qed tonqos, abbażi ta' analiżi tad-*data* minn siti b'xejriet storiċi affidabbli. F'dan il-każ, għandhom jintgħażlu l-għażliet għal "għarfien imtejjeb/*data* aktar preċiża" ta' hawn fuq. Il-kamp 3.7 "Informazzjoni addizzjonali" jippermetti lil Stat Membru jipprovdi aktar dettalji dwar għaliex żdiedet stima tad-daqs tal-popolazzjoni, anki jekk tnaqqis fil-popolazzjoni jiġi rrapportat fit-Taqsima 3

([15]) Interpretazzjoni mtejba jew il-korrezzjoni ta' żbalji fl-interpretazzjoni tad-*data* sottostanti għandhom jiġu inklużi taħt "metodu differenti"

Jekk Stat Membru jkun jixtieq jagħti aktar informazzjoni, dan jista' jsir fil-kamp 3.7 "Informazzjoni addizzjonali". Jekk jiġi mmarkat il-kamp "iva, minħabba raġunijiet oħrajn", dan irid jiġi speċifikat aktar f'"Informazzjoni addizzjonali". Dan il-kamp għandu jintuża biss f'każijiet limitati ħafna.

### 3.7. **Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva)**

Dan il-kamp fakultattiv jista' jintuża biex jipprovdi informazzjoni supplimentari b'test liberu rilevanti għad-*data* pprovduta għall-valutazzjoni tad-daqs tal-popolazzjoni taħt il-kampijiet minn 3.1 sa 3.6, bħad-dettalji ta' kwalunkwe fattur ta' konverżjoni użat għall-konverżjoni tal-estimi tal-kamp tad-daqs tal-popolazzjoni għal pari tat-tnissil (ara t-test għall-kamp 3.2) jew raġunijiet oħrajn għall-bidla (il-kamp 3.6). Pereżempju, jekk, minħabba bidla fil-metodi, Stat Membru jirrapporta l-istess daqs tal-popolazzjoni bħal fir-rapport preċedenti, anki jekk kien hemm bidla ġenwina, dan jista' jiġi nnotat ukoll hawnhekk.

## 4. **XEJRA TAL-POPOLAZZJONI**

### 4.1. **Xejra ta' terminu qasir (l-aħħar 12-il sena)**

Il-kampijiet 4.1.1 sa 4.1.5 jintużaw biex jipprovdu informazzjoni dwar ix-xejra ta' terminu qasir fid-daqs tal-popolazzjoni, abbażi ta' perjodu ta' 12-il sena.

#### 4.1.1. *Il-perjodu tax-xejriet ta' terminu qasir*

Il-perjodu għax-xejriet ta' terminu qasir huwa ta' 12-il sena (li jikkorrispondu għal bejn wieħed u ieħor żewġ ċikli ta' rapportar). Għar-rapporti tal-perjodu 2019-2024, dan ifisser li l-perjodu huwa 2013-2024, jew perjodu kemm jista' jkun qrib dan. Hija permessa xi flessibbiltà, għalhekk, għalkemm ix-xejriet idealment jiġu rrapportati għall-perjodu 2013-2024, id-*data* mill-perjodu 2010-2021, pereżempju, se tiġi aċċettata jekk l-aħjar *data* disponibbli tkun relatata ma' stħarriġ f'dawk is-snin, jew jekk l-użu ta' punt tat-tmiem aktar bikri jfisser li r-rapport nazzjonali tal-Artikolu 12 jista' jiġi pprovdut mingħajr dewmien. Madankollu, innota li, minħabba li x-xejriet nazzjonali jeħtieġ li jiġu kkombinati biex tiġi stmata x-xejra ġenerali fil-livell tal-UE, kwalunkwe xejra mhux irrapportata għall-perjodu ta' xejra "ideali" se tiġi estrapolata jew imqassra, kif xieraq (Ara l-gwida teknika tal-kunċetti u tad-definizzjonijiet għal aktar informazzjoni). Għall-ispeċijiet li jkunu għadhom kif waslu, idealment ix-xejriet jiġu rrapportati bis-sena tal-bidu bħala s-sena li fiha l-ispeċijiet ikunu tnisslu/instabu għall-ewwel darba; pereżempju, jekk l-ispeċi tkun ġiet osservata għall-ewwel darba bħala li qed tnissel fl-2018, allura l-perjodu tax-xejriet ta' terminu qasir ikun 2018-2024 għall-perjodu ta' rapportar 2019-2024.

#### 4.1.2. *Direzzjoni tax-xejriet ta' terminu qasir*

Indika jekk ix-xejra tal-popolazzjoni matul il-perjodu rrapportat fil-kamp 4.1.1 kinitx (tista' tintgħażel għażla waħda biss):

(a) stabbli

(b) tvarja

(c) tiżdied

(d) tonqos

(e) mhux ċerta

(f) mhux magħrufa

Id-distinzjoni tax-xejriet "stabbli" mix-xejriet "tiżdied" jew "tonqos" bi ftit se tiddependi fuq in-natura tal-informazzjoni dwar ix-xejriet disponibbli għall-ispeċijiet inkwistjoni. Fejn tkun disponibbli *data* ta' monitoraġġ statistikament robusta, għandu jkun possibbli li ssir distinzjoni bejn (u, b'hekk, li jiġi rrapportat dwar) żidiet jew tnaqqis relattivament żgħar — iżda statistikament sinifikanti — (pereżempju, jekk l-intervalli ta' kunfidenza ta' 95 % tal-bidla ma jikkoinċidux ma' żero). Min-naħa l-oħra, jekk l-allokazzjoni tal-kategorija tad-direzzjoni tax-xejriet tkun ibbażata fuq *data* inqas robusta (jew opinjoni esperta), għandu jintuża limitu speċifikat (bidla ġenerali ta' 10 % matul il-perjodu tax-xejriet) biex issir distinzjoni bejn ix-xejriet "stabbli" u "tiżdied" jew "tonqos". Fiż-żewġ każijiet, l-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu informazzjoni ta' spjegazzjoni/supplimentari rilevanti fil-kamp 4.3 "Informazzjoni addizzjonali" (eż. "Ix-xejra ta' terminu qasir mill-iskema komuni nazzjonali ta' monitoraġġ tal-għasafar għall-perjodu 2013-2024 kienet ta' -0,4 % (b'intervall ta' kunfidenza ta' 95 %: = -1,1 % u +0,4 % fis-sena), għalhekk, il-bidla għall-perjodu kollu kienet ta' -4 % (b'intervall ta' kunfidenza ta' 95 %: -11 % u +4 %); b'hekk ikkategorizzati bħala "stabbli"."). Għal aktar gwida, ara l-gwida teknika tal-kunċetti u d-definizzjonijiet.

"Tvarja" tapplika għal speċijiet li l-livell medju tal-popolazzjoni tagħhom ma nbidilx b'mod sinifikanti matul il-perjodu tax-xejriet, iżda li huma kkaratterizzati minn varjazzjonijiet interannwali kbar fl-abbundanza, xi drabi ta' ordni waħda jew żewġ ordnijiet ta' kobor. Speċijiet li tipikament juru tali dinamiċi jinkludu l-ispeċijiet tat-tnissil Boreali u tal-Artiku, bħal ċerti kokki u kruċjati, li l-abbundanza tagħhom hija marbuta mill-qrib mad-disponibbiltà tal-ikel, li turi l-livelli massimi u l-livelli minimi ċikliċi, iżda l-kategorija tista' tapplika wkoll għal speċijiet li huma partikolarment affettwati minn kundizzjonijiet klimatiċi avversi jew varjabbli. L-Istati Membri huma mitluba jirrestrinġu l-użu ta' din il-kategorija għal speċijiet li juru żidiet/tnaqqis interannwali fil-popolazzjoni ta' ≥50 %. Dan jinkludi speċijiet li, b'mod ġenerali, jitqiesu li jnisslu jew jistkennu "regolarment" (eż. aktar spiss milli le), iżda li xorta jistgħu ma jinstabux kull sena.

Il-kategorija “mhux ċerta” għandha tintuża f’każijiet fejn tkun disponibbli xi data ta’ monitoraġġ, iżda din id-*data* ma tkunx biżżejjed biex tiddetermina b’mod affidabbli bejn żewġ direzzjonijiet ta’ xejriet jew aktar, eż. bejn “tvarja” jew “tonqos”. Dan jista’ jkun minħabba li d-daqsijiet tal-kampjuni jkunu żgħar u/jew l-iskemi ta’ monitoraġġ ikunu ġew stabbiliti biss relattivament reċentement. Aktar dettalji, pereżempju, tad-*data* disponibbli u/jew ta’ opinjoni esperta tax-xejra “reali” probabbli, jistgħu jiġu pprovduti fil-kamp 4.3. “Informazzjoni addizzjonali”. Ix-xejriet mill-iskemi komuni nazzjonali ta’ monitoraġġ tal-għasafar ikkategorizzati bħala “mhux ċerti” minn TRIM ([16]), pereżempju, għandhom jiġu rrapportati bl-użu ta’ din il-kategorija (mhux “tvarja”). Għal aktar gwida, ara l-gwida teknika tal-kunċetti u d-definizzjonijiet.

Il-kategorija tax-xejriet “mhux magħrufa” għandha tintuża biss f’każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda informazzjoni — kwantitattiva jew kwalitattiva — disponibbli dwar ix-xejra nazzjonali tal-ispeċi. Madankollu, anki f’dawn il-każijiet, l-esperti nazzjonali spiss ikollhom sens ta’ xenarji ta’ xejriet aktar probabbli — jew għall-inqas tal-“limiti” plawżibbli ta’ kwalunkwe żieda jew tnaqqis potenzjali — u kwalunkwe indikazzjoni ta’ dan ([17]) xorta tista’ tkun utli ħafna meta jitwettqu l-valutazzjonijiet tal-istatus tal-popolazzjoni fil-livell tal-UE.

Aktar gwida relatata max-xejriet tal-popolazzjoni hija mogħtija fil-gwida teknika tal-kunċetti u d-definizzjonijiet.

4.1.3. *Kobor tax-xejra ta’ terminu qasir*

Jekk tiġi rrapportata “tiżdied”, “tonqos” jew “mhux ċerta” fil-kamp 4.1.2, daħħal il-bidla perċentwali ġenerali fid-daqs tal-popolazzjoni matul il-perjodu tax-xejra speċifikat fil-kamp 4.1.1.

Agħżel mill-għażliet li ġejjin:

(a) Minimu

(b) Massimu

(c) L-aħjar valur uniku

— Jekk il-kobor ikun disponibbli biss bħala medda (eż. 20-30 %), dawn iż-żewġ valuri għandhom jiġu rrapportati f’“(a) Minimu” u “(b) Massimu”.

— Jekk tkun disponibbli ċifra preċiża (eż. 27 %), din għandha tiddaħħal f’“(c) L-aħjar valur uniku”.

— Fejn tkun disponibbli xejra medja jew “l-aktar probabbli”, flimkien ma’ limiti ta’ kunfidenza ta’ 95 %, dawn it-tliet valuri jistgħu jiġu rrapportati kollha f’(c), (a) u (b), rispettivament.

— F’sitwazzjoni fejn ikun magħruf biss valur minimu (jew massimu) (eż. permezz ta’ opinjoni esperta), dan għandu jiddaħħal fil-kamp “L-aħjar valur uniku” u MHUX fil-kampijiet “(a) Minimu” jew “(b) Massimu”.

— Għandhom jiġu rrapportati valuri ta’ kobor negattiv (jiġifieri jiġi inkluż is-sinjal “-”) għall-kobor tax-xejriet negattivi kollha, inklużi każijiet fejn id-direzzjoni tkun diġà indikata bħala “tonqos”. Madankollu, sabiex jiġi evitat id-dħul bla bżonn tad-*data*, mhuwiex meħtieġ li jiġi inkluż is-sinjal “+” għal xejriet pożittivi (jiġifieri kobor tax-xejra ta’ “15” se jiġi preżunt li jirrappreżenta +15 %). Fil-każ ta’ xejriet negattivi, innota li l-kampijiet “Minimu” u “Massimu” huma relatati ma’ valuri minimi u massimi matematikament (mhux tnaqqis minimu u massimu).

Fil-każ speċifiku ta’ speċijiet li kkolonizzaw jew li ġew stabbiliti matul il-perjodu tax-xejra (eż. dawk elenkati bħala li għadhom kif waslu [“ARR”] fil-lista ta’ kontroll nazzjonali tal-ispeċijiet), il-kobor ta’ kwalunkwe żieda fil-popolazzjoni għandu jiġi kkalkolat abbażi tad-daqs tal-popolazzjoni fis-sena inizjali ([18]). Pereżempju, għall-perjodu ta’ rapportar 2019-2024, jekk speċi mnissla għall-ewwel darba (par wieħed) fl-2018, iżda l-popolazzjoni tat-tnissil fl-2024 tkun ta’ tmien pari, għandha tiddaħħal “2018-2024” fil-kamp 4.1.1, għandha tintgħażel “tiżdied” fil-kamp 4.1.2, u għandha tiddaħħal “700” (jiġifieri ż-żieda perċentwali minn wieħed għal tmienja) fil-kamp 4.1.3(c). Idealment, għandha tiġi pprovduta wkoll nota komplementari li tikkonferma s-sena tal-kolonizzazzjoni u d-daqs inizjali tal-popolazzjoni (eż. “Speċi mnissla għall-ewwel darba (par wieħed) fl-2018.”) fil-kamp 4.3 “Informazzjoni addizzjonali”.

B’kuntrast ma’ dan, għall-ispeċijiet li fuq livell nazzjonali jkunu ġew estinti matul il-perjodu tax-xejra, sempliċement ir-rapportar ta’ tnaqqis ta’ 100 % ma jipprovdix l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi vvalutata l-importanza relattiva tat-tnaqqis (it-tnaqqisiet għal żero mid-daqsijiet tal-popolazzjoni tal-bidu ta’, pereżempju, wieħed u 100 it-tnejn jirrappreżentaw tnaqqis ta’ 100 %). Fl-eżempju ta’ speċi li kellha popolazzjoni tat-tnissil ta’ 10 pari fl-2014, iżda li ġiet estinta bħala speċi tat-tnissil fl-2021, għandha tiddaħħal “2014-2021” fil-kamp 4.1.1, għandha tintgħażel “tonqos” fil-kamp 4.1.2, għandha tiddaħħal “-100” fil-kamp 4.1.3(c), u għandha tiżdied nota komplementari li tindika d-daqs tal-popolazzjoni fl-2014 (eż. “*L-ispeċi naqset minn 10 pari tat-tnissil fl-2014 għal estinzjoni bħala speċi tat-tnissil fl-2021.*”) fil-kamp 4.3 “Informazzjoni addizzjonali”.

---

([16]) Xejriet u Indiċijiet għall-Monitoraġġ tad-*data* [programm tal-freeware]: użati minn ħafna skemi komuni ta’ monitoraġġ tal-għasafar biex tiġi analizzata d-*data* ta’ stħarriġ nazzjonali (ara https://pecbms.info/methods/software/).

([17]) Pereżempju, nota fil-kamp 4.3 “Informazzjoni addizzjonali” tul il-linji ta’ “*Ebda informazzjoni affidabbli disponibbli dwar ix-xejra ta’ terminu qasir, iżda mhux mifhuma li naqset jew żdiedet b’aktar minn 30 % matul il-perjodu tax-xejriet ideali.*”

([18]) Sabiex tiġi evitata l-problema tal-kalkolu ta’ perċentwal minn linja bażi ta’ żero.

Għalkemm il-kobor tax-xejriet ma huwiex obbligatorju għax-xejriet irrapportati bħala "stabbli" jew "li tvarja" ([19]), dawn jistgħu jiġu rrapportati wkoll fil-kamp 4.1.3. "Kwalunkwe informazzjoni ta' spjegazzjoni/supplimentari rilevanti addizzjonali — bħall-intervalli ta' kunfidenza tax-xejriet "stabbli" jew aktar dettalji dwar il-fluttwazzjonijiet jistgħu jiġu pprovduti fil-kamp 4.3 "Informazzjoni addizzjonali".

4.1.4. *Xejra ta' terminu qasir — Metodu użat*

Uża waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(a) stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta (eż. tqabbil ta' żewġ estimi tad-daqs tal-popolazzjoni li joriġinaw minn ċensimenti kompluti, jew monitoraġġ iddedikat tal-popolazzjoni b'saħħa statistika tajba);

(b) prinċipalment abbażi ta' estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' *data* (eż. xejriet derivati minn *data* miġbura biss minn kampjun relattivament żgħir tal-popolazzjoni, jew abbażi ta' daqs insuffiċjenti tal-kampjun, jew xejriet estrapolati minn xi kejl ieħor);

(c) prinċipalment abbażi ta' opinjoni esperta, b'*data* limitata ħafna;

(d) *data* insuffiċjenti jew l-ebda *data* disponibbli.

Tista' tintgħażel kategorija waħda biss; fejn id-*data* tkun ġiet ikkompilata minn varjetà ta' sorsi, agħżel il-kategorija għall-aktar sors importanti ta' *data*.

Il-kamp "Metodu użat" japplika kemm għad-direzzjoni tax-xejriet ta' terminu qasir (il-kamp 4.1.2) kif ukoll għall-kobor tax-xejriet (4.1.3), minħabba li dawn iż-żewġ kampijiet huma parti minn valutazzjoni waħda u t-tnejn għandhom jiġu kkunsidrati hawnhekk.

4.1.5. *Sorsi*

Sabiex toħloq ir-rekord tal-awditjar meħtieġ għad-*data* rrapportata fil-kampijiet minn 4.1.1 sa 4.1.4 hawn fuq, daħħal id-dettalji tar-referenzi ewlenin jew sorsi oħrajn ta' informazzjoni użati biex jimtlew dawn il-kampijiet. Tali sorsi jistgħu jinkludu, pereżempju, dokumenti ppubblikati, *data* mhux ippubblikata miżmuma f'bażijiet tad-*data*, siti web u gruppi ta' ħidma esperti. Huwa preferibbli li tiġi pprovduta biżżejjed informazzjoni sabiex kwalunkwe persuna li tirrevedi r-rapport (jew li taġġornah fi żmien sitt snin jew 12-il sena) tkun tista' tifhem l-oriġini tad-*data* rrapportata.

## 4.2. **Xejra fit-tul (minn bejn wieħed u ieħor l-1980)**

4.2.1. *Perjodu ta' xejriet fit-tul*

Il-perjodu ideali għar-rapportar tax-xejriet fit-tul huwa minn bejn wieħed u ieħor l-1980 (meta ġiet adottata/daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2009/147/KE) sa bejn wieħed u ieħor l-aħħar sena tal-perjodu ta' rapportar. Madankollu, hawnhekk teżisti ċerta flessibbiltà, u b'hekk jekk Stat Membru jkun wettaq ċensimenti nazzjonali (pereżempju) fl-1980, fl-1995, fl-2015 u fl-2020, ix-xejra bejn l-1980 u l-2020 għandha tiġi rrapportata għall-perjodu ta' rapportar 2019-2024. Għall-ispeċijiet li ilhom li kkolonizzaw mill-1980, idealment ix-xejriet jiġu rrapportati bis-sena tal-bidu bħala s-sena li fiha l-ispeċijiet ikunu tnisslu/instabu għall-ewwel darba, eż. jekk l-ispeċi tkun ġiet osservata għall-ewwel darba bħala li qed tnissel fis-sena 2000, allura l-perjodu tax-xejriet fit-tul ikun mis-sena 2000. Għall-ispeċijiet li jkunu għadhom kif waslu, id-data tal-bidu taqa' fl-aħħar żewġ perjodi ta' rapportar (jiġifieri mill-2013 sal-2024 għall-perjodu ta' rapportar 2019-2024, ara wkoll it-test għall-kamp 4.1.1).

L-Istati Membri li ma għandhomx *data* dwar l-iskema ta' monitoraġġ tal-popolazzjoni minn qabel is-sena 2000 huma mħeġġa jikkonsultaw sorsi potenzjali oħrajn ta' informazzjoni dwar ix-xejriet, bħaż-żewġ edizzjonijiet ta' Birds in Europe ([20]), li jippreżentaw l-estimi f'meded tax-xejra tal-popolazzjoni nazzjonali (flimkien ma' referenzi ta' appoġġ) għall-biċċa l-kbira tal-ispeċijiet għall-perjodi 1970-1990 u 1990-2000.

4.2.2. *Direzzjoni tax-xejriet fit-tul*

Ara l-kamp 4.1.2 hawn fuq dwar id-direzzjoni tax-xejriet ta' terminu qasir.

Jekk l-allokazzjoni tal-kategorija tad-direzzjoni tax-xejriet tkun ibbażata fuq *data* inqas robusta (jew opinjoni esperta), għandu jintuża limitu speċifikat (bidla ġenerali ta' 20 % matul il-perjodu ta' xejra fit-tul) biex issir distinzjoni bejn ix-xejriet "stabbli" u "tiżdied" jew "tonqos" (jintuża l-limitu ta' 10 % għax-xejra ta' terminu qasir fil-kamp 4.1.2).

Aktar gwida relatata max-xejriet tal-popolazzjoni hija mogħtija fil-gwida teknika tal-kunċetti u d-definizzjonijiet.

---

([19]) Dawn ix-xejriet kollha huma ttrattati bħala li ma juru l-ebda bidla netta b'mod ġenerali meta tiġi stmata x-xejra fil-livell tal-UE.

([20]) Tucker, G.M. & Heath, M.F. (1994) *Birds in Europe: their conservation status*. BirdLife International (BirdLife Conservation Serje Nru 3), Cambridge, ir-Renju Unit.
BirdLife International (2004) *Birds in Europe: population estimates, trends and conservation status*. BirdLife International (BirdLife Conservation Serje Nru. 12), Cambridge, ir-Renju Unit.

4.2.3. *Kobor tax-xejra fit-tul*

Ara l-kamp 4.1.3 hawn fuq dwar il-kobor tax-xejra ta' terminu qasir.

4.2.4. *Xejra fit-tul — Metodu użat*

Ara l-kamp 4.1.4 hawn fuq dwar ix-xejra ta' terminu qasir — Metodu użat.

4.2.5. *Sorsi*

Ara l-kamp 4.1.5 hawn fuq.

### 4.3. Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva)

Din it-taqsima tista' tintuża biex tipprovdi informazzjoni supplimentari b'test liberu rilevanti għad-*data* pprovduta għall-valutazzjoni tax-xejriet tal-popolazzjoni taħt it-Taqsimiet 4.1 u 4.2 (ara t-test għall-kampijiet preċedenti għal suġġerimenti).

## 5. MAPPA U DAQS TAD-DISTRIBUZZJONI TAT-TNISSIL

L-atlasijiet nazzjonali tal-għasafar tat-tnissil diġà jeżistu għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE, u fl-2020 ġie ppubblikat Atlas Ewropew tal-Għasafar tat-Tnissil ("EBBA2") ġdid ([21]). B'kuntrast ma' dan, ftit pajjiżi ppubblikaw atlasijiet nazzjonali tal-għasafar tax-xitwa, u ħafna speċijiet ta' għasafar huma ferm aktar mobbli fix-xitwa xorta waħda. B'hekk, ma tintalab l-ebda *data* dwar id-distribuzzjoni fix-xitwa.

### 5.1. Speċijiet sensittivi

Xi speċijiet huma partikolarment vulnerabbli għall-persekuzzjoni, il-qtil illegali jew il-ġbir, u b'hekk jistgħu jiffaċċjaw riskji ġenwinament akbar għall-konservazzjoni jew il-ġestjoni tagħhom kieku informazzjoni dettaljata dwar id-distribuzzjoni tagħhom kellha ssir disponibbli għall-pubbliku. F'minoranza ta' każijiet, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li speċi tkun f'riskju jekk id-distribuzzjoni tagħha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq l-iskala ta' grilja standard ta' 10×10 km mitluba (ara t-Taqsima 5.3). Meta l-informazzjoni dwar id-distribuzzjoni, jekk tiġi rrapportata skont l-ispeċifikazzjonijiet fil-kamp 5.3, titqies bħala "sensittiva", dan jista' jiġi indikat billi tiddaħħal "Iva" f'dan il-kamp.

Jekk speċi tkun immarkata bħala "sensittiva", il-Kummissjoni u l-EEA ma għandhomx jiddivulgaw id-distribuzzjoni tagħha lill-pubbliku (pereżempju, billi jibagħtu din l-informazzjoni fuq bażi tad-*data* disponibbli għall-pubbliku jew fuq sit ibbażat fuq l-internet).

### 5.2. Sena jew perjodu

Daħħal is-sena (eż. 2021) jew il-perjodu (eż. 2019-2023) meta d-distribuzzjoni tat-tnissil tkun ġiet iddeterminata l-aħħar. Ħafna rapporti se jinvolvu perjodi, minħabba li d-distribuzzjoni tal-biċċa l-kbira tal-ispeċijiet tiġi mmappjata b'mod komuni matul il-proġetti tal-atlas nazzjonali, li ġeneralment jinvolvu diversi snin ta' xogħol fuq il-post. Is-sena jew il-perjodu rrapportati għandhom ikopru l-perjodu attwali li matulu tkun inġabret id-*data*.

Fejn ma teżisti l-ebda informazzjoni reċenti tal-atlas, l-Istati Membri huma mħeġġa jirrapportaw ċifra aktar aġġornata, billi jerġgħu jimmappjaw id-distribuzzjoni nazzjonali bl-użu ta' *data* oħra, bħar-riżultati tal-iskemi ta' monitoraġġ annwali, id-*data* miġbura mill-internet u l-istħarriġ reġjonali jew nazzjonali. F'każijiet bħal dawn, il-mappa tad-distribuzzjoni se tiġi elaborata abbażi ta' *data* mill-perjodu ta' rapportar preċedenti jew bl-użu ta' *data* ta' distribuzzjoni aktar antika li ġiet aġġornata bir-riżultati ta' monitoraġġ regolari jew bl-użu ta' *data* minn sistemi online għall-ġbir tad-*data*. Is-sena jew il-perjodu rrapportati għandhom ikunu dawk li magħhom tkun relatata d-distribuzzjoni rrapportata.

### 5.3. Mappa tad-distribuzzjoni tat-tnissil

Issottometti mappa tad-distribuzzjoni, flimkien mal-metadata rilevanti (projezzjoni, datum, skala). L-istandard huwa ċelloli tal-grilja ETRS89 10×10 km fil-projezzjoni LAEA (EPSG:3035) ([22]). Is-sett tad-*data* tad-distribuzzjoni se jikkonsisti fiċ-ċelloli tal-grilja ta' 10 km, fejn it-tnissil jiġi rreġistrat jew huwa probabbli (ara l-gwida hawn taħt għall-immappjar tad-

([21]) https://ebba2.info/

([22]) Is-Sistema Ewropea ta' Referenza Terrestri tal-1989; Projezzjoni Ażimutali b'Erja Ugwali ta' Lambert b'parametri: latitudni tal-oriġini ta' 52°N, lonġitudni tal-oriġini ta' 10°E, xejra falza lejn it-Tramuntana ta' 3 210 000,0 m, xejra falza lejn il-Lvant ta' 4 321 000,0 m (ibbażati fuq EPSG 3035). L-oriġini tal-grilja tiġi kkalkolata minn 0mN 0mE tal-projezzjoni http://www.eionet.europa.eu/gis.

distribuzzjoni tal-ispeċijiet); l-użu ta' *data* dwar l-attributi biex tiġi indikata l-preżenza jew l-assenza ta' speċi f'ċellola tal-grilja mhuwiex permess. Il-perjodu li matulu nġabret id-*data* dwar id-distribuzzjoni għandu jiġi inkluż fil-metadata skont il-linji gwida ta' INSPIRE ([23]). L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-mapep tad-distribuzzjoni huma mogħtija fuq il-Portal ta' Referenza.

L-Istati Membri, jew territorji żgħar bħall-Gżejjer Kanarji, Madeira jew l-Azores jistgħu jużaw mapep li jużaw grilji ta' 1x1 km. Dawn se jiġu aggregati għal 10x10 km għall-viżwalizzazzjoni fil-livell Ewropew.

Il-grilji għal Stati Membri individwali huma disponibbli biex jitniżżlu mill-Portal ta' Referenza.

Il-mappa għandha turi l-okkorrenza tat-tnissil (jiġifieri l-preżenza jew l-assenza) tal-ispeċi f'kull ċellola tal-grilja. B'mod ġenerali, għandhom jiġu inklużi biss iċ-ċelloli tal-grilja fejn it-tnissil huwa "ikkonfermat", "probabbli" jew "possibbli"; għad-definizzjonijiet tal-kategoriji u l-kodiċijiet tat-tnissil, irreferi għat-Tabella 2 fil-"Metodoloġija" għall-Atlas Ewropew il-ġdid tal-Għasafar fil-Fażi tat-Tnissil ([24]). Madankollu, f'każijiet fejn il-kopertura tal-istħarriġ u d-disponibbiltà tad-*data* jkunu magħrufa li huma ħżiena, jistgħu jiġu inklużi wkoll ċelloli meqjusa li x'aktarx iżommu popolazzjonijiet ta' tnissil (speċjalment speċijiet komuni), bl-użu ta' għarfien espert jew immudellar. F'dawn il-każijiet, aktar informazzjoni relatata mal-affidabbiltà tad-*data* tista' tiġi pprovduta fil-kamp 5.8 "Informazzjoni addizzjonali".

## 5.4. Daqs tad-distribuzzjoni tat-tnissil

Daħħal l-erja tas-superfiċe totali tad-distribuzzjoni attwali fl-Istat Membru, f'km². Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, din se tkun in-numru ta' 10×10 km kwadri okkupati mmultiplikat b'100. L-erja tas-superfiċe tad-distribuzzjoni għandha tkun irrappreżentata minn grilji (10x10 km jew 1x1 km) li jseħħu kompletament jew parzjalment fl-Istat Membru (jiġifieri grilji f'intersezzjoni mal-konfini tal-Istat Membru għandhom jingħaddu kompletament).

Għall-ispeċijiet lokalizzati, huwa possibbli li tiġi rrapportata l-erja tas-superfiċe tad-distribuzzjoni bl-użu ta' riżoluzzjoni aktar fina; pereżempju, għal speċijiet ristretti għal post wieħed, iż-żona tad-distribuzzjoni hija ż-żona ta' lokalità fejn tinstab speċi, li tista' tkun ta' diversi ettari.

## 5.5. Metodu użat

Dan il-kamp jintuża biex jagħti dettalji dwar il-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-erja tad-daqs tad-distribuzzjoni tat-tnissil fil-kamp 5.4. Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin:

a) stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta

b) prinċipalment abbażi ta' estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' *data*

c) prinċipalment abbażi ta' opinjoni esperta, b'*data* limitata ħafna

d) *data* insuffiċjenti jew l-ebda *data* disponibbli

Fejn id-*data* tkun ġiet ikkompilata minn varjetà ta' sorsi, uża l-kategorija għall-aktar sors importanti ta' *data*.

Il-"Metodu użat" għandu jiġi rrapportat bħala "(d) *Data* insuffiċjenti jew l-ebda *data* disponibbli" jekk il-mappa tad-distribuzzjoni li fuqha tkun ibbażata l-erja tas-superfiċe stmata tad-distribuzzjoni (miksuba permezz ta' mmappjar, immudellar jew estrapolazzjoni komprensivi, jew, b'mod eċċezzjonali, interpretazzjoni esperta) tkopri inqas minn 75 % tad-distribuzzjoni attwali preżunta tal-ispeċijiet u ma tkun intużat l-ebda *data* oħra biex timtela din il-lakuna fl-istima tal-erja tas-superfiċe tad-distribuzzjoni (jiġifieri l-mappa li tirriżulta ma tkunx kompluta b'rabta mad-distribuzzjoni preżunta tal-ispeċijiet u, għalhekk, l-erja tas-superfiċe tad-distribuzzjoni tkun sottovalutata).

## 5.6. Mapep addizzjonali (fakultattivi)

Dan huwa għal każijiet fejn Stat Membru jkun jixtieq jissottometti mappa addizzjonali differenti mill-mappa standard ta' sottomissjoni taħt il-kamp 5.3. Innota li dan huwa kamp fakultattiv u ma jissostitwix il-ħtieġa li tiġi pprovduta mappa taħt il-kamp 5.3.

([23]) Għall-perjodu 2019-2024, se jingħataw aktar dettalji għall-allinjament ma' INSPIRE fil-manwal tal-kunsinna rilevanti għad-*data* spazjali.

([24]) https://ebba2.info/about/methodology/

Hawnhekk jistgħu jiġu rrapportati mapep b'riżoluzzjoni oħra għajr 10×10 km jew bi grilji għajr il-grilja ETRS89 LAEA (EPSG:3035).

## 5.7. **Sorsi**

Sabiex toħloq ir-rekord tal-awditjar meħtieġ għad-*data* rrapportata fil-kampijiet minn 5.1 sa 5.6 hawn fuq, daħħal id-dettalji tar-referenzi ewlenin jew ta' sorsi oħrajn ta' informazzjoni użati biex jimtlew dawn il-kampijiet. Tali sorsi jistgħu jinkludu, pereżempju, dokumenti ppubblikati, data mhux ippubblikata miżmuma f'bażijiet tad-*data*, siti web u gruppi ta' ħidma esperti. Huwa preferibbli li tiġi pprovduta biżżejjed informazzjoni sabiex kwalunkwe persuna li tirrevedi r-rapport (jew li taġġornah fi żmien sitt snin jew 12-il sena) tkun tista' tifhem l-oriġini tad-*data* rrapportata.

## 5.8. **Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva)**

Din it-taqsima tista' tintuża biex tipprovdi informazzjoni supplimentari b'test liberu (massimu ta' 500 karattru) rilevanti għad-*data* pprovduta għall-valutazzjoni tad-distribuzzjoni tat-tnissil taħt il-kampijiet minn 5.1 sa 5.7.

# 6. **XEJRA TAD-DISTRIBUZZJONI TAT-TNISSIL**

## 6.1. **Xejra ta' terminu qasir (l-aħħar 12-il sena)**

Il-kampijiet minn 6.1.1 sa 6.1.5 jintużaw biex jipprovdu informazzjoni dwar ix-xejriet ta' terminu qasir fid-distribuzzjoni tat-tnissil, abbażi ta' perjodu ta' 12-il sena. Għal xejra ta' terminu qasir b'mod ġenerali, fejn id-*data* tkun assenti jew mhux magħrufa, huwa mheġġeġ li jintużaw opinjoni esperta jew sorsi oħrajn ta' *data*, pereżempju, fejn studji aktar reċenti u speċifiċi għall-ispeċijiet jipprovdu għarfien dwar xejriet reċenti jew, fil-każ ta' nissiela rari/lokalizzati ħafna, l-għarfien ta' postijiet tat-tnissil preċedenti/eżistenti jista' jippermetti paragun sempliċi (eż. it-tnissil kien magħruf fi tliet siti fl-2013 u kien għadu qed iseħħ fl-istess tliet siti fl-2024 jew għal dik il-ħabta, għalhekk, ix-xejra ta' distribuzzjoni ta' terminu qasir hija essenzjalment stabbli), id-direzzjoni tax-xejriet tista' tiġi vvalutata bl-użu ta' din l-informazzjoni b'opinjoni esperta.

### 6.1.1. *Perjodu tax-xejriet ta' terminu qasir*

Il-perjodu għax-xejriet ta' terminu qasir huwa ta' 12-il sena (żewġ ċikli ta' rapportar). Għar-rapporti tal-perjodu 2019-2024, dan ifisser li l-perjodu huwa 2013-2024, jew perjodu kemm jista' jkun qrib dan. Hija permessa xi flessibbiltà, għalhekk, għalkemm ix-xejriet idealment jiġu rrapportati għall-perjodu 2013-2024, data oħra li tkopri perjodu ta' żmien differenti iżda komparabbli (eż. 2009-2023) se tiġi aċċettata jekk l-aħjar *data* disponibbli tkun relatata ma' stħarriġ f'dawk is-snin. Għall-ispeċijiet li jkunu għadhom kif waslu, idealment ix-xejriet jiġu rrapportati bis-sena tal-bidu bħala s-sena li fiha l-ispeċi tkun tnisslet għall-ewwel darba, eż. jekk l-ispeċi tkun ġiet osservata għall-ewwel darba bħala li qed tnissel fil-2018, allura l-perjodu tax-xejriet fit-terminu qasir ikun 2018-2014 għall-perjodu ta' rapportar 2019-2024. Indika l-perjodu użat f'dan il-kamp.

### 6.1.2. *Direzzjoni tax-xejriet ta' terminu qasir*

Indika jekk ix-xejra tad-distribuzzjoni matul il-perjodu rrapportat fil-kamp 6.1.1 kinitx (tista' tintgħażel għażla waħda biss):

(a) stabbli

(a) tvarja

(b) tiżdied

(c) tonqos

(d) mhux ċerta

(e) mhux magħrufa

Ara t-test għall-kamp 4.1.2 Id-direzzjoni tax-xejriet ta' terminu qasir fil-popolazzjoni għal aktar gwida dwar l-interpretazzjoni u l-użu ta' dawn il-kategoriji tad-direzzjoni tax-xejriet. Il-kategorija "tvarja" probabbilment se tapplika għal inqas xejriet ta' distribuzzjoni mix-xejriet tal-popolazzjoni, iżda xorta tista' tkun xierqa, pereżempju, f'każijiet fejn id-distribuzzjoni nazzjonali ta' speċi (li tinstab b'mod regolari) tkun influwenzata ħafna minn kundizzjonijiet staġjonali xi mkien ieħor (eż. it-tnixxif ta' siti tal-art mistagħdra ppreferuti aktar lejn in-Nofsinhar).

### 6.1.3. *Kobor tax-xejra ta' terminu qasir*

Jekk tiġi rrapportata "tiżdied", "tonqos" jew "mhux ċerta" fil-kamp 6.1.2, daħħal il-bidla perċentwali ġenerali fid-daqs tad-distribuzzjoni matul il-perjodu tax-xejra speċifikat fil-kamp 6.1.1.

Agħżel mill-għażliet li ġejjin:

(a) Minimu

(b) Massimu

(c) L-aħjar valur uniku

— Jekk ikun possibbli biss intervall (eż. 20-30 %), dawn iż-żewġ valuri għandhom jiġu rrapportati f'"(a) Minimu" u "(b) Massimu".

— Jekk tkun disponibbli ċifra preċiża (eż. 27 %), din għandha tiddaħħal f'"(c) L-aħjar valur uniku".

— Jekk tkun disponibbli xejra medja jew "l-aktar probabbli", flimkien ma' limiti ta' kunfidenza ta' 95 %, dawn it-tliet valuri jistgħu jiġu rrapportati kollha f'(c), (a) u (b), rispettivament.

— F'sitwazzjoni fejn ikun magħruf biss valur minimu (jew massimu) (eż. permezz ta' opinjoni esperta), dan għandu jiddaħħal fil-kamp "L-aħjar valur uniku" u MHUX fil-kampijiet "(a) Minimu" jew "(b) Massimu". Għandhom jiġu rrapportati valuri ta' kobor negattiv (jiġifieri jiġi inkluż is-sinjal "-") għall-kobor tax-xejriet negattivi kollha, inklużi każijiet fejn id-direzzjoni tkun diġà indikata bħala "tonqos". Madankollu, sabiex jiġi evitat id-dħul bla bżonn tad-*data*, mhuwiex meħtieġ li jiġi inkluż is-sinjal "+" għal xejriet pożittivi (jiġifieri kobor tax-xejra ta' "15" se jiġi preżunt li jirrappreżenta +15 %). Fil-każ ta' xejriet negattivi, innota li l-kampijiet "Minimu" u "Massimu" huma relatati ma' valuri minimi u massimi matematikament (mhux tnaqqis minimu u massimu).

Jekk disponibbli, il-kobor tax-xejra jista' jiġi rrapportat ukoll għax-xejriet "stabbli" jew "tvarja".

Ara t-test relatat għall-kamp 4.1.3 Xejra ta' terminu qasir — Kobor għall-popolazzjoni għal gwida dwar il-każijiet speċifiċi ta' speċijiet li kkolonizzaw jew ġew estinti fuq livell nazzjonali matul il-perjodu tax-xejra.

6.1.4. *Xejra ta' terminu qasir — Metodu użat*

Dan il-kamp jintuża biex jagħti dettalji dwar il-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-kobor tax-xejra ta' terminu qasir. Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(a) stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta (eż. tqabbil ta' żewġ mapep tad-distribuzzjoni abbażi ta' *data* preċiża tad-distribuzzjoni, jew monitoraġġ iddedikat tad-distribuzzjoni ta' speċi b'saħħa statistika tajba);

(b) prinċipalment abbażi ta' estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' *data* (eż. xejriet derivati mid-data tal-okkorrenza miġbura għal skopijiet oħrajn, jew mid-*data* miġbura minn parti biss tal-medda ġeografika ta' ħabitat, jew xejriet ibbażati fuq il-kejl ta' xi indikaturi ta' tbassir oħrajn tad-distribuzzjoni tal-habitat, bħal bidliet fil-kopertura tal-art);

(c) prinċipalment abbażi ta' opinjoni esperta, b'*data* limitata ħafna;

(d) *data* insuffiċjenti jew l-ebda *data* disponibbli.

6.1.5. *Sorsi*

Sabiex toħloq ir-rekord tal-awditjar meħtieġ għad-*data* rrapportata fil-kampijiet minn 6.1.1 sa 6.1.4 hawn fuq, daħħal id-dettalji tar-referenzi ewlenin jew sorsi oħrajn ta' informazzjoni użati biex jimtlew dawn il-kampijiet. Tali sorsi jistgħu jinkludu, pereżempju, dokumenti ppubblikati, *data* mhux ippubblikata miżmuma f'bażijiet tad-*data*, siti web u gruppi ta' ħidma esperti. Huwa preferibbli li tiġi pprovduta biżżejjed informazzjoni sabiex kwalunkwe persuna li tirrieżamina r-rapport (jew li taġġornah fi żmien sitt snin jew 12-il sena) tkun tista' tifhem l-oriġini tad-*data* rrapportata.

## 6.2. **Xejra fit-tul (minn bejn wieħed u ieħor l-1980)**

6.2.1. *Perjodu ta' xejriet fit-tul*

Il-perjodu ideali għar-rapportar tax-xejriet fit-tul huwa minn bejn wieħed u ieħor l-1980 (meta ġiet adottata/daħlet fis-seħħ id-Direttiva dwar l-Għasafar) sa bejn wieħed u ieħor l-aħħar sena tal-perjodu ta' rapportar. Madankollu, hawnhekk teżisti ċerta flessibbiltà, u b'hekk jekk Stat Membru jkun wettaq stħarriġ tal-atlas nazzjonali (pereżempju) fl-1980, fl-1995, fl-2015 u fl-2020, ix-xejra bejn l-1980 u l-2020 għandha tiġi rrapportata għall-perjodu ta' rapportar 2019-2024.

Għall-ispeċijiet li ilhom li kkolonizzaw mill-1980, idealment ix-xejriet jiġu rrapportati bis-sena tal-bidu bħala s-sena li fiha l-ispeċijiet ikunu tnisslu għall-ewwel darba; pereżempju, jekk l-ispeċi tkun ġiet osservata għall-ewwel darba bħala li qed tnissel fis-sena 2000, allura l-perjodu tax-xejriet fit-tul ikun mis-sena 2000. Għall-ispeċijiet li jkunu għadhom kif waslu, id-data tal-bidu taqa' fl-aħħar żewġ perjodi ta' rapportar (jiġifieri mill-2013 sal-2024 għall-perjodu ta' rapportar 2019-2024, ara wkoll it-test għall-kamp 6.1.1).

L-Istati Membri li ma għandhomx *data* dwar ix-xejriet tad-distribuzzjoni minn qabel is-sena 2000 jistgħu jikkonsultaw l-Atlas tal-EBCC oriġinali ([25]) jew *Birds in Europe* ([26]), li jippreżentaw l-estimi f'meded tax-xejra tal-firxa nazzjonali għall-ispeċijiet bejn l-1970 u l-1990.

6.2.2. *Direzzjoni tax-xejriet fit-tul*

Ara l-kamp 6.1.2 hawn fuq dwar id-direzzjoni tax-xejriet ta' terminu qasir.

6.2.3. *Kobor tax-xejra fit-tul*

Ara l-kamp 6.1.3 dwar il-kobor tax-xejra ta' terminu qasir.

6.2.4. *Xejra fit-tul — Metodu użat*

Ara l-kamp 6.1.4 dwar ix-xejra ta' terminu qasir — Metodu użat.

6.2.5. *Sorsi*

Ara l-kamp 6.1.5.

### 6.3. **Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva)**

Din it-taqsima tista' tintuża biex tipprovdi informazzjoni supplimentari b'test liberu (massimu ta' 500 karattru) rilevanti għad-*data* pprovduta għall-valutazzjoni tax-xejra tad-distribuzzjoni tat-tnissil taħt it-Taqsimiet 6.1 u 6.2. Pereżempju, Stat Membru jista' jkun jixtieq jirrapporta informazzjoni dwar bidliet ġeografiċi fid-distribuzzjoni (ta' terminu qasir jew fit-tul), jew frammentazzjoni tad-distribuzzjoni, anki jekk ma tiġi rrapportata l-ebda bidla fid-daqs globali tad-distribuzzjoni.

## 7. **PRESSJONIJIET U THEDDIDIET EWLENIN**

Din it-taqsima hija maħsuba biex tkopri informazzjoni dwar il-fatturi prinċipali responsabbli biex iwasslu li l-ispeċijiet individwali jonqsu, irażżnu n-numri tagħhom jew jirrestrinġu l-meded tagħhom. Din għandha timtela għall-ispeċijiet kollha li jinstabu b'mod regolari (kif elenkati fil-lista ta' kontroll tal-għasafar tal-Artikolu 12) għall-gruppi li ġejjin:

— l-ispeċijiet tal-Anness I tad-Direttiva 2009/147/KE;

— l-ispeċijiet tat-Tnissil u tax-Xitwa tal-Anness II tad-Direttiva 2009/147/KE;

— kwalunkwe speċi migratorja oħra li tiskatta deżinjazzjonijiet taż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) fuq livell nazzjonali.

L-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu din l-informazzjoni għal kwalunkwe speċi li jifdal li għaliha hemm informazzjoni disponibbli.

Aktar informazzjoni relatata mar-rapportar speċifiku għall-istaġun dwar it-Tnissil, il-Kenn fix-Xitwa jew il-Passa fl-Anness I tad-Direttiva 2009/147/KE u speċijiet oħrajn li jiskattaw iż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) tista' tinstab fi

Tabella 2: Taqsimiet tal-format tar-rapport dwar l-ispeċijiet li għandhom jimtlew għall-istaġun tat-tnissil, tax-xitwa u tal-passa għal kategoriji differenti ta' speċijiet ta' għasafar

Il-pressjonijiet aġixxew fil-perjodu ta' rapportar attwali u għandhom impatt fuq il-vijabbiltà fit-tul tal-ispeċi jew tal-ħabitat (s) tagħha; it-theddid huwa impatti futuri/prevedibbli (fiż-żewġ perjodi ta' rapportar li jmiss) li x'aktarx jaffettwaw il-vijabbiltà fit-tul tal-ispeċi u/jew tal-ħabitat(s) tagħha (ara t-Tabella 3). It-theddid ma jiġix irrapportat separatament; huwa mifhum li pressjoni rrapportata bit-tempestività bħala "li għadha għaddejja u x'aktarx tkun fil-futur" hija kemm pressjoni kif ukoll theddida, filwaqt li waħda bit-tempestività "fil-futur biss" hija biss theddida. It-theddid għandu jirrappreżenta dawk il-kwistjonijiet meqjusa li huma raġonevolment probabbli (eż. abbażi tal-pressjonijiet attwali li qed jiġu rrapportati jew ta' proġetti ta' żvilupp prevedibbli). Id-definizzjoni ta' pressjonijiet u theddid hija mogħtija fit-Tabella 3 hawn taħt.

([25]) Hagemeijer, E.J.M. & Blair, M., eds. (1997) *The EBCC Atlas of European Breeding Birds: their distribution and abundance.* T & A D Poyser, Londra.

([26]) Tucker, G.M. & Heath, M.F. (1994) *Birds in Europe: their conservation status.* BirdLife International (Serje Nru 3 tal-BirdLife Conservation), Cambridge, ir-Renju Unit.

*Tabella 3*

**Definizzjoni ta' pressjoni u theddida (fil-kuntest tar-rapportar skont l-Artikolu 12)**

| | Perjodu ta' azzjoni/definizzjoni | Perjodu ta' żmien |
|---|---|---|
| Pressjoni | Taġixxi issa u/jew matul kwalunkwe parti mill-perjodu ta' rapportar attwali jew matul il-perjodu ta' rapportar kollu. | Perjodu ta' rapportar attwali ta' sitt snin. |
| Theddida | Fatturi li mistennija jaġixxu fil-futur wara l-perjodu ta' rapportar attwali. | Żewġ perjodi ta' rapportar futuri, jiġifieri fi żmien 12-il sena wara t-tmiem tal-perjodu ta' rapportar kurrenti. |

## 7.1. Karatterizzazzjoni tal-pressjonijiet

Ipprovdi l-lista ta' pressjonijiet: elenka massimu ta' 20 pressjoni. Il-lista ta' pressjonijiet hija disponibbli fuq il-Portal ta' Referenza.

Għal kull unità tassonomika tal-għasafar:

(a) agħżel massimu ta' 20 entrata għall-pressjonijiet billi tuża l-kodiċi fit-tieni livell tal-lista ġerarkika. Il-lista ta' pressjonijiet u theddid hija disponibbli fuq il-Portal ta' Referenza.

(b) għal kull pressjoni, indika t-**tempestività**, li hija l-perjodu ta' żmien li qed taġixxi fih.

| Tempestività | |
|---|---|
| fil-passat iżda issa ġew sospiżi minħabba l-miżuri | Għall-pressjonijiet ta' rapportar li ġew sospiżi f'xi punt fil-perjodu ta' rapportar attwali.<br>Fejn jintgħażlu, ma hemmx bżonn li jimtlew il-kampijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-influwenza. |
| għadhom għaddejjin | Għar-rapportar tal-pressjonijiet li jkunu għadhom għaddejjin matul il-perjodu ta' rapportar, jiġifieri l-ebda evidenza li ġew sospiżi minħabba l-miżuri. |
| għadhom għaddejjin u x'aktarx ikunu fil-futur | Għar-rapportar kemm tal-pressjonijiet kif ukoll tat-theddidiet.<br>Fejn jintgħażlu, ma hemmx bżonn li jimtlew il-kampijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-influwenza għall-parti tal-entrata dwar it-theddida, iżda biss għall-parti li tikkonċerna l-pressjoni. |
| fil-futur biss | Għar-rapportar tat-theddidiet.<br>Fejn jintgħażlu, ma hemmx bżonn li jimtlew il-kampijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-influwenza. |

(c) indika għal kull waħda, il-proporzjon tal-popolazzjoni affettwata mill-pressjoni (**kamp ta' applikazzjoni**) — "kollha >90 %", "maġġoranza 50 – 90 %" jew "minoranza <50 %".

| Kamp ta' applikazzjoni (proporzjon tal-popolazzjoni affettwata)*<br>[*għandu jimtela għat-tempestivitajiet "għadhom għaddejjin" u "għadhom għaddejjin u x'aktarx ikunu fil-futur" biss. Għalkemm din tal-aħħar tinkludi wkoll it-theddid, il-"kamp ta' applikazzjoni" u l-"influwenza" se jindirizzaw biss il-pressjonijiet] | |
|---|---|
| kollha >90 % | aktar minn 90 % tal-popolazzjoni rrapportata fl-Istat Membru hija affettwata mill-pressjoni |
| maġġoranza 50 – 90 % | bejn 50 u 90 % tal-popolazzjoni rrapportata fl-Istat Membru hija affettwata mill-pressjoni |
| minoranza <50 % | inqas minn 50 % tal-popolazzjoni rrapportata fl-Istat Membru hija affettwata mill-pressjoni |

(d) indika **l-influwenza** fuq il-popolazzjoni jew il-ħabitat tal-ispeċi — "influwenza għolja", "influwenza medja" jew "influwenza baxxa". L-influwenza tindika kif il-pressjoni taffettwa t-tnaqqis tal-popolazzjoni jew tal-ħabitat tal-ispeċi.

| Influwenza (fuq il-popolazzjoni jew il-ħabitat tal-ispeċi)*<br>[*għandu jimtela għat-tempestivitajiet "għadhom għaddejjin" u "għadhom għaddejjin u x'aktarx ikunu fil-futur" biss. Għalkemm din tal-aħħar tinkludi wkoll it-theddid, il-"kamp ta' applikazzjoni" u l-"influwenza" se jindirizzaw biss il-pressjonijiet] | |
|---|---|
| Influwenza għolja | Il-pressjoni elenkata hija fattur sinifikanti ħafna li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-popolazzjoni jew tal-ħabitat tal-ispeċi. Hija influwenza diretta jew immedjata importanti fuq il-popolazzjoni. |
| Influwenza medja | Il-pressjoni elenkata tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-popolazzjoni jew tal-ħabitat tal-ispeċi, iżda ma hijiex pressjoni ta' influwenza għolja jew ta' influwenza baxxa. Għandha influwenza medja diretta/immedjata jew indiretta fuq il-popolazzjoni. |
| Influwenza baxxa | Il-pressjoni elenkata tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-popolazzjoni jew tal-ħabitat tal-ispeċi, għalkemm mhux il-kontributur ewlieni u flimkien ma' pressjonijiet u/jew fatturi oħrajn. |

(e) indika l-post fejn il-pressjoni tkun qed topera primarjament. Għandha tintgħażel għażla waħda biss.

| Post*<br>[*agħżel l-għażla li tikkorrispondi għal fejn il-pressjoni tkun qed taġixxi prinċipalment] | |
|---|---|
| Ġewwa l-Istat Membru | Għandha tintgħażel għal pressjonijiet li jaġixxu ġewwa l-Istat Membru jew ġewwa u barra l-Istat Membru, iżda li għandhom impatt bejn wieħed u ieħor ugwali għall-popolazzjoni nazzjonali tal-għasafar |
| Xi mkien ieħor fl-UE | Jekk il-pressjoni tkun qed taġixxi primarjament xi mkien ieħor fl-UE (iżda tista' tkun qed taġixxi wkoll ġewwa l-Istat Membru) |
| Barra l-UE | Fejn ikun magħruf li l-pressjoni taġixxi prinċipalment barra mill-Istati Membri tal-UE |
| Kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE | Fejn il-pressjoni taġixxi kemm ġewwa kif ukoll barra l-Istati Membri tal-UE |
| Mhux magħrufa | Il-post fejn qed taġixxi l-pressjoni ma huwiex magħruf |

L-impatt ġenerali ta' pressjoni, kif kopert fil-kampijiet tat-tempestività, tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-influwenza, għandu jirrifletti l-influwenza tal-pressjoni fuq ix-xejriet tal-ispeċi.

Fejn jintgħażlu Speċijiet Aljeni Invażivi (IAS) ta' tħassib għall-Unjoni fost il-pressjonijiet, huwa obbligatorju li jiġu pprovduti l-ismijiet ta' dawn l-ispeċijiet f'(f). Se tkun disponibbli lista li tinżel għal dawn l-ispeċijiet. Għal-lista tal-IAS ta' tħassib għall-Unjoni, jekk jogħġbok ara l-Portal ta' Referenza tal-Artikolu 12. Meta pressjoni tikkonċerna "Speċijiet aljeni invażivi oħrajn (għajr speċijiet ta' tħassib għall-Unjoni)", l-għoti tal-ismijiet ta' dawn l-ispeċijiet huwa fakultattiv f'(g). Jekk jogħġbok agħżel mill-bażi tad-*data* tal-EASIN (ara l-portal ta' referenza tal-Artikolu 12). Jistgħu jintgħażlu aktar minn speċi waħda għaż-żewġ każijiet.

Jekk Stat Membru jkun jixtieq jagħti informazzjoni aktar preċiża dwar in-natura ta' ċerta pressjoni, din tista' tinkiteb fil-kamp 7.4 "Informazzjoni addizzjonali".

Gwida aktar dettaljata dwar il-pressjoni/it-theddid tar-rapportar hija pprovduta fil-linji gwida u fin-noti fil-lista ta' pressjonijiet u theddid disponibbli mill-Portal ta' Referenza.

## 7.2. **Metodi użati (fakultattivi)**

Il-kamp fakultattiv "Metodi użati" għandu jipprovdi informazzjoni ġenerali għar-rapportar tal-pressjonijiet, u ma huwiex meħtieġ għal pressjonijiet speċifiċi. Fejn tintuża metodoloġija għal pressjoni speċifika, din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta fil-kamp 7.4 "Informazzjoni addizzjonali".

Agħżel waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(a) stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta;

(b) prinċipalment abbażi ta' estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' *data*;

(c) prinċipalment abbażi ta' opinjoni esperta b'*data* limitata ħafna;

(d) *data* insuffiċjenti jew l-ebda *data* disponibbli.

Tista' tintgħażel kategorija waħda biss; fejn id-*data* tkun ġiet ikkompilata minn varjetà ta' sorsi, agħżel il-kategorija għall-aktar sors importanti ta' *data*.

### 7.3. Sorsi ta' informazzjoni (fakultattivi)

Sabiex jipprovdu r-rekord tal-awditjar meħtieġ għad-*data* rrapportata fil-kamp 7.1 hawn fuq, l-Istati Membri jistgħu jdaħħlu d-dettalji tar-referenzi ewlenin jew ta' sorsi oħrajn li jappoġġaw l-evidenza tal-pressjonijiet irrapportati. Tali sorsi jistgħu jinkludu, pereżempju, dokumenti ppubblikati, *data* mhux ippubblikata miżmuma f'bażijiet tad-*data*, siti web u gruppi ta' ħidma esperti. Jekk tkun ġiet indikata opinjoni esperta fil-kamp 7.2, din tista' tiġi elaborata aktar f'dan il-kamp. Huwa preferibbli li tiġi elenkata biżżejjed informazzjoni sabiex kwalunkwe persuna li tirrevedi r-rapport (jew li taġġornah fi żmien sitt snin jew 12-il sena) tkun tista' tifhem l-oriġini tal-informazzjoni rrapportata.

### 7.4. Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva)

Jekk Stat Membru jkun jixtieq jagħti informazzjoni addizzjonali dwar ċerti pressjonijiet (eż. estimi tal-mortalità annwali kkawżata minn pressjoni partikolari, pereżempju l-qtil illegali) jew il-metodoloġija, din tista' tiġi pprovduta f'dan il-kamp.

## 8. MIŻURI TA' KONSERVAZZJONI

L-Istati Membri huma mitluba jiddeskrivu l-aktar miżuri ta' konservazzjoni importanti meħuda għall-ispeċijiet li għalihom tintalab din l-informazzjoni (ara

t-Tabella 2: Taqsimiet tal-format tar-Rapport dwar l-ispeċijiet li għandhom jimtlew għall-istaġun tat-Tnissil, tax-Xitwa u tal-Passa għal kategoriji differenti ta' speċijiet ta' għasafar). L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jipprovdu din l-informazzjoni wkoll għal kwalunkwe speċi li jifdal, fejn disponibbli.

### 8.1. Status tal-miżuri

Agħżel jekk il-miżuri humiex meħtieġa jew le. Jekk it-tweġiba tkun "Iva, mela ipproċedi biex tagħżel mill-għażliet li ġejjin (tista' tintgħażel għażla waħda biss):

(a) Miżuri identifikati iżda li għadhom ma ttieħdux;

(b) Miżuri meħtieġa iżda li ma jistgħux jiġu identifikati;

(c) Ittieħdu wħud mill-miżuri identifikati;

(d) Ittieħdu l-biċċa l-kbira tal-miżuri identifikati jew kollha kemm huma.

### 8.2. Kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri meħuda

Fejn ikunu ttieħdu parti mill-miżuri identifikati (8.1(c) jew ikunu ttieħdu l-biċċa l-kbira tal-miżuri/il-miżuri kollha identifikati (8.1(d), indika l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-miżuri, jiġifieri l-proporzjon tal-popolazzjoni li jaffettwaw:

(a) <50 %

(b) 50 – 90 %

(c) >90 %

Il-valutazzjoni għandha ssir b'mod ġenerali.

### 8.3. L-iskop ewlieni tal-miżuri meħuda

A. Indika l-iskopijiet ewlenin tal-miżuri meħuda. Din il-parti għandha timtela biss jekk ikunu ttieħdu miżuri ta' konservazzjoni (il-kamp 8.1(c) "Parti mill-miżuri identifikati u meħuda" jew il-kamp 8.1(d) "Il-biċċa l-kbira tal-miżuri/il-miżuri kollha identifikati u meħuda" jiġi mmarkat "Iva"). Jistgħu jiġu identifikati diversi skopijiet:

a) Iż-żamma tad-distribuzzjoni, tal-popolazzjoni u/jew tal-ħabitat attwali għall-ispeċi;

b) L-espansjoni tad-distribuzzjoni attwali tal-ispeċijiet;

c) Iż-żieda tad-daqs tal-popolazzjoni u/jew it-titjib tad-dinamiċi tal-popolazzjoni (it-titjib tas-suċċess riproduttiv, it-tnaqqis tal-mortalità, it-titjib tal-istruttura tal-età/tas-sess);

d) Ir-restawr tal-ħabitat tal-ispeċi.

B. Sabiex jiġi identifikat l-iskop ewlieni tal-miżuri meħuda, jekk jogħġbok indika jekk dan huwiex għal (tista' tintgħażel biss għażla waħda):

— iż-żamma tal-istat attwali;

— l-espansjoni tal-medda;

— iż-żieda jew it-titjib tal-popolazzjoni;

— ir-restawr tal-ħabitat.

L-għan ta' dan il-kamp ma huwiex li jiddeskrivi l-effett tal-miżuri, iżda pjuttost li jiddeskrivi l-objettiv maħsub tal-miżuri implimentati. Ir-rispons huwa elaborat aktar fil-kamp 8.5 hawn taħt.

### 8.4. **Il-post fejn jittieħdu l-miżuri**

Indika fejn il-miżuri qed jiġu implimentati l-aktar. Din il-parti għandha timtela biss jekk ikunu ttieħdu miżuri ta' konservazzjoni (il-kamp 8.1(c) "Ittieħdu whud mill-miżuri identifikati" u l-kamp 8.1(d) "Ittieħdu l-biċċa l-kbira tal-miżuri identifikati jew kollha kemm huma" jiġu mmarkati "Iva") — (tista' tintgħażel għażla waħda biss):

(a) ġewwa Natura 2000 biss;

(b) kemm ġewwa kif ukoll barra Natura 2000;

(c) barra Natura 2000 biss.

Dan il-kamp jipprova jaqbad fejn ikun qed isir il-fokus ewlieni tal-azzjoni ta' konservazzjoni. Għalhekk, agħżel l-għażla (a) jekk il-miżuri ta' konservazzjoni kollha, jew il-maġġoranza l-kbira tagħhom, ikunu ristretti għal Natura 2000, l-għażla (b) jekk ikun hemm sforz bejn wieħed u ieħor ugwali biex jiġu implimentati miżuri ġewwa u barra Natura 2000, u l-għażla (c) jekk il-miżuri kollha, jew il-maġġoranza l-kbira tagħhom, jittieħdu barra Natura 2000.

### 8.5. **Rispons għall-miżuri**

Ipprovdi stima ta' meta jibdew, jew huma mistennija li jibdew, il-miżuri biex tiġi nnewtralizzata l-pressjoni u biex jiġu prodotti effetti pożittivi (fir-rigward tal-iskop ewlieni tal-miżuri indikati fil-kamp 8.3). Agħżel għażla waħda minn:

(a) rispons ta' terminu qasir (fil-perjodu ta' rapportar attwali, eż. 2019-2024);

(b) rispons ta' terminu medju (fiż-żewġ perjodi ta' rapportar li jmiss, eż. 2025-2036);

(c) rispons fit-tul (eż. wara l-2036).

### 8.6. **Lista ta' miżuri ta' konservazzjoni ewlenin**

Elenka massimu ta' 20 miżura ta' konservazzjoni. L-Istati Membri għandhom jużaw il-kodiċijiet ipprovduti fuq il-Portal ta' Referenza.

Gwida aktar dettaljata dwar l-użu ta' miżuri ta' konservazzjoni hija pprovduta fil-gwida teknika tal-kunċetti u d-definizzjonijiet u fin-noti fil-lista ta' miżuri ta' konservazzjoni disponibbli mill-Portal ta' Referenza.

### 8.7. **Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva)**

Hawnhekk tista' tiġi rrapportata informazzjoni addizzjonali li tgħin biex tinftiehem l-informazzjoni mogħtija dwar il-miżuri ta' konservazzjoni.

## 9. **KOPERTURA TA' NATURA 2000 (ŻONI TA' PROTEZZJONI SPEĊJALI (ŻPS))**

Din it-taqsima hija maħsuba biex tkopri informazzjoni dwar il-kopertura ta' Natura 2000 (Żoni ta' Protezzjoni Speċjali – (ŻPS)) għal speċijiet individwali. Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva, l-Istati Membri huma obbligati jikklassifikaw l-aktar territorji adattati għal ċerti speċijiet bħala ŻPS. Sabiex tiġi vvalutata l-firxa tal-kopertura tan-network taż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) għal kull speċi rilevanti fil-livell tal-UE, l-Istati Membri huma mitluba jirrapportaw id-daqs (u x-xejra ta' terminu qasir) tal-popolazzjoni li tinstab fi ħdan in-network taż-ŻPS nazzjonali tagħhom.

It-taqsima għandha timtela biss għall-ispeċijiet tal-Anness I tad-Direttiva 2009/147/KE u għal speċijiet migratorji oħrajn li jiskattaw il-klassifikazzjonijiet taż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) fuq livell nazzjonali, kif indikat fil-lista ta' kontroll tal-ispeċijiet fuq il-Portal ta' Referenza.

Aktar informazzjoni relatata mar-rapportar speċifiku għall-istaġun dwar it-Tnissil, il-Kenn fix-Xitwa jew il-Passa fl-Anness I tad-Direttiva 2009/147/KE u speċijiet oħrajn li jiskattaw iż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) tista' tinstab fi

Tabella 2: Taqsimiet tal-format tar-rapport dwar l-ispeċijiet li għandhom jimtlew għall-istaġun tat-tnissil, tax-xitwa u tal-passa għal kategoriji differenti ta' speċijiet ta' għasafar

Ara l-informazzjoni ta' sfond fil-gwida teknika tal-kunċetti u d-definizzjonijiet.

## 9.1. Id-daqs tal-popolazzjoni fin-network ta' Natura 2000 (Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS))

Ipprovdi stima tad-daqs totali tal-popolazzjoni inkluż fin-network nazzjonali kollu taż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) matul l-istess sena jew perjodu kif irrapportat fit-taqsima 3.1. Ara t-test għall-kamp 3.2 Daqs tal-popolazzjoni hawn fuq għad-dettalji ta' kif għandhom jimtlew il-kampijiet (a), (b), (c) u/jew (d).

Sabiex jiġu evitati ċifri minfuħa żżejjed, l-Istati Membri jista' jkollhom bżonn jaġġustaw 'l isfel id-daqs totali tal-popolazzjoni fin-network ta' Natura 2000 għal xi speċijiet mobbli li jistkennu fix-xitwa sabiex ikunu jistgħu jsiru movimenti sinifikanti ta' individwi bejn iż-Żoni ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS), kif jista' japplika, pereżempju, għal diversi speċijiet ta' wiżż li jistkennu fil-Majjistral tal-Ewropa.

## 9.2. Tip ta' stima

Agħżel waħda mill-għażliet li ġejjin:

— l-aħjar stima — l-aħjar ċifra unika disponibbli (inkluż fejn ikun disponibbli biss il-valur massimu tad-daqs tal-popolazzjoni) jew l-intervall, derivat minn, pereżempju, ċensiment tal-popolazzjoni, kompilazzjoni taċ-ċifri mil-lokalitajiet, stima bbażata fuq id-densitajiet tal-popolazzjoni u d-*data* tad-distribuzzjoni, jew opinjoni esperta, iżda li għalihom ma ġewx ikkalkolati limiti ta' kunfidenza ta' 95 %. Jekk l-aħjar stima tiġix minn *data* ta' monitoraġġ, estrapolazzjoni jew opinjoni esperta tista' tiġi indikata fil-kamp 9.3;

— medja ta' diversi snin — valur medju (u intervall) fejn id-daqs tal-popolazzjoni ġie stmat għal diversi snin matul il-perjodu ta' rapportar;

— intervall ta' kunfidenza ta' 95 % — estimi derivati minn stħarriġ ta' kampjuni jew mudell li għalih jistgħu jiġu kkalkolati limiti ta' kunfidenza ta' 95 % (kif irrapportat fil-kampijiet 9.1(b) u 9.1(c));

— minimu — fejn ma teżistix biżżejjed *data* biex tiġi pprovduta stima laxka tad-daqs tal-popolazzjoni, iżda fejn daqs tal-popolazzjoni jkun magħruf li huwa ogħla minn ċertu valur, jew fejn l-intervall irrapportat ikun ġej minn stħarriġ tal-kampjuni jew proġett ta' monitoraġġ li probabbilment jissottovaluta d-daqs reali tal-popolazzjoni.

Segwi l-istess gwida bħal dik għall-kamp 3.3 "Tip ta' stima" għad-daqs tal-popolazzjoni.

## 9.3. Daqs tal-popolazzjoni fin-network — Metodu użat

Agħżel waħda mill-għażliet li ġejjin (b'mod analogu għall-kamp 3.4 "Metodu użat"):

(a) stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta;

(b) prinċipalment abbażi ta' estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' *data*;

(c) prinċipalment abbażi ta' opinjoni esperta b'*data* limitata ħafna;

(d) *data* insuffiċjenti jew l-ebda *data* disponibbli.

Segwi l-istess gwida bħal dik għall-kamp 3.4 "Metodu użat" għad-daqs tal-popolazzjoni.

## 9.4. Xejra ta' terminu qasir tad-daqs tal-popolazzjoni fi ħdan in-network — Direzzjoni

Bħal fil-kamp 4.1.2 "Direzzjoni tax-xejra ta' terminu qasir", indika jekk ix-xejra tal-popolazzjoni fin-network taż-Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) matul il-perjodu tax-xejra ta' terminu qasir (kif irrapportat fil-kamp 4.1.1) kinitx (tista' tintgħażel għażla waħda biss):

(a) stabbli

(b) tvarja

(c) tiżdied

(d) tonqos

(e) mhux ċerta

(f) mhux magħrufa

Ara t-test għall-kamp 4.1.2 "Direzzjoni tax-xejra ta' terminu qasir" għal aktar gwida dwar l-interpretazzjoni u l-użu ta' dawn il-kategoriji tad-direzzjoni tax-xejriet.

## 9.5. Xejra ta' terminu qasir tad-daqs tal-popolazzjoni fi ħdan in-network — Metodu użat

Agħżel liema mill-għażliet li ġejjin tiddeskrivi l-aħjar il-metodu użat biex tiġi vvalutata d-direzzjoni tax-xejriet ta' terminu qasir (skont il-kamp 4.1.4 "Xejra ta' terminu qasir — Metodu użat"):

(a) stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta;

(b) prinċipalment abbażi ta' estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' *data*;

(c) prinċipalment abbażi ta' opinjoni esperta b'*data* limitata ħafna;

(d) *data* insuffiċjenti jew l-ebda *data* disponibbli.

Tista' tintgħażel kategorija waħda biss; fejn id-*data* tkun ġiet ikkompilata minn varjetà ta' sorsi, agħżel il-kategorija għall-aktar sors importanti ta' *data*.

Segwi l-istess gwida bħal dik għall-kamp 4.1.4 "Xejra ta' terminu qasir - Metodu użat".

## 9.6. Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva)

Din it-taqsima tista' tintuża biex tipprovdi informazzjoni supplimentari b'test liberu (massimu ta' 500 karattru) rilevanti għad-*data* pprovduta fil-kampijiet minn 9.1 sa 9.5.

L-informazzjoni ta' hawn taħt għat-Taqsima 10 Progress fil-ħidma relatata ma' Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Ispeċijiet (SAPs), Pjanijiet ta' Ġestjoni (MPs) u Dikjarazzjonijiet ta' Ġestjoni fil-Qosor (BMSs) internazzjonali u għat-Taqsima 11 Informazzjoni relatata mal-ispeċijiet tal-Anness II għandha tiġi pprovduta għal kull unità tassonomika matul l-istaġuni rilevanti kollha.

## 10. PROGRESS FIL-ĦIDMA RELATATA MA' PJANIJIET TA' AZZJONI GĦALL-ISPEĊIJIET (SAPS), PJANIJIET TA' ĠESTJONI (MPS) U DIKJARAZZJONIJIET TA' ĠESTJONI FIL-QOSOR (BMSS) INTERNAZZJONALI

Din it-taqsima hija maħsuba biex tkopri informazzjoni dwar il-ħidma tal-Istati Membri fuq uħud mill-aktar speċijiet ta' għasafar mhedda tal-UE, li għalihom ġew żviluppati Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Ispeċijiet jew Dikjarazzjonijiet ta' Ġestjoni fil-Qosor internazzjonali (jew multilaterali ([27])), kif ukoll ġabra ta' speċijiet li jistgħu jiġu kkaċċjati meqjusa li huma f'kundizzjoni ħażina fl-UE u li għalihom tħejjew Pjanijiet ta' Ġestjoni (MPs) ([28]). Ir-rapportar jinkludi wkoll il-ħidma li saret fil-qafas tal-pjanijiet adottati minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn li għalihom l-UE hija firmatarja, bħall-Konvenzjoni ta' Berna ([29]), il-Ftehim dwar il-konservazzjoni tal-għasafar tal-ilma migratorji Afro-Ewroasjatiċi (AEWA) ([30]) u l-Konvenzjoni dwar l-Ispeċijiet Migratorji (CMS) ([31]).

Sa mis-snin disgħin, intużaw riżorsi sinifikanti tal-UE għall-konservazzjoni ta' ħafna minn dawn l-ispeċijiet (pereżempju, permezz tal-proġetti LIFE), għalhekk l-Istati Membri huma mitluba jiġbru fil-qosor dak li għamlu fil-livell nazzjonali biex jimplimentaw dawn il-pjanijiet u biex itejbu l-istatus tal-ispeċijiet rilevanti. Il-lista ta' unitajiet tassonomiċi rilevanti b'indikazzjoni ta' tip ta' pjan hija disponibbli fuq il-Portal ta' Referenza. Din it-taqsima għandha timtela fil-livell tal-ispeċijiet / tas-sottospeċijiet.

## 10.1. Tip ta' pjan internazzjonali

Uża t-tip ta' pjan internazzjonali (Pjan ta' Azzjoni għall-Ispeċijiet (SAP), Pjan ta' Ġestjoni (MP) jew Dikjarazzjoni ta' Ġestjoni fil-Qosor (BMS) speċifikati fil-lista ta' unitajiet tassonomiċi bi pjanijiet internazzjonali/multilaterali, disponibbli fuq il-Portal ta' Referenza.

([27]) Fi ftit każijiet, l-SAP/BMS jirrigwardjaw speċi jew sottospeċi li hija endemika għal pajjiż wieħed.

([28]) http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/wildbirds/action_plans/index_en.htm għall-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Ispeċijiet u d-Dikjarazzjonijiet ta' Ġestjoni fil-Qosor, u http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/wildbirds/hunting/managt_plans_en.htm għall-Pjanijiet ta' Ġestjoni.

([29]) https://www.coe.int/en/web/bern-convention/

([30]) https://www.unep-aewa.org/en

([31]) https://www.cms.int

### 10.2. Ġie adottat pjan nazzjonali marbut mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ispeċijiet (SAP ) / Pjan ta' Ġestjoni (MP) / Dikjarazzjoni ta' Ġestjoni fil-Qosor (BMS) internazzjonali?

Jekk jogħġbok agħżel "Iva" jew "Le". Jekk "Iva", jekk jogħġbok ipprovdi web link (u/jew referenza bibljografika) għall-pjan nazzjonali fil-kamp 10.5 "Sorsi ta' aktar informazzjoni" hawn taħt. Il-kampijiet 10.3 u 10.4 għandhom jimtlew, irrispettivament minn jekk tintgħażilx "Iva" jew "Le" hawnhekk.

### 10.3. Valutazzjoni tal-effettività tal-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Ispeċijiet (SAPs) għall-ispeċijiet mhedda globalment

Dan il-kamp jintuża biex jipprovdi informazzjoni dwar l-istatus nazzjonali tal-ispeċi (f'termini tad-daqs tal-popolazzjoni u l-firxa/id-distribuzzjoni) b'rabta mal-objettivi deskritti fil-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Ispeċijiet (SAPs) / fid-Dikjarazzjonijiet ta' Ġestjoni fil-Qosor (BMSs). Il-lista ta' speċijiet bl-SAPs u l-BMSs li għalihom għandu jimtela dan il-kamp hija pprovduta fil-lista ta' unitajiet tassonomiċi bi pjanijiet internazzjonali/multilaterali, disponibbli fuq il-Portal ta' Referenza ([32]). Lista aktar dettaljata li tinkludi l-objettivi li għandhom jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni għal kull speċi hija pprovduta fil-Portal ta' Referenza.

Xi pjanijiet jelenkaw objettivi differenti ta' terminu qasir u fit-tul. Pereżempju, għal *Clanga clanga* [=*Aquila clanga*], il-pjan ta' azzjoni jelenka l-objettivi li ġejjin relatati mad-distribuzzjoni jew mad-daqs tal-popolazzjoni;

(a) "fuq terminu qasir, biex jitwaqqaf it-tnaqqis fil-popolazzjoni u biex jiġu ssalvagwardjati l-ħabitats eżistenti kollha tat-tnissil, tat-tħejjija għall-irqad u tal-kenn fix-xitwa";

(b) "fuq terminu twil, biex jiġu ssalvagwardjati d-distribuzzjoni u n-numri tal-popolazzjoni Ewropea tal-ajkla kbira ttikkjata, sabiex b'hekk il-firxa tagħha titreġġa' lura għal dik li kienet fl-1920".

Jekk l-objettiv ta' terminu qasir (eż. l-istabbilizzazzjoni tad-daqs tal-popolazzjoni) ikun intlaħaq jew ikun sar progress lejn l-objettiv, għandha tintgħażel l-għażla "(a) qed jimxi lejn l-għan(ijiet)/objettiv(i) tal-pjan".

Xi pjanijiet jinkludu objettivi li mhumiex espressi direttament bħala żieda/stabbilizzazzjoni tal-popolazzjoni jew tad-distribuzzjoni, iżda, pereżempju, bħala tnaqqis fil-mortalità kkawżata minn ċerti pressjonijiet jew il-protezzjoni/ir-restawr ta' ċerti siti ewlenin. L-effettività ta' pjan għandha tiġi vvalutata b'kunsiderazzjoni tal-impatt ta' dawk il-miżuri għad-daqs/distribuzzjoni tal-popolazzjoni. Pereżempju, jekk diversi siti ewlenin għal speċi jkunu ġew irrestawrati (ikun intlaħaq objettiv ta' terminu qasir) b'għan fit-tul li tiġi stabbilizzata l-popolazzjoni ta' speċi, iżda d-daqs tal-popolazzjoni jkun għadu qed jonqos (b'rata mhux mibdula), għandha tintgħażel l-għażla "(b) l-istess".

Jekk jogħġbok agħżel waħda mill-għażliet li ġejjin:

(a) qed jimxi lejn l-għan(ijiet)/objettiv(i) tal-pjan;

(b) l-istess;

(c) qed jiddeterjora aktar lil hinn mill-għan(ijiet)/objettiv(i) tal-pjan.

### 10.4. Valutazzjoni tal-effettività tal-Pjanijiet ta' Ġestjoni (MPs) għall-ispeċijiet li jistgħu jiġu kkaċċjati fi status ta' Mhux Siguri

Dan il-kamp huwa speċifiku għall-ispeċijiet li jistgħu jiġu kkaċċjati fi status mhux sigur. Huwa jintuża biex jipprovdi informazzjoni dwar l-istatus tagħhom (f'termini tad-daqs u tal-firxa/tad-distribuzzjoni tal-popolazzjoni) fuq livell nazzjonali, b'rabta mal-objettivi deskritti fil-Pjanijiet ta' Ġestjoni (MPs). Il-lista ta' speċijiet bi Pjanijiet ta' Ġestjoni (MPs) li għalihom għandu jimtela dan il-kamp hija pprovduta fil-lista ta' unitajiet tassonomiċi bi pjanijiet internazzjonali/multilaterali, disponibbli fuq il-Portal ta' Referenza ([33]). Lista aktar dettaljata li tinkludi l-objettivi li għandhom jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni għal kull speċi hija pprovduta fil-Portal ta' Referenza.

Jekk jogħġbok agħżel minn waħda mill-għażliet li ġejjin (segwi l-istess gwida bħal dik għall-kamp 10.3):

(a) qed jitjieb;

(b) l-istess;

(c) qed jiddeterjora aktar.

([32]) Fil-lista ta' unitajiet tassonomiċi bi pjanijiet internazzjonali jew multilaterali (inklużi BMSs), xi wħud mill-ispeċijiet elenkati (eż. *Falco naumanni*) bħalissa huma vvalutati bħala li mhumiex mhedda globalment, iżda fiż-żmien li ġie abbozzat il-pjan tqiesu bħala mhedda jew li kellhom problemi ta' konservazzjoni li kienu jeħtieġu azzjoni kkoordinata.

([33]) Xi wħud mill-ispeċijiet elenkati issa għandhom status ta' "Siguri" fl-UE (eż. *Netta rufina*), iżda fil-passat kienu meqjusa Mhux Siguri fil-livell tal-UE jew fl-iskala ġeografika tal-pjan (eż. partijiet kontraenti tal-AEWA) jew kellhom problemi ta' konservazzjoni li kienu jeħtieġu azzjoni kkoordinata.

### 10.5. Sorsi ta' aktar informazzjoni

F'dan il-kamp, l-Istati Membri huma mitluba jipprovdu links għal siti web, web links u/jew referenzi bibljografiċi xierqa għall-pubblikazzjonijiet rilevanti (eż. pjan nazzjonali), dettalji ta' kuntatt ta' organizzazzjonijiet responsabbli, eċċ.

## 11. INFORMAZZJONI RELATATA MAL-ISPEĊIJIET TAL-ANNESS II (L-ARTIKOLU 7 TAD-DIRETTIVA 2009/147/KE)

Din it-taqsima għandha timtela fil-livell tal-ispeċijiet / tas-sottospeċijiet.

### 11.1. L-ispeċi hija kkaċċjata fuq livell nazzjonali?

Mhux l-ispeċijiet kollha elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 2009/147/KE huma kkaċċjati fl-Istati Membri (rilevanti) kollha. Indika hawnhekk jekk l-ispeċi inkwistjoni hijiex tabilħaqq ikkaċċjata f'pajjiżek ([34]). Jekk "Iva", imla l-kampijiet minn 11.2 sa 11.4 hawn taħt.

Dan il-kamp jindika jekk speċi hijiex ikkaċċjata fil-prattika fuq livell nazzjonali. Pereżempju, jekk speċi ma tkunx ikklassifikata bħala li tista' tiġi kkaċċjata skont il-leġiżlazzjoni reġjonali/nazzjonali (għalhekk ma tistax tiġi kkaċċjata) jew jekk ikun hemm projbizzjoni permanenti (għall-ispeċijiet li jistgħu jiġu kkaċċjati), it-tweġiba għandha tkun "Le". Aktar informazzjoni tista' tiġi pprovduta fil-kamp 11.4 "Informazzjoni addizzjonali".

### 11.2. Borża tal-kaċċa

Ipprovdi statistika nazzjonali dwar il-borża tal-kaċċa (f'individwi) skont is-sena/l-istaġun tal-kaċċa matul is-sitt snin tal-perjodu ta' rapportar: ipprovdi l-unità (individwi) fil-kamp 11.2(a), u kompli imla l-kamp 11.2(b) jekk applikabbli (jiġifieri l-istaġun tal-kaċċa, fakultattiv) u 11.2(c) b'informazzjoni għal kull staġun tal-kaċċa jew għal kull sena (fejn ma jintużax staġun tal-kaċċa). Għall-perjodu ta' rapportar 2019-2024, l-istaġun tal-kaċċa 1 huwa 2018/2019 (li jibda fil-ħarifa tal-2018 u jintemm fir-rebbiegħa tal-2019); L-istaġun 6 huwa 2023/2024. Fejn ikun magħruf valur preċiż, jekk jogħġbok daħħal dan kemm fil-kamp "minimu" kif ukoll f'dak "massimu". Jekk ikunu disponibbli biss numri minimi jew massimi, dawn għandhom jiġu rrapportati fil-kampijiet rispettivi "Minimu" u "Massimu". Hija pprovduta wkoll għażla ta' "mhux magħrufa".

F'każijiet fejn l-istatistika dwar il-borża tkun disponibbli biss għal grupp ta' speċijiet, mingħajr diżaggregazzjoni affidabbli għal kull speċi, il-proporzjon (eż. 50-90 % għall-ispeċijiet dominanti u 0-5 % għall-ispeċijiet l-oħrajn) għal kull speċi għandu jiġi stmat u rrapportat bħala valuri "Minimi" u "Massimi" taħt 11.2. L-ispjegazzjoni xierqa għandha tiġi pprovduta fil-kamp 11.4 "Informazzjoni addizzjonali" (eż. "Statistika dwar il-borża (min-mass) inkisbet għal grupp ta' speċijiet ([speċi 1], [speċi 2], [speċi x]), iżda probabbilment >90 % hija relatata mal-ispeċijiet f'dan ir-rapport"). Il-"Metodu użat" (il-kamp 11.3) għandu jirrifletti l-fatt li ċ-ċifri attwali rrapportati huma approssimazzjoni, u għandhom ikunu "b" jew "c", rispettivament.

### 11.3. Borża tal-kaċċa — Metodu użat

Agħżel liema mill-għażliet li ġejjin tiddeskrivi bl-aħjar mod il-metodu użat biex tiġi pprovduta statistika tal-kaċċa:

(a) Stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta;

(b) Prinċipalment abbażi ta' estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' *data*;

(c) Prinċipalment abbażi ta' opinjoni esperta b'*data* limitata ħafna;

(d) *Data* insuffiċjenti jew l-ebda *data* disponibbli.

### 11.4. Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva)

Ipprovdi web links jew referenzi bibljografiċi għas-sorsi ewlenin ta' informazzjoni użati biex jimtlew il-kampijiet fit-Taqsima 11, inklużi dettalji ta' kwalunkwe rapport nazzjonali jew bażi tad-*data* online. Barra minn hekk, kwalunkwe informazzjoni oħra relatata mal-istatistika dwar il-borża tal-kaċċa tista' tiġi pprovduta hawnhekk, pereżempju, informazzjoni relatata mal-kontrolli ta' validazzjoni dwar il-kwalità u l-preċiżjoni tad-*data*, jew jekk tinġabar *data* demografika addizzjonali (pereżempju, permezz ta' stħarriġ tal-ġwienaħ). Tista' tiġi rrapportata wkoll kwalunkwe bidla reċenti fil-metodi ta' stħarriġ jew fl-għodod ta' rapportar.

### Referenzi

BirdLife International (2004) Birds in Europe: population estimates, trends and conservation status. BirdLife International (BirdLife Conservation Serje Nru. 12), Cambridge, ir-Renju Unit.

---

([34]) Jew unità subnazzjonali, kif xieraq.

del Hoyo, J. & Collar, N.J. (2014) HBW and BirdLife International Illustrated Checklist of the Birds of the World. Volume 1: Non-passerines. Lynx Edicions, Barċellona.

Hagemeijer, E.J.M. & Blair, M., eds. (1997) The EBCC Atlas of European Breeding Birds: their distribution and abundance. T & A D Poyser, Londra.

Sokos, C. & Birtsas, P. (2014) The last indigenous black-necked pheasant population in Europe. G@lliformed 8: 13 sa 22.

Tucker, G.M. & Heath, M.F. (1994) Birds in Europe: their conservation status. BirdLife International (BirdLife Conservation Serje Nru 3), Cambridge, ir-Renju Unit.

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/696**

**tas-27 ta' Marzu 2023**

**li taċċetta talba mressqa mir-Repubblika Taljana skont id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għan-nuqqas ta' applikazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2024 tal-punt 7.4.2.1 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 għal għaxar vetturi ETR675**

*(notifikata bid-dokument C(2023) 1916)*

**(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4) tagħha,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Settembru 2022, l-Italja ressqet talba lill-Kummissjoni għal nuqqas temporanju ta' applikazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2024 tal-punt 7.4.2.1 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 ([2]), li jirrikjedi li vetturi ġodda jkunu mgħammra bil-Linja Bażi 3 tas-Sistema Ewropea għall-Kontroll tal-Ferroviji (ETCS) abbord sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2023. It-talba tikkonċerna għaxar vetturi ETR675 ġodda bin-numri ta' identifikazzjoni ETR675.17 sa ETR675.26 konsekuttivi, fornuti minn Alstom Ferroviaria S.p.A. L-għaxar vetturi jgħaqqdu l-flotta eżistenti ta' 26 vettura ETR675 li hija proprjetà ta' Italo-Nuovo Trasporto Viaggiatori S.p.A (Italo-NTV S.p.A).

(2) L-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Taljani b'appoġġ għat-talba ppermettiet lill-Kummissjoni twettaq l-analiżi tagħha.

(3) F'konformità mal-punt 7.4.2.1 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2016/919, vetturi ġodda awtorizzati wara s-16 ta' Ġunju 2019 għandhom jikkonformaw mas-settijiet ta' speċifikazzjonijiet #2 jew #3 (Linja Bażi 3 tal-ETCS) imsemmija fit-Tabella A 2 tal-Anness A ta' dak ir-Regolament ([3]).

(4) Il-punt 7.4.2.3 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2016/919 għandu l-għan li jiffaċilita t-tranżizzjoni mil-Linja Bażi 2 tal-ETCS għal-Linja Bażi 3 tal-ETCS bi skadenzi estiżi. F'konformità mas-subpunt 3(b) ta' dak il-punt, ċerti vetturi mgħammra bil-Linja Bażi 2 tal-ETCS u awtorizzati qabel il-31 ta' Diċembru 2020 f'konformità ma' awtorizzazzjoni tat-tip ta' vettura maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2019 jistgħu jibbenefikaw minn skadenza estiża sal-1 ta' Lulju 2023 biex jikkonformaw mal-Linja Bażi 3 tal-ETCS.

(5) L-għaxar vetturi msemmija fit-talba ġew ordnati f'lottijiet differenti bħala opzjonijiet ta' xiri wara li l-kuntratt inizjali ġie ffirmat fit-28 ta' Ottubru 2015 bejn Italo-NTV S.p.A u Alstom Ferroviaria S.p.A għall-provvista u l-manutenzjoni ta' 26 vettura ETR675 (magħrufa wkoll bħala Pendolino EVO).

(6) Is-sitt vetturi ETR675.17 sa ETR675.22 ġew ordnati qabel is-16 ta' Ġunju 2019, mgħammra bil-Linja Bażi 2 tal-ETCS u awtorizzati biex jiġu introdotti fis-suq qabel il-31 ta' Diċembru 2020. F'konformità mal-punt 7.4.2.3 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2016/919, dawk il-vetturi huma meħtieġa jikkonformaw mal-Linja Bażi 3 tal-ETCS sal-1 ta' Lulju 2023.

(7) Iż-żewġ vetturi ETR675.23 u ETR675.24 ġew ordnati wara s-16 ta' Ġunju 2020, jiġifieri fil-31 ta' Lulju 2020, mgħammra bil-Linja Bażi 2 tal-ETCS u awtorizzati sabiex jiġu introdotti fis-suq qabel il-31 ta' Diċembru 2020. F'konformità mal-punt 7.4.2.3 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2016/919, dawk il-vetturi huma meħtieġa jikkonformaw mal-Linja Bażi 3 tal-ETCS sal-1 ta' Lulju 2023.

([1]) ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"kontroll-kmand u sinjalazzjoni" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 158, 15.6.2016, p. 1).

([3]) Is-Sett ta' Speċifikazzjonijiet #1 jikkorrispondi għal-Linja bażi 2 tal-ETCS, Linja Bażi 1 tal-GSM-R
Is-Sett ta' Speċifikazzjonijiet #2 jikkorrispondi għal-Linja Bażi 3 tal-ETCS, Verżjoni tal-manutenzjoni 1, Linja Bażi 1 tal-GSM-R
Is-Sett ta' Speċifikazzjonijiet #3 jikkorrispondi għal-Linja Bażi 3 tal-ETCS, Verżjoni 1, GSM-R Linja Bażi 1

(8) Iż-żewġ vetturi ETR675.25 u ETR675.26, ordnati fil-31 ta' Lulju 2019, kienu skedati għall-kunsinna wara l-31 ta' Diċembru 2020. Għalhekk dawn ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni tranżizzjonali tal-punt 7.4.2.3 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2016/919 u kellhom jiġu mgħammra bil-Linja Bażi 3 tal-ETCS f'konformità mal-punt 7.4.2.1. ta' dak l-Anness. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021)3233final ([4]) tat nuqqas temporanju ta' applikazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2023. B'riżultat ta' dan, l-għaxar ferroviji kollha msemmija fit-talba bħalissa huma mgħammra biss bil-Linja Bażi 2 tal-ETCS.

(9) Il-migrazzjoni mil-Linja Bażi 2 tal-ETCS għal-Linja Bażi 3 tal-ETCS tal-għaxar vetturi li jiffurmaw l-oġġett ta' din id-Deċiżjoni kienet skedata għal perjodu li jintemm fl-1 ta' Lulju 2023, f'konformità mal-iskadenza stabbilita fil-punt 7.4.2.3. tal-Anness tar-Regolament (UE) 2016/919.

(10) Madankollu, il-migrazzjoni sikura mil-Linja Bażi 2 tal-ETCS abbord għal-Linja Bażi 3 tal-ETCS tiddependi fuq id-disponibbiltà tal-aġġornament tal-linja Milano-Bologna għal-Linja Bażi 3 tal-ETCS fuq l-art għat-test li jiżgura l-kompatibbiltà tal-Linja Bażi 3 tal-ETCS abbord u maġenb il-binarji. Id-disponibbiltà tal-linja għall-ittestjar ġiet ittardjata, minħabba l-installazzjoni tardiva tal-Linja Bażi 3 tal-ETCS fuq l-art. L-ittestjar se jsir possibbli biss matul it-tieni kwart tal-2023, li se jdewwem l-ewwel awtorizzazzjonijiet imġedda tal-vetturi sa Novembru 2023.

(11) In-nuqqas temporanju ta' applikazzjoni tal-punt 7.4.2.1 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2016/919 għal sena oħra għall-għaxar vetturi ERT675 mgħammra bil-Linja Bażi 2 tal-ETCS, sal-modifika retroattiva tagħhom għal-Linja Bażi 3 tal-ETCS, matul il-manutenzjoni regolari, fil-perjodu bejn Novembru 2023 u t-30 ta' Ġunju 2024, jippermetti l-kontinwazzjoni tas-servizzi fin-nuqqas ta' kwalunkwe alternattiva fil-qafas ta' kundizzjonijiet kummerċjalment u operazzjonalment vijabbli.

(12) Xi dewmien fil-migrazzjoni ma jaffettwax l-interoperabbiltà peress li l-għaxar vetturi kkonċernati diġà huma mgħammra bil-Linja Bażi 2 tal-ETCS, u fuq l-art huwa wkoll mgħammar bil-Linja Bażi 2 tal-ETCS u se jemigra gradwalment għal-Linja Bażi 3 tal-ETCS sal-2025, skont il-pjan ta' implimentazzjoni nazzjonali tal-ERTMS tal-Italja, mingħajr ma jaffettwa l-interoperabbiltà kemm mal-vetturi mgħammra bil-Linja Bażi 2 tal-ETCS kif ukoll mal-vetturi mgħammra bil-Linja Bażi 3 tal-ETCS.

(13) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Taljani, il-manifattur tal-vetturi identifikati bin-numri ETR675.17 sa ETR675.26, Alstom Ferroviaria S.p.A, u sidhom, Italo-NTV S.p.A, impenjaw ruħhom għal pjan ta' inġinerija u installazzjoni biex jaġġornaw dawk il-vetturi u l-bqija tal-flotta b'tagħmir abbord li jikkonforma mal-Linja Bażi 3 tal-ETCS. Skont dak il-pjan, l-aġġornament jenħtieġ li jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

(14) It-talba hija msejsa fuq l-Artikolu 7(1)(c) tad-Direttiva (UE) 2016/797, li jippermetti nuqqas ta' applikazzjoni ta' speċifikazzjoni teknika waħda jew aktar għall-interoperabbiltà (TSI) meta l-applikazzjoni tat-TSI tikkomprometti l-vijabbiltà ekonomika tal-proġett u/jew il-kompatibbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Istati Membri kkonċernati.

(15) L-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Taljani turi li jekk it-talba għan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-punt 7.4.2.1 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2016/919 ma tiġix aċċettata, l-operatur ikun obbligat jinstalla l-Linja Bażi 3 tal-ETCS fl-għaxar vetturi, u jirtirahom temporanjament mis-servizz lil hinn mill-manutenzjoni skedata normali. Dan ikollu impatt ekonomiku negattiv sinifikanti fuq l-operatur fid-dħul li jintilef minħabba n-nuqqas ta' servizz kummerċjali, il-fatturi mitlufa, u l-kostijiet meħtieġa għall-ipparkjar tal-għaxar vetturi. Id-dispożizzjoni alternattiva applikata, jiġifieri l-użu kontinwu tal-Linja Bażi 2 tal-ETCS sakemm l-aġġornament għal-Linja Bażi 3 tal-ETCS ikun jista' jitwettaq b'mod vijabbli, hija aċċettabbli peress li ma taffettwax l-interoperabbiltà u tiżgura l-kontinwazzjoni tas-servizzi.

(16) Għal dawk ir-raġunijiet, jenħtieġ li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1)(c) tad-Direttiva (UE) 2016/797 jitqiesu ssodisfati, u l-migrazzjoni differita mil-Linja Bażi 2 tal-ETCS għal-Linja Bażi 3 tal-ETCS tal-għaxar vetturi b'numri ta' identifikazzjoni ETR675.17 sa ETR675.26 jenħtieġ li tiġi awtorizzata sat-30 ta' Ġunju 2024.

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 3233 final tal-11 ta' Mejju 2021 li taċċetta talba għan-nuqqas ta' applikazzjoni ta' parti mill-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà b'rabta mas-subsistemi tal-"kontroll-kmand u sinjalazzjoni" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea stabbilita fir-Regolament (UE) 2016/919, imressqa mir-Repubblika Taljana lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(17) Għalhekk, it-talba mressqa mill-Italja biex ma tapplikax il-punt 7.4.2.1 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2016/919 għal dawk il-vetturi sat-30 ta' Ġunju 2024 jenħtieġ li tiġi aċċettata.

(18) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 51(1) tad-Direttiva (UE) 2016/797,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-talba tar-Repubblika Taljana biex ma tapplikax il-punt 7.4.2.1 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2016/919 għal għaxar vetturi ETR675 b'numri ta' identifikazzjoni konsekuttivi ETR675.17 sa ETR675.26 sat-30 ta' Ġunju 2024 hija aċċettata.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika fil-limiti ġeografiċi tan-network ferrovjarju Taljan.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Għandha tapplika sat-30 ta' Ġunju 2024.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2023.

*Għall-Kummissjoni*
Adina-Ioana VĂLEAN
*Membru tal-Kummissjoni*

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI NRU 2021/05 TAL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

**dwar ir-reviżjoni tal-Anness I tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport [2023/697]**

IL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, u b'mod partikolari il-punt (a) tal-Artikolu 20(3) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 20(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport ("TCT"), fir-rigward ta' atti ġodda legalment vinkolanti tal-Unjoni Ewropea, il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport għandu jadotta, fost l-oħrajn, deċiżjonijiet li jirrevedu l-Anness I tat-TCT biex jintegraw dawk l-atti fit-TCT.

(2) Mill-iffirmar tat-TCT fid-9 ta' Ottubru 2017, għadd sinifikanti ta' atti legali ġodda tal-Unjoni Ewropea ġew adottati f'oqsma koperti minnu, filwaqt li atti legali oħra tħassru. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I jiġi rivedut biex jirrifletti dawn il-bidliet.

(3) Għal raġunijiet ta' ċarezza legali u simplifikazzjoni, huwa xieraq li jiġi sostitwit it-test mill-Anness I.1, ħlief għall-mapep tal-estensjoni indikattiva ta' TEN-T għall-Balkani tal-Punent (networks ewlenin u komprensivi), sal-Anness I.7 tat-TCT bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I.1, ħlief għall-mapep tal-estensjoni indikattiva tat-TEN-T għall-Balkani tal-Punent (networks ewlenin u komprensivi), sal-Anness I.7 tat-TCT huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul f'Sarajevo, it-28 ta' Ġunju 2021.

*Għall-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali*

*Il-President*

*ANNESS*

*"ANNESS I*

REGOLI APPLIKABBLI GĦAS-SETTUR TAT-TRASPORT U KWISTJONIJIET RELATATI ANNESS I.1

*ANNESS I 1*

REGOLI APPLIKABBLI GĦALL-INFRASTRUTTURA TAT-TRASPORT LI TIFFORMA N-NETWORK EWLIENI TAX-XLOKK TAL-EWROPA

Id-"Dispożizzjonijiet applikabbli" tal-atti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin għandhom ikunu applikabbli f'konformità mat-Trattat Prinċipali u l-Anness II dwar adattamenti orizzontali sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-Anness jew fil-Protokolli I sa VI. Fejn meħtieġ, hawn taħt qed jiġu stabbiliti wkoll l-adattamenti speċifiċi għal kull att individwali.

L-atti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin jirreferu għall-aħħar verżjoni ta' dawn l-atti kif ġew emendati l-aħħar.

| Qasam regolatorju | Leġiżlazzjoni |
|---|---|
| Żvilupp tat-TEN-T | Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).<br><br>Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/758 tal-4 ta' Frar 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adattament tal-Anness III tiegħu (ĠU L 126, 14.5.2016, p. 3). |
| Infrastruttura tal-fjuwils alternattivi | Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1). |

*ANNESS I.2*

## REGOLI APPLIKABBLI GĦAT-TRASPORT BIL-FERROVIJA

Id-"Dispożizzjonijiet applikabbli" tal-atti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin għandhom ikunu applikabbli f'konformità mat-Trattat Prinċipali u l-Anness II dwar adattamenti orizzontali sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-Anness jew fil-Protokolli I sa VI. Fejn meħtieġ, hawn taħt qed jiġu stabbiliti wkoll l-adattamenti speċifiċi għal kull att individwali.

L-atti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin jirreferu għall-aħħar verżjoni ta' dawn l-atti kif ġew emendati l-aħħar.

| Qasam regolatorju | Leġiżlazzjoni |
|---|---|
| Aċċess għas-suq | Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 11 dwar it-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rati u l-kundizzjonijiet tat-trasport, fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 79(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 52, 16.8.1960, p. 1121). |
| | Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32). |
| | Id-Direttiva (UE) 2016/2370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Direttiva 2012/34/UE fir-rigward tal-ftuħ tas-suq tas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 1). |
| | Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/2075 tal-4 ta' Settembru 2017 li tissostitwixxi l-Anness VII tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 295, 14.11.2017, p. 69). |
| | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 869/2014 tal-11 ta' Awwissu 2014 dwar servizzi ġodda għall-passiġġieri ferrovjarji (ĠU L 239, 12.8.2014, p. 1). |
| | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/10 tas-6 ta' Jannar 2015 dwar kriterji għall-applikanti għall-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 870/2014 (ĠU L 3, 7.1.2015, p. 34). |
| | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/171 tal-4 ta' Frar 2015 dwar ċerti aspetti tal-proċedura ta' liċenzjar tal-impriżi ferrovjarji (ĠU L 29, 5.2.2015, p. 3). |
| | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/429 tat-13 ta' Marzu 2015 li jistabbilixxi l-modalitajiet li għandhom jiġu segwiti għall-applikazzjoni tal-imposti għall-ispejjeż tal-effetti tal-istorbju (ĠU L 70, 14.3.2015, p. 36). |
| | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/909 tat-12 ta' Ġunju 2015 dwar il-modalitajiet għall-kalkolu tal-ispiża direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju (ĠU L 148, 13.6.2015, p. 17). |
| | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1100 tas-7 ta' Lulju 2015 dwar l-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri fil-qafas tal-monitoraġġ tas-suq ferrovjarju (ĠU L 181, 9.7.2015, p. 1). |
| | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/545 tas-7 ta' April 2016 dwar proċeduri u kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' ftehimiet qafas għall-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja (ĠU L 94, 8.4.2016, p. 1). |
| | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2177 tat-22 ta' Novembru 2017 dwar l-aċċess għall-faċilitajiet ta' servizz u għas-servizzi relatati mal-ferroviji (ĠU L 307, 23.11.2017, p. 1). |
| | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1795 tal-20 ta' Novembru 2018 li jistabbilixxi l-proċedura u l-kriterji għall-applikazzjoni tat-test tal-bilanċ ekonomiku skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 21.11.2018, p. 5) |

| | |
|---|---|
| | Ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar network ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 22).<br><br>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/500 tat-22 ta' Marzu 2018 dwar il-konformità tal-proposta biex jiġi stabbilit il-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija bejn l-Alpi u l-Balkani tal-Punent mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 82, 26.3.2018, p. 13).<br><br>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/491 tal-21 ta' Marzu 2018 dwar il-konformità tal-proposta konġunta mressqa mill-Istati Membri kkonċernati għall-estensjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 81, 23.3.2018, p. 23).<br><br>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/300 tal-11 ta' Jannar 2018 dwar il-konformità tal-proposta konġunta sottomessa mill-Istati Membri fir-rigward tal-estensjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija tal-Atlantiku mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 56, 28.2.2018, p. 60).<br><br>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/178 tal-31 ta' Jannar 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1111 dwar il-konformità tal-proposta konġunta mressqa mill-Istati Membri kkonċernati għall-estensjoni tal-kuritur tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Baltiku mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar network ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 28, 2.2.2017, p. 71).<br><br>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/177 tal-31 ta' Jannar 2017 dwar il-konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-proposta konġunta biex jiġi stabbilit il-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija "Amber" (ĠU L 28, 2.2.2017, p. 69).<br><br>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1111 tas-7 ta' Lulju 2015 dwar il-konformità tal-proposta konġunta mressqa mill-Istati Membri kkonċernati għall-estensjoni tal-kuritur tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Baltiku mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar network ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 181, 9.7.2015, p. 82). |
| Ħruġ ta' liċenzji għas-sewwieqa tal-ferroviji | Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).<br><br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/554 tal-5 ta' April 2019 li jemenda l-Anness VI tad-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 97, 8.4.2019, p. 1).<br><br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 36/2010 tat-3 ta' Diċembru 2009 dwar mudelli Komunitarji għal-liċenzji tas-sewqan tal-ferroviji, ċertifikati komplementari, kopji ċċertifikati taċ-ċertifikati komplementari u formoli tal-applikazzjoni għal-liċenzji tas-sewqan tal-ferroviji, skont id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 13, 19.1.2010, p. 1).<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/17/KE tad-29 ta' Ottubru 2009 dwar l-adozzjoni ta' parametri bażiċi għar-reġistri ta' liċenzji tas-sewqan tal-ferroviji u ċ-ċertifikati komplementari pprovduti skont id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 8, 13.1.2010, p. 17).<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/765/UE tat-22 ta' Novembru 2011 dwar kriterji għar-rikonoxximent ta' ċentri tat-taħriġ involuti fit-taħriġ ta' sewwieqa tal-ferroviji, dwar kriterji għar-rikonoxximent tal-eżaminaturi ta' sewwieqa tal-ferroviji u dwar kriterji għall-organizzazzjoni ta' eżamijiet skont id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 314, 29.11.2011, p. 36). |

| | |
|---|---|
| Interoperabbiltà | Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).<br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/545 tal-4 ta' April 2018 li jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għall-awtorizzazzjoni ta' vetturi ferrovjarji u għall-proċess tal-awtorizzazzjoni tat-tip ta' vetturi ferrovjarji f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 90, 6.4.2018, p. 66).<br>Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1474 tat-8 ta' Ġunju 2017 li tissupplimenta d-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rabta mal-objettivi speċifiċi għall-abbozzar, l-adozzjoni u r-reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà (ĠU L 210, 15.8.2017, p. 5).<br>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 tal-25 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda u tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE (ĠU L 268, 26.10.2018, p. 53).<br>Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/965/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar id-dokument ta' referenza msemmi fl-Artikolu 27(4) tad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 341, 22.12.2009, p. 1).<br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1299/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà relatati mas-subsistema tal-"infrastruttura" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 1).<br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà relatati mal-aċċessibbiltà tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 110).<br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/772 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1300/2014 fir-rigward tal-inventarju tal-assi bil-ħsieb li jiġu identifikati l-ostakli għall-aċċessibbiltà, jingħata tagħrif lill-utenti u jiġi monitorjat u evalwat il-progress fil-qasam tal-aċċessibbiltà (ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 1).<br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1301/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà relatati mas-sottosistema tal-enerġija tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 179).<br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/868 tat-13 ta' Ġunju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1301/2014 u r-Regolament (UE) Nru 1302/2014 rigward id-dispożizzjonijiet dwar is-sistema tal-kejl tal-enerġija u s-sistema tal-ġbir tad-*data* (ĠU L 149, 14.6.2018, p. 16).<br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1302/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas- subsistema tal-"infrastruttura" tas-sistema tal-"Vetturi ferrovjarji – lokomotivi u vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 228).<br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1303/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-"sikurezza fil-mini ferrovjarji" tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 394).<br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1304/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "vetturi ferrovjarji — storbju" li tħassar id-Deċiżjoni 2008/232/KE u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/229/UE (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 421). |

| | |
|---|---|
| | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/774 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1304/2014 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"vetturi ferrovjarji — storbju" għall-vaguni tal-merkanzija eżistenti (ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 89).<br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1305/2014 tal-11 ta' Diċembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 62/2006 (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 438).<br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/278 tat-23 ta' Frar 2018 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1305/2014 rigward l-istruttura tal-messaġġi, il-mudell tad-*data* u tal-messaġġi, u l-Bażi tad-*Data* Operazzjonali tal-Vaguni u tal-Unitajiet Intermodali, u li jadotta standard tal-IT għas-saff ta' komunikazzjoni tal-Interfaċċa Komuni (ĠU L 54, 24.2.2018, p. 11).<br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/778 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2014 fir-rigward tal-Ġestjoni tal-Kontroll tat-Tibdil (ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 356).<br>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/665/UE tal-4 ta' Ottubru 2011 dwar ir-reġistru Ewropew tat-tipi ta' vetturi ferrovjarji awtorizzati (ĠU L 64, 8.10.2011, p. 32).<br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/777 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjonijiet komuni għar-reġistru tal-infrastruttura ferrovjarja u li jħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE (ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 312).<br>Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/757/UE tal-14 ta' Novembru 2012 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"operat u l-immaniġġjar tat-traffiku" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li temenda d-Deċiżjoni 2007/756/KE (ĠU L 345, 15.12.2012, p. 1).<br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika ta' interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "operat u ġestjoni tat-traffiku" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni 2012/757/UE, (ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 5)<br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea (ĠU L 123, 12.5.2011, p. 11).<br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/250 tat-12 ta' Frar 2019 dwar il-mudelli għad-dikjarazzjonijiet u ċ-ċertifikati "KE" għall-kostitwenti u s-subsistemi ta' interoperabbiltà ferrovjarja, dwar il-mudell ta' dikjarazzjoni ta' konformità ma' tip awtorizzat ta' vettura ferrovjarja u dwar il-proċeduri ta' verifika "KE" għas-subsistemi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 201/2011 (ĠU L 42, 13.2.2019, p. 9).<br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"kontroll-kmand u sinjalazzjoni" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 158, 15.6.2016, p. 1).<br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013 tat-13 ta' Marzu 2013 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "vetturi ferrovjarji — vaguni tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jirrevoka d-Deċiżjoni 2006/861/KE (ĠU L 104, 12.4.2013, p. 1). |

| | |
|---|---|
| | Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/713/UE tad-9 ta’ Novembru 2010 dwar moduli għall-proċeduri għal valutazzjoni ta’ konformità, adattezza għall-użu, u verifika tal-KE li għandhom jintużaw fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal interoperabbiltà adottati skont id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 319, 4.12.2010, p. 1).<br>Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/776 tas-16 ta’ Mejju 2019 li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013, (UE) Nru 1299/2014, (UE) Nru 1301/2014, (UE) Nru 1302/2014, (UE) Nru 1303/2014 u (UE) 2016/919 u d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/665/UE fir-rigward tal-allinjament mad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi stipulati fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1474 (ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 108).<br>Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/387 tad-9 ta’ Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 321/2013, (UE) Nru 1302/2014 u (UE) 2016/919 fir-rigward tal-estensjoni taż-żona tal-użu u l-fażijiet tat-tranżizzjoni (ĠU L 73, 10.3.2020, p. 6).<br>Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/424 tad-19 ta’ Marzu 2020 dwar il-preżentazzjoni ta’ informazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tan-nonapplikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta’ interoperabbiltà skont id-Direttiva (UE) 2016/797 (ĠU L 84, 20.3.2020, p. 20). |
| L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji | Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1).<br>Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/867 tat-13 ta’ Ġunju 2018 li jistabbilixxi r-regoli ta’ proċedura tal-Bord(ijiet) tal-Appell tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ĠU L 149, 14.6.2018, p. 3).<br>Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/764 tat-2 ta’ Mejju 2018 dwar it-tariffi u l-imposti li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u l-kundizzjonijiet għall-ħlas tagħhom (ĠU L 129, 25.5.2018, p. 68). |
| Sikurezza ferrovjarja | Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102).<br>Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/763 tad-9 ta’ April 2018 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi għall-ħruġ ta’ ċertifikati ta’ sikurezza uniċi għall-impriżi ferrovjarji skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 653/2007 (ĠU L 129, 25.5.2018, p. 49).<br>Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/779 tas-16 ta’ Mejju 2019 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar sistema ta’ ċertifikazzjoni tal-entitajiet inkarigati mill-manutenzjoni tal-vetturi skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011 (ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 360).<br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1158/2010 tad-9 ta’ Diċembru 2010 dwar metodu komuni ta’ sikurezza għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti sabiex jinkisbu ċertifikati tas-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 326, 10.12.2010, p. 11).<br>Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/762 tat-8 ta’ Marzu 2018 li jistabbilixxi metodi komuni ta’ sikurezza dwar ir-rekwiżiti tas-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 1158/2010 u (UE) Nru 1169/2010 (ĠU L 129, 25.5.2018, p. 26). |

| | |
|---|---|
| | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1169/2010 tal-10 ta' Diċembru 2010 dwar metodu komuni ta' sikurezza għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni tas-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 327, 11.12.2010, p. 13).<br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1078/2012 tas-16 ta' Novembru 2012 dwar metodu komuni ta' sikurezza għall-monitoraġġ li għandu jiġi applikat mill-impriżi ferrovjarji u l-maniġers tal-infrastruttura wara li jirċievu ċertifikat tas-sikurezza jew awtorizzazzjoni tas-sikurezza u minn entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni (ĠU L 320, 17.11.2012, p. 8).<br>Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/761 tas-16 ta' Frar 2018 li jistabbilixxi metodi komuni tas-sikurezza għas-superviżjoni minn awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza wara l-ħruġ ta' ċertifikat tas-sikurezza uniku jew ta' awtorizzazzjoni tas-sikurezza skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1077/2012 (ĠU L 129, 25.5.2018, p. 16).<br>Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/460/KE tal-5 ta' Ġunju 2009 dwar l-adozzjoni ta' metodu komuni ta' sikurezza għall-valutazzjoni tal-ilħiq tal-miri tas-sikurezza, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 150, 13.6.2009, p. 11).<br>Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/780 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-arranġamenti prattiċi għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet ta' sikurezza għall-maniġers tal-infrastruttura (ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 390). |
| Trasport intern ta' oġġetti perikolużi | Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13). |
| Apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr | Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE (ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1). |
| Il-qasam soċjali – il-ħin/is-sigħat tax-xogħol | Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).<br>Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/47/KE tat-18 ta' Lulju 2005 dwar il-Ftehim bejn il-Komunità ta' Ferroviji Ewropej (CER) u l-Federazzjoni Ewropea għall-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi transkonfini interoperabbli fis-settur tal-ferroviji – Ftehim konkluż mill-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) u l-Komunità tal-Ferroviji Ewropej (CER) dwar ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema mobbli li jaħdmu fuq servizzi transkonfinali interoperabbli (ĠU L 195, 27.7.2005 p. 15). |
| Drittijiet tal-passiġġieri | Ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14). |
| Informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija | Ir-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 33). |

*ANNESS I.3*

REGOLI APPLIKABBLI GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ

Id-"Dispożizzjonijiet applikabbli" tal-atti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin għandhom ikunu applikabbli f'konformità mat-Trattat Prinċipali u l-Anness II dwar adattamenti orizzontali sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-Anness jew fil-Protokolli I sa VI. Fejn meħtieġ, hawn taħt qed jiġu stabbiliti wkoll l-adattamenti speċifiċi għal kull att individwali.

L-atti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin jirreferu għall-aħħar verżjoni ta' dawn l-atti kif ġew emendati l-aħħar.

| Qasam regolatorju | Leġiżlazzjoni |
|---|---|
| Infrastruttura li tiġbor il-miżati tat-triq - taxxi annwali fuq il-vetturi | Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42). |
| Dħul fl-impjieg ta' operatur tat-toroq | Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).<br><br>Ir-Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 17).<br><br>(Madankollu, ara l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2020/1055 fir-rigward tad-data tad-dħul fis-seħħ jew tal-applikazzjoni) |
| Dispożizzjonijiet soċjali – ħin tas-sewqan u perjodi ta' mistrieħ | Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).<br><br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 581/2010 tal-1 ta' Lulju 2010 dwar il-perjodi massimi għat-tniżżil ta' *data* rilevanti mill-unitajiet tal-vetturi u minn kards tas-sewwieqa (ĠU L 168, 2.7.2010, p. 16).<br><br>Ir-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 1). |
| Takografi | Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).<br><br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/68 tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-proċeduri u l-ispeċifikazzjonijiet komuni meħtieġa għall-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi tal-kards tas-sewwieqa (ĠU L 15, 22.1.2016, p. 51).<br><br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/799 tat-18 ta' Marzu 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-istallazzjoni, l-operazzjoni u t-tiswija ta' takografi u l-komponenti tagħhom (ĠU L 139, 26.5.2016, p. 1). |

| | |
|---|---|
| | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/502 tat-28 ta' Frar 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/799 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-istallazzjoni, l-operazzjoni u t-tiswija ta' takografi u l-komponenti tagħhom (ĠU L 85, 28.3.2018, p. 1).<br>Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq (ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8).<br>(Madankollu, ara l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014).<br>Ir-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 1). |
| Infurzar tal-leġiżlazzjoni soċjali | Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u (KEE) Nru 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35), kif emendata minn:<br>Id-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 49).<br>(Madankollu ara l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2020/1057 fir-rigward tat-traspożizzjoni) |
| Formola ta' attestazzjoni tal-attivitajiet | Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/230/KE tat-12 ta' April 2007 dwar formola li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni soċjali marbuta mal-attivitajiet tat-trasport bit-triq (ĠU L 99, 14.4.2007, p. 14). |
| Ħin tax-xogħol | Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35). |
| Apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr | Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE (ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1). |
| Affidabbiltà stradali | Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51). |
| Spezzjoni mal-ġenb tat-triq | Id-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li tirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 134). |
| Regolaturi tal-veloċità eċċessiva | Id-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE tal-10 ta' Frar 1992 dwar l-installazzjoni u l-użu ta' apparat tal-limitazzjoni tal-veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi tal-mutur fil-Komunità (ĠU L 57, 2.3.1992, p. 27). |
| Ċinturini tas-sikurezza | Id-Direttiva tal-Kunsill 91/671/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-użu obbligatorju taċ-ċintorini tas-sigurtà u s-sistemi tat-trażżin għat-tfal fil-vetturi (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 26). |

| | |
|---|---|
| Mirja | Id-Direttiva 2007/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità (ĠU L 184, 14.7.2007, p. 25). |
| Dokumenti tar-reġistrazzjoni | Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57).<br>Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/103/KE tal-20 Novembru 2006 li tadatta ċerti Direttivi fil-qasam tal-politika dwar it-trasport, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 344). |
| Taħriġ tas-sewwieqa | Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għall-ġarr ta' merkanzija jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE (ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4).<br>Id-Direttiva (UE) 2018/645 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 li temenda d-Direttiva 2003/59/KE dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għall-ġarr ta' merkanzija jew passiġġieri u d-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 29). |
| Liċenzji tas-sewqan | Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18).<br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 383/2012 tal-4 ta' Mejju 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi fir-rigward ta' liċenzji tas-sewqan li jinkludu mezzi għall-ħażna (mikroċipp), (ĠU L 120, 5.5.2012, p. 1). |
| Skambju transfruntier ta' informazzjoni | Id-Direttiva (UE) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq (ĠU L 68, 13.3.2015, p. 9). |
| Trasport intern ta' oġġetti perikolużi | Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13). |
| Verifiki fuq it-trasport ta' oġġetti perikolużi | Id-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE tas-6 ta' Ottubru 1995 dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport bit-triq ta' merkanzija perikoluża bit-triq (ĠU L 249, 17.10.1995, p. 35). |
| Mini | Id-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġiet minimi tas-sigurtà għall-mini fin-Network Trans-Ewropew tat-Toroq (ĠU L 167, 30.4.2004, p. 39). |
| Ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq | Id-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59). |
| Dimensjonijiet u piżijiet tal-vetturi | Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59). |
| Drittijiet tal-passiġġieri | Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1). |

| | |
|---|---|
| Vetturi nodfa u/jew infrastruttura tal-karburanti alternattivi | Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-vetturi nodfa tat-trasport bit-triq b'appoġġ għall-mobbiltà b'emissjonijiet baxxi (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5).<br><br>Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1). |
| Sistemi ta' Trasport Intelliġenti | Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).<br><br>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/453/UE tat-13 ta' Lulju 2011 li tadotta linji gwida għar-rappurtar mill-Istati Membri skont id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 193, 23.7.2011, p. 48).<br><br>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/209 tat-12 ta' Frar 2016 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni fejn jidħlu Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS) f'żoni urbani b'appoġġ għad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 39, 16.2.2016, p. 48).<br><br>Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 305/2013 tas-26 ta' Novembru 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment armonizzat ta' eCall interoperabbli fl-UE kollha (ĠU L 91, 3.4.2013, p. 1).<br><br>Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 885/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva ITS 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni għal postijiet tal-parkeġġ sikuri u siguri għat-trakkijiet u l-vetturi kummerċjali (ĠU L 247, 18.9.2013, p. 1).<br><br>Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 886/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-*data* u l-proċeduri għall-forniment, fejn possibbli, ta' informazzjoni minima universali dwar it-traffiku stradali marbuta mas-sikurezza b'xejn lill-utenti (ĠU L 247, 18.9.2013, p. 6).<br><br>Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/962 tat-18 ta' Diċembru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forniment tas-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali fl-UE kollha (ĠU L 157, 23.6.2015, p. 21).<br><br>Id-Deċiżjoni Nru 585/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-varar ta' eCall interoperabbli madwar l-UE kollha (ĠU L 164, 3.6.2014, p. 6). |
| Sistemi tat-tariffi tat-toroq | Id-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq fil-Komunità (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 124).<br><br>Id-Direttiva (UE) 2019/520 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 45). Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/750/KE tas-6 ta' Ottubru 2009 dwar id-definizzjoni tas-Servizz Elettroniku Ewropew tan-Nollijiet u l-elementi tekniċi tiegħu (ĠU L 268, 13.10.2009, p. 11). |

| | |
|---|---|
| Approvazzjoni tat-tip | Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).<br>Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1).<br>Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52). |
| Informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija | Ir-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 33). (sa fejn ikun rilevanti għal atti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Anness) [1] |

[1] Dwar il-kamp ta' applikazzjoni, ara l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2020/1056. Id-Direttiva 92/106/KEE u r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 mhumiex elenkati f'dan l-Anness. Il-punt sa fejn ir-Regolament (UE) 2020/1056 ikopri aspetti relatati ma' dawk l-atti, mhuwiex rilevanti.

*ANNESS I.4*

# REGOLI APPLIKABBLI GĦAT-TRASPORT MARITTIMU

Id-"Dispożizzjonijiet applikabbli" tal-atti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin għandhom ikunu applikabbli f'konformità mat-Trattat Prinċipali u l-Anness II dwar adattamenti orizzontali sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-Anness jew fil-Protokolli I sa VI. Fejn meħtieġ, hawn taħt qed jiġu stabbiliti wkoll l-adattamenti speċifiċi għal kull att individwali.

L-atti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin jirreferu għall-aħħar verżjoni ta' dawn l-atti kif ġew emendati l-aħħar.

| Qasam regolatorju | Leġiżlazzjoni |
|---|---|
| Politika marittima | Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1). |
| Aċċess għas-suq | Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU L 364, 12.12.1992, p. 7).<br><br>Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4055/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 1).<br><br>Ir-Regolament (KE) Nru 789/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar it-trasferiment tal-bastimenti tat-tagħbija u tal-passiġġieri bejn ir-reġistri ġewwa l-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 613/91 (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 19).<br><br>Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4058/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar azzjoni koordinata sabiex jiġi ssalvagwardjat l-aċċess liberu għal tagħbijiet ta' merkanzija f'kummerċ fuq l-oċeani (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 21). |
| Relazzjonijiet Internazzjonali | Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4057/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar prattiċi ta' prezzijiet mhux ġusti fit-trasport marittimu (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 14). |
| Ftehimiet internazzjonali | Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/22/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll tal-2002 tal-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 10 u 11 tiegħu (ĠU L 8, 12.1.2012, p. 1).<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/23/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll tal-2002 tal-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974, rigward l-Artikoli 10 u 11 tiegħu (ĠU L 8, 12.1.2012, p. 13). |
| Organizzazzjonijiet tal-ispezzjoni u tal-perizji tal-vapuri – organizzazzjonijiet rikonoxxuti | Id-Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 47).<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/491/KE tas-16 ta' Ġunju 2009 dwar kriterji li għandhom jiġu segwiti sabiex jiġi deċiż meta l-prestazzjoni ta' organizzazzjoni li taġixxi għan-nom ta' Stat tal-bandiera tista' titqies bħala theddida inaċċettabbli għas-sikurezza u l-ambjent (ĠU L 162, 25.6.2009, p. 6).<br><br>Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11). |

| | |
|---|---|
| | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 788/2014 tat- 18 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-impożizzjoni ta' multi u ta' ħlasijiet perjodiċi ta' penali, u dwar l-irtirar tar-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri skont l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 214, 19.7.2014, p. 12). |
| Stat tal-Bandiera | Id-Direttiva 2009/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 132). |
| Kontroll mill-Istat tal-port | Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57). |
| Monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti | Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10). |
| Il-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Ġestjoni tas-Sigurtà | Ir-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà fi ħdan il-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95, (ĠU L 64, 4.3.2006, p. 1). |
| Formalitajiet ta' rappurtar | Id-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE (ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1). |
| Tagħmir tal-baħar | Id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146). |
| Vapuri tal-passiġġieri | Id-Direttiva 2003/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003 dwar ħtiġiet ta' stabbiltà speċifiċi għall-vapuri tal-passiġġieri ro-ro (ĠU L 123, 17.5.2003, p. 22).<br>Ir-Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 24).<br>Id-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE tat-18 ta' Ġunju 1998 dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità (ĠU L 188, 2.7.1998, p. 35).<br>Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).<br>Id-Direttiva (UE) 2017/2110 tal-15 ta' Novembru 2017 dwar sistema ta' spezzjonijiet għall-operazzjoni bla periklu ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 61). |
| Sikurezza tal-bastimenti tas-sajd | Id-Direttiva tal-Kunsill 97/70/KE tal-11 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi reġim armonizzat ta' sigurtà għall-bastimenti tas-sajd ta' tul ta' 24 metru jew aktar (ĠU L 34, 9.2.1998, p. 1). |
| Tankers taż-żejt | Ir-Regolament (UE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed (ĠU L 172, 30.6.2012, p. 3). |
| Trasportaturi ta' tagħbija bl-ingrossa | Id-Direttiva 2001/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 4 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi l-ħtiġiet u l-proċeduri armonizzati għat-tagħbija u l-ħatt b'sigurtà ta' bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa (ĠU L 13, 16.1.2002, p. 9). |

| | |
|---|---|
| Investigazzjoni tal-aċċidenti | Id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE u d-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 114).<br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2011 tal-5 ta' Lulju 2011 li jadotta r-regoli ta' proċedura tal-qafas ta' kooperazzjoni permanenti stabbilit mill-Istati Membri b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 177, 6.7.2011, p. 18).<br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1286/2011 tad-9 ta' Diċembru 2011 li jadotta metodoloġija komuni għall-investigazzjoni ta' diżgrazzji u inċidenti tal-baħar żviluppata skont l-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 10.12.2011, p. 36). |
| Assigurazzjoni | Id-Direttiva 2009/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-assigurazzjoni tas-sidien ta' vapuri għal pretensjonijiet marittimi (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 128). |
| Tniġġis mill-vapuri | Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11). |
| Skart iġġenerat mill-bastimenti | Id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116). |
| Komposti tal-organotin | Ir-Regolament (KE) Nru 782/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003 dwar il-projbizzjoni tal-komposti tal-organotin fuq il-bastimenti (ĠU L 115, 9.5.2003, p. 1). |
| Sigurtà marittima | Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).<br>Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28).<br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 324/2008 tad-9 ta' April 2008 li jistabbilixxi proċeduri riveduti għal spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà marittima (ĠU L 98, 10.4.2008, p. 5). |
| Taħriġ tal-baħħara | Id-Direttiva Nru 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (ĠU L 323, 3.12.2008, p. 33).<br>Id-Direttiva (UE) 2019/1159 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttiva 2008/106/KE dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara u li tħassar id-Direttiva 2005/45/KE dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati tal-baħħara maħruġa mill-Istati Membri (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 94). |
| Aspetti soċjali | Id-Direttiva 2013/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Novembru 2013, dwar ċerti responsabbiltajiet tal-Istat tal-bandiera għall-konformità mal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu 2006 u l-infurzar tagħha (ĠU L 329, 10.12.2013, p. 1).<br>Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/63/KE tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-Ftehim dwar l-organizzazzjoni tal-ħin ta' xogħol tal-baħħara konkluż mill- Assoċjazzjoni tal-Komunità Ewropea tas-Sidien tal-Bastimenti (AKESB) u l-Federazzjoni tal-Unjonijiet tal-Ħaddiema tat-Trasport (FUĦT) fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 167, 2.7.1999, p. 33). |

| | |
|---|---|
| | Id-Direttiva 1999/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 li tikkonċerna l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet fejn għandhom x'jaqsmu s-sigħat tax-xogħol tal-baħħara abbord vapuri li jidħlu f'portijiet Komunitarji (ĠU L 14, 20.1.2000, p. 29).<br><br>Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/13/KE tas-16 ta' Frar 2009 li timplimenta l-Ftehim konkluż mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, u li temenda d-Direttiva 1999/63/KE (ĠU L 124, 20.5.2009, p. 30).<br><br>Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti (ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19). |
| Drittijiet tal-passiġġieri | Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1). |
| Apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr | Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE (ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1). |
| L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima | Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1). |
| Il-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti | Ir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru tal-2002 li jistabbilixxi Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) u li jemenda r-Regolamenti dwar is-sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn bastimenti (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1). |
| Servizzi Portwarji | Ir-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (ĠU L 57, 3.3.2017, p. 1). |
| Single Window Marittima | Ir-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 64). |
| Ambjent | Id-Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 58).<br><br>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/253 tas-16 ta' Frar 2015 li tistipula r-regoli rigward il-kampjunar u r-rappurtar skont id-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE fir-rigward tal-kontenut tal-kubrit tal-fjuwils marittimi (ĠU L 41, 17.2.2015, p. 55). |

*ANNESS I.5*

## REGOLI APPLIKABBLI GĦAT-TRASPORT BIL-PASSAĠĠI FUQ L-ILMA INTERNI

Id-"Dispożizzjonijiet applikabbli" tal-atti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin għandhom ikunu applikabbli f'konformità mat-Trattat Prinċipali u l-Anness II dwar adattamenti orizzontali sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-Anness jew fil-Protokolli I sa VI. Fejn meħtieġ, hawn taħt qed jiġu stabbiliti wkoll l-adattamenti speċifiċi għal kull att individwali.

L-atti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin jirreferu għall-aħħar verżjoni ta' dawn l-atti kif ġew emendati l-aħħar.

| Qasam regolatorju | Leġiżlazzjoni |
|---|---|
| Aċċess għas-suq | Ir-Regolament Tal-Kunsill (KE) Nru 1356/96 tat-8 ta' Lulju 1996 dwar regoli komuni li japplikaw għat-trasport ta' merkanzija jew passiġġieri permezz tal-passaġġi fuq l-ilma interni bejn l-Istati Membri bil-għan li tiġi stabbilita l-libertà li jiġu pprovduti tali servizzi tat-trasport (ĠU L 175, 13.7.1996, p. 7).<br><br>Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3921/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom dawk it-trasportaturi li mhumiex residenti jistgħu jittrasportaw merkanzija jew passiġġieri permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni ġewwa Stat Membru (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 1).<br><br>Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 tad-29 ta' Marzu 1999 dwar il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 90, 2.4.1999, p. 1).<br><br>Id-Direttiva tal-Kunsill 96/75/KE tad-19 ta' Novembru 1996 dwar is-sistemi ta' kiri u prezzar fit-trasport nazzjonali bil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 304, 27.11.1996, p. 12).<br><br>Ir-Regolament tal-Kunsill Nru (KEE) Nru 2919/85 tas-17 ta' Ottubru 1985 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-arranġamenti taħt il-Konvenzjoni Riveduta dwar in-navigazzjoni fuq l-ixmara Rhine fir-rigward ta' bastimenti li huma tan-Navigazzjoni tar-Rhine (ĠU L 280, 22.10.1985, p. 4). |
| Aċċess għall-professjoni | Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 87/540/KEE tad-9 ta' Novembru 1987 dwar l-aċċess għax-xogħol ta' trasportatur ta' merkanzija fuq il-passaġġi fuq l-ilma fi trasport nazzjonali u internazzjonali u dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali għal dan ix-xogħol (ĠU L 322, 12.11.1987, p. 20).<br><br>Id-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 91/672/KEE u 96/50/KE (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 53).<br><br>Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/12 tat-2 ta' Awwissu 2019 li tissupplimenta d-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards għall-kompetenzi u għall-għarfien u l-ħiliet korrispondenti, għall-eżamijiet prattiċi, għall-approvazzjoni tas-simulaturi u għall-istat mediku (ĠU L 6, 10.1.2020, p. 15).<br><br>Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/473 tal-20 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards dwar il-bażijiet tad-*data* għaċ-ċertifikati ta' kwalifika tal-Unjoni, il-kotba tar-rekords tas-servizz u l-ġurnali ta' abbord (ĠU L 100, 1.4.2020, p. 1).<br><br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/182 tal-14 ta' Jannar 2020 dwar il-mudelli fil-qasam tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna (ĠU L 38, 11.2.2020, p. 1). |
| Ċertifikati tal-boatmasters | Id-Direttiva tal-Kunsill 91/672/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-boatmasters nazzjonali għat-trasportazzjoni ta' merkanzija u ta' passiġġieri permezz ta' passaġġi interni fuq l-ilma (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 29).<br><br>Id-Direttiva tal-Kunsill 96/50/KE tat-23 Lulju 1996 dwar l-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-akkwist taċ-ċertifikati nazzjonali tas-sidien tad-dgħajjes għat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz ta' passaġġi tal-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 31). |

| | |
|---|---|
| Rekwiżiti tekniċi/ta' sikurezza | Id-Direttiva 2009/100/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' liċenzji ta' navigabbiltà għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 259, 2.10.2009, p. 8).<br><br>Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).<br><br>Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/970 tat-18 ta' April 2018 li temenda l-Annessi II, III u V tad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 174, 10.7.2018, p. 15).<br><br>Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1668 tas-26 ta' Ġunju 2019 li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 256, 7.10.2019, p. 1).<br><br>Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/474 tal-20 ta' Jannar 2020 dwar il-Bażi tad-*Data* Ewropea dwar il-Buq (ĠU L 100, 1.4.2020, p. 12).<br><br>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1122 tat-28 ta' Lulju 2020 dwar ir-rikonoxximent ta' DNV GL AS bħala soċjetà tal-klassifikazzjoni għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 245, 30.7.2020, p. 15).<br><br>Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE (ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1). |
| Trasport intern ta' oġġetti perikolużi | Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13). |
| Servizzi ta' informazzjoni Xmajjar servizzi | Id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 152).<br><br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 909/2013 tal-10 ta' Settembru 2013 li jiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sistema tad-displej tal-mapep elettroniċi u tal-informazzjoni għan-navigazzjoni interna (ECDIS Interna) kif imsemmija fid-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 258, 28.9.2013, p. 1).<br><br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 416/2007 tat-22 ta' Marzu 2007 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-Avviżi lill-Kaptani kif imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil- Komunità (ĠU L 105, 23.4.2007, p. 88).<br><br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 414/2007 tat-13 ta' Marzu 2007 dwar il-linji gwida tekniċi għall-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-użu operazzjonali tas-servizzi ta' informazzjoni tax-xmajjar (RIS) imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 105, 23.4.2007, p. 1).<br><br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2032 tal-20 ta' Novembru 2018 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 416/2007 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-Avviżi lill-Kaptani (ĠU L 332, 28.12.2018, p. 1).<br><br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1973 tal-7 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 909/2013 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sistema tad-displej tal-mapep elettroniċi u tal-informazzjoni għan-navigazzjoni interna (ECDIS Interna) kif imsemmija fid-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 324, 19.12.2018, p. 1). |

| | |
|---|---|
| | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/838 tal-20 ta' Frar 2019 dwar speċifikazzjonijiet tekniċi għal sistemi ta' trekkjar u traċċar tal-bastimenti u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 415/2007 (ĠU L 138, 24.5.2019, p. 31).<br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1744 tas-17 ta' Settembru 2019 dwar speċifikazzjonijiet tekniċi għar-rapportar elettroniku tal-vapuri fin-navigazzjoni interna u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 164/2010 (ĠU L 273, 25.10.2019, p. 1). |
| Ambjent (kwalità tal-arja) u Tibdil fil-klima | Id-Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, tad-diżil u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 88).<br>Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53). |
| Drittijiet tal-passiġġieri | Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1). |
| Informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija | Ir-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 33). |
| Ħin tax-xogħol | Id-Direttiva tal-Kunsill 2014/112/UE tad-19 ta' Diċembru 2014 li timplimenta l-Ftehim Ewropew dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni konkluż mill-Unjoni tan-Navigazzjoni Interna (EBU), l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Kaptani (ESO) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) (ĠU L 367, 23.12.2014, p. 86). |

*ANNESS I.6*

REGOLI TAL-AMBJENT APPLIKABBLI GĦAS-SETTUR TAT-TRASPORT

Id-"Dispożizzjonijiet applikabbli" tal-atti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin għandhom ikunu applikabbli f'konformità mat-Trattat Prinċipali u l-Anness II dwar adattamenti orizzontali sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-Anness jew fil-Protokolli I sa VI. Fejn meħtieġ, hawn taħt qed jiġu stabbiliti wkoll l-adattamenti speċifiċi għal kull att individwali.

L-atti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin jirreferu għall-aħħar verżjoni ta' dawn l-atti kif ġew emendati l-aħħar.

| Qasam regolatorju | Leġiżlazzjoni |
|---|---|
| Valutazzjoni tal-effetti | Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata mid-Direttiva 2014/52/UE. (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).<br>u l-Konvenzjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali tal-1991 (il-Konvenzjoni Espoo).<br>Il-proġetti kollha elenkati fl-Anness I tad-Direttiva VIA li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-VIA. Il-proġetti kollha elenkati fl-Anness II tad-Direttiva VIA li jaqgħu taħt l-ambitu tat-Trattat għandhom ikunu soġġetti għal determinazzjoni dwar jekk dawn jenħtieġx li jkunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-VIA. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aspetti transkonfinali jiġu indirizzati f'konformità mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni Espoo.<br>Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30)<br>u l-Protokoll dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika tal-Konvenzjoni Espoo (il-Protokoll SEA).<br>Il-pjanijiet u l-programmi kollha fil-qasam tat-Trasport għandhom, fejn applikabbli, ikunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika u tal-protokoll dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika tal-Konvenzjoni ta' Espoo. Jekk l-implimentazzjoni ta' pjan jew ta' programm tkun probabbli li jkollha effetti ambjentali transkonfinali sinifikanti, jew meta Parti li x'aktarx tkun affettwata b'mod sinifikanti titlob hekk, jenħtieġ li ssir konsultazzjoni transkonfinali skont id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll SEA (l-Artikolu 10) u/jew id-Direttiva SEA (l-Artikolu 7). |
| Konservazzjoni | Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).<br>Jekk proġett ikun probabbli li jaffettwa siti ta' importanza ta' konservazzjoni tan-natura, għandha ssir valutazzjoni xierqa tal-konservazzjoni tan-natura, ekwivalenti għal dik prevista fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE.<br>Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1-18), emendata bid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7). |
| Karburanti, kwalità tal-arja u tibdil fil-klima | Id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58).<br>Id-Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 58). |

| Qasam regolatorju | Leġiżlazzjoni |
|---|---|
| Politika tal-ilma | Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).<br><br>Il-proġetti kollha tat-trasport dwar in-navigazzjoni li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan it-Trattat jenħtieġ li jiġu żviluppati u implimentati f'konformità mal-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE.<br><br>Il-proġetti kollha tat-trasport dwar in-navigazzjoni li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan it-Trattat jenħtieġ li, fejn applikabbli, jitwettqu f'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar in-Navigazzjoni Interna u s-Sostenibbiltà Ambjentali fil-Baċir tax-Xmara Danubju kif approvata mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tax-Xmara Danubju (ICPDR), il-Kummissjoni tad-Danubju u l-Kummissjoni Sava. |
| Storbju | Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali - Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fil-Laqgħa Konċiljatorja dwar id-Direttiva relatata mal-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12). |

*ANNESS I.7*

## REGOLI TA' AKKWIST PUBBLIKU APPLIKABBLI GĦAS-SETTUR TAT-TRASPORT

Id-"Dispożizzjonijiet applikabbli" tal-atti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin għandhom ikunu applikabbli f'konformità mat-Trattat Prinċipali u l-Anness II dwar adattamenti orizzontali sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-Anness jew fil-Protokolli I sa VI. Fejn meħtieġ, hawn taħt qed jiġu stabbiliti wkoll l-adattamenti speċifiċi għal kull att individwali.

L-atti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin jirreferu għall-aħħar verżjoni ta' dawn l-atti kif ġew emendati l-aħħar.

| Qasam regolatorju | Leġiżlazzjoni |
|---|---|
| Proċeduri ta' rieżami | Id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (ĠU L 395, 30.12.1989, p. 33). |
| | Id-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE tal-25 ta' Frar 1992 li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni (ĠU L 76, 23.3.1992, p. 14). |
| Proċeduri tal-akkwist | Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1). |
| | Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65). |
| | Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243). |
| | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1986 tal-11 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 842/2011 (ĠU L 296, 12.11.2015, p. 1). |
| Servizzi pubbliċi | Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 u (KEE) Nru 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1). |
| | Ir-Regolament (UE) 2016/2338 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 22)." |

# DEĊIŻJONI Nru 1/2023 TAL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT DWAR IL-KOORDINAZZJONI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI STABBILIT MILL-ARTIKOLU 8(1)(P) TAL-FTEHIM DWAR IL-KUMMERĊ U L-KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, MINN NAĦA, U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ, MIN-NAĦA L-OĦRA,

**tal-10 ta' Marzu 2023**

**fir-rigward tal-użu tal-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali għat-trażmissjoni tad-*data* bejn l-istituzzjonijiet jew il-korpi ta' kollegament [2023/698]**

IL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT DWAR IL-KOORDINAZZJONI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ([1]) (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), u b'mod partikolari l-Artikolu SSCI.4(2) tal-Protokoll tiegħu dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu SSCI.71(4) tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali), għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dak il-protokoll, ir-Renju Unit jista' jieħu sehem fl-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali u jġarrab il-kostijiet relatati.

(2) Skont l-Artikolu SSCI.4(2) tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali, it-trażmissjoni tad-*data* bejn l-istituzzjonijiet jew il-korpi ta' kollegament tal-Istati Membri u tar-Renju Unit tista', soġġett għall-approvazzjoni tal-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali, titwettaq permezz tal-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali. Sa fejn il-formoli u d-dokumenti jiġu skambjati permezz tal-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali, dawn għandhom jirrispettaw ir-regoli applikabbli għall-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali.

(3) L-użu tal-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali jkun ta' benefiċċju għall-Istati Membri u r-Renju Unit, l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-persuni li jiċċaqilqu bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit, peress li jiżgura skambju aktar rapidu, preċiż u sigur ta' informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali skont il-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali. Għalhekk jenħtieġ li l-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali jadotta deċiżjoni biex japprova t-trażmissjoni tad-*data* permezz tal-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali.

(4) Il-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali jinnota li, filwaqt li r-regoli dwar il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali stabbiliti fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([2]) huma legalment separati minn dawk stabbiliti fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, l-Artikolu 34(2) tal-ftehim preċedenti jipprevedi li r-Renju Unit għandu jieħu sehem fl-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI) u jġarrab il-kostijiet relatati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-trażmissjoni tad-*data* bejn l-istituzzjonijiet jew il-korpi ta' kollegament tal-Istati Membri u tar-Renju Unit għandha titwettaq permezz tal-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal sitwazzjonijiet eċċezzjonali u oġġettivament ġustifikati.

*Artikolu 2*

Ir-Renju Unit għandu jġarrab il-kostijiet relatati li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni tiegħu fl-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali skont l-Artikolu SSCI.71(4) tal-Protokoll dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali.

([1]) ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.
([2]) ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell u f'Londra, l-10 ta' Marzu 2023.

*Għall-Kumitat Speċjalizzat dwar il-Koordinazzjoni tas-Sigurtà Soċjali*

*Il-Kopresidenti*

Jordi CURELL GOTOR

Ronan O'CONNOR

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT